# IX-XEWWIEX MINN NAZARET

(A Man's House)

Ta' John Drinkwater

Maqluba ghall-Malti minn

Louis Azzopardi

This play has been censored by the undersigned and found fit for exhibition to persons of ANY AGE – UNIVERSAL

Charles D. Cini
February 4, 1983

Persunaggi:-

SALATHIEL (merkant ghani ta' Gerusalemm)
~~DEBORAH~~ NATHAN (~~Ohtu~~ Huh)
✓ ESTHER (Bintu l-kbira)
✓ RACHEL (Bintu z-zghira)
MATHIAS (Ibnu)
DAVID (Il-Mahbub ta' Rachel)
LEVI (Merkant iehor)
ISAAC (Haznadar ta' Salathiel)
JACOB (Wiehed mill-qaddejja tieghu)
CENTURJUN RUMAN
BARNABAS (Missier David, ufficjal pubbliku)
SKRIVAN
QADDEJJ (ta' Salathiel)

I Att - id-dar ta' Salathiel f'Gerusalemm.
II Att - l-istess. Wara nofsinhar ta' l-ghada.
III Att - l-istess. Wara sebat ijiem. l-ewwel Hadd ta' l-Ghid.

Tg/Lpf. Kalkara 21/1/80

~~N.B. [illegible]~~

## L-EWWEL ATT.

XENA:- Id-dar ta' Salathiel f'Gerusalemm. Terrazzin imsaqqaf fuq il-bejt ta' l-ahhar sular tad-dar, jaghti ghal fuq l-gholjiet.

Hin:- Filghaxija ta' jum sabih tar-Rebbiegha.

ESTHER tidher bil-qeghda fuq il-lemin tat-terrazzin. Bhalissa qed jinstama' daqq ta' qniepen in-nghag imzewwaq b'daqq ta' zummara. ESTHER hija xebba ghamja. Tqum bilwieqfa, tinzel fil-kamra l-hin kollu tteftef bex issib it-tambur tar-rakkmu taghha. Ghandha sebgha u ghoxrin sena. Xebba x'aktarx bla sabar - madanakollu tintebah minnufih b'kull ma jkun qed jigri madwarha, kif ukoll taghraf tajjeb il-bixra ta' kull minn ikun hdejha fil-kamra. Mhix ta' karattru dghajjef, imma lanqas mhi maghluqa fiha nfisha minhabba l-ghama taghha. Tigbed lejn l-iskrivanija fuq il-lemin minn fejn tiehu it-tambur tar-rakkmu, terga' tmur lura u mill-gdid toqghod bil-qeghda fejn kienet qabel fit-terrazzin. Habta u sabta l-hemda tinkiser mill-lehen frattarjus ta' Salathiel, neguzjant ghani u impressjonanti mhux ftit ta' hamsa u hamsin sena. Tassew jista' jitqies bhala wahda mill-kolonni ewlenin tal-ligi l-qadima, b'dan kollu dil kolonna hija mixquqa u, bid-dieher, qeghda titfarrak ftit ftit minhabba rih ta' idejat u fehmiet liberali li jhabbtu maghha bla hedu.

1. SALATHIEL — (Minn barra u waqt li jkun diehel fil-kamra minn fuq il-lemin) Rachel!....Rachel!....(Jaqsam lejn ix-xellug u jmur ghan nofs it-terrazzin) Ah!....Esther, hanini.....(Lehnu jsir aktar hlejju) Fejn hi Rachel?

2. ESTHER — Jiena ma nistax inkun naf, hux tassew?

3. SALATHIEL — (Imur hdejn Esther u jqieghed idu fuq spallitha b'turija ta' mhabba) Dazgur!....Dazgur!.... Aktar jien wkoll!...(Jerga' jinzel fil-kamra) Imma fejn setghet marret?

4. ESTHER — Hargitx barra?

5. SALATHIEL — Dik hi. Jiena ma rridhiex tohrog barra.

6. ESTHER — M'hemmx ghalfejn tghajjat mieghi! Jien ma nahti xejn!

7. SALATHIEL — (Jerga' jmur hdejha) Le... Le...Dazgur, hanini... inti ma tahti xejn, dazgur....Jiena m'inhix nghajjat mieghek, taf. Imma mgiba bhal dik lili ma tinzillix. Ghaxar minuti ilu fil-gnien hdejja kienet. Ftit wara, meta dort biex inkellimha, ma sibtihiex aktar!

(Id-daqq taz-zummara jieqaf)

8. ESTHER — Jiena nghid li kollu htija ta' David.

9. SALATHIEL — (Waqt li jkun niezel minn fuq it-terrazzin ghall-kamra)Dik hi! David! Tiggerra mieghu kif qeghda taghmel!...u bla misthija wkoll! (Issa lahaq in-naha tax-xellug tal-kamra)

10. ESTHER — Kollu htija tieghek. Int qed thassarha.

11. SALATHIEL — Mhux tassew!

12. ESTHER — Iva, mhux le. Dejjem hekk ghamilt int.

1. SALATHIEL — Ma nistax insakkarha gewwa.

2. ESTHER — Ghala le?

3. SALATHIEL — Issa ma tarax, hanini? Mhix xi tifla zghira. Illum saret mara.

4. ESTHER — Mhix ghajr tifla fessuda.

5. SALATHIEL — (Fuq it-targiet tat-terrazzin) Kollox sew. X'se naqbad naghmel?

6. ESTHER — Uri li f'darek int il-kmand.

7. SALATHIEL — Dazgur li jien il-kmand. Dejjem jien kont. Ommok, Alla jaghtiha l-mistrieh ta'dejjem, kienet intebhet b'dan.

8. ESTHER — Imma Rachele hija maghguna xorta ohra. Jew, ghallinqas, tahseb li hi. Lili ghandha bzonn min jghallimha.

9. SALATHIEL — (Jaqsam ghan-naha tax-xellug) Fejn naf, kieku kien xi zaghzugh tar-rispett, ma kontx inkun daqshekk inhassab dwarha.

(RACHEL tidhol minnfuq il-lemin)

Imma dan iz-zaghzugh David.......

10. RACHEL — (Tfegg fil-bieb tal-kamra) X'intom tghidu fuq David?

11. SALATHIEL — (Imur joqghod fit-tarf tax-xellug tas-sufan) Tista' tghidli fejn kont?

12. RACHEL — (Dsatax il-sena, ta' karattru fokus, meqjus fiha nfisha, imzejna bi gmiel is-zoghzija) Fil-gnien. nitkellem ma zija DEBORAH. (tersaq 'l quddiem fic-centru lemini)

13. SALATHIEL — Ma rajtekx. Gejt infittxek.

14. RACHEL — Naf.

15. SALATHIEL — Kont taf li qed infittxek?

16. RACHEL — (Tersaq ma genbu) U kemm qed igibha bi kbira dak il-fessud tieghi, x'wahda din!

17. SALATHIEL — Jien m'inhix fessud.... u lanqas ma rrid inkun qeghda tisma'?

18. RACHEL — Dazgur li trid.

(Tressqu lejn is-sufan. Hi toqghod bil-qeghda ghan-nofs. SALATHIEL jibqa' bil wieqfa quddiemu imma lejn ix-xellug.)

U issa ghidli x'inqala' dwar David?

19. SALATHIEL — Nghidlek bil-qawwa kollhali ma naqbel xejn.....

20. RACHEL — Iz-zija Deborah dejjem tghidli........

21. SALATHIEL — Jiena ma jimpurtanix x'tghidlek iz-zija Deborah..

22. RACHEL — Imma z-zija Deborah hija bniedma gharfa......

23. ESTHER — (Tahtafha) Toqghodx tmerghih lil missierek.

24. SALATHIEL — Kollox sew, hanini....(Joqghod bilqeghda fuq is-sufan fuq il-lemin ta' RACHEL)

25. ESTHER — Tajjeb hafna. Ibqa hassarha kif qed taghmel, mela.

26. RACHEL — Mhu qed ihassarni xejn! Mhux tassew? Ghalfejn dal plejtu kollu? David ta' min jorbot fuqu daqsna, mhux hekk?.

1\. SALATHIEL Socjalment, m'ghandi xi nghid xejn fih. Imma x-xejriet li jhaddan inehhulu kull tama li xi darba ghad jista' jigi milqugh minni. Inti taghmel sehem minn familja qadima u mgieha mhux ftit ta' Gerusalemm. (Jizbel xi ftit) Qieghed inwissik li ma nhallik qatt tithallat ma' nies li tabilhaqq huma theddida hajja ghal dak kollu li hu mizmum fuq wicc l-idejn u meqjum mhux ftit fostna. Ma nghidx li m'ghadx hemm hafna x'jitjieb f'Gerusalemm, u ma rrid nimqos u nlum lil hadd minhabba f'hekk. (Iqum bil-wieqfa u jersaq lejn ix-xellug) Izda daz- zaghzugh huwa maghruf minn kulhadd. Igelled lil niesu stess ma'xulxin. Tkellimt ma' missieru li, nista' nghidlek, ma jaqbel xejn - u bil-qawwa kollha wkoll - ma' l-ingieba ta' ibnu.

2\. RACHEL (Tqum bilwieqfa u tmur fuq il-lemin ta' SALATHIEL) Imma, ghallinqas, ma nistax inkun naf x'ghamel David?

3\. SALATHIEL X'ghamel? Taf tajjeb hafna x'ghamel.

4\. ESTHER Dejjem ikun ihuf madwar dak in-Nazzaraenu.

5\. RACHEL (Iddur mat-tarf tax-xellug tas-sufan ghal warajh M'hemmx ghalfejn issejjhalu"dak in-Nazzarenu", kif ghamilt . Ismu huwa GESU.

6\. ESTHER Tkunx impertinenti.

7\. RACHEL Jisghobbija, Esther, (Issa qeghda fit-tarf tal-lemin tas-sufan)

8\. SALATHIEL Qabel kellek ghaqal biex tbiegh... u issa donnok trid taqleb kollox ta' taht fuq!

9\. RACHEL (Waqtli ddur mat-tarf tal-lemin tas-sufan u tmur quddiemu) Ma rrid naqleb xejn jien. Imma ghaliex kulhadd irid jindahal fejn ma jesghux u jghid x'fehmiet ghandu jhaddan haddiehor? Gesu ma jrid jiksirha ma' hadd.

10\. SALATHIEL Sejra mqarrqa, binti. Hu jrid igarraf is-sisien li fuqhom hija mibnija s-socjeta' taghna.

11\. RACHEL Le, Pa....mhux hekk. Iz-zija Deborah tghid....

12\. SALATHIEL Se tieqaf ittenni xi jghid iz-zija Deborah darba ghal dejjem?

... (~~DEBORAH~~ NATHAN jidhol mill-lemin, bi ktieb jew parcmina mgerrba f'idu. Hu akbar minn huh bi ftit snin, x'aktarx li hu bniedem tal hsieb, imma ma jaghtix kas persunitu. Bixrietu hija dik ta' bniedem rfinat li jaf jwiegeb ghall kull mistoqsija li ssirlu bla ma jtbazza xejn minnha)

(RACHEL titla fuq it-terrazzin)

13\. ~~DEBORAH~~ NATHAN Aghdirni, Salathiel... ma qtajtlekx kliemek, hux?

14\. SALATHIEL (Jaqsam ghan-nofs) Lanqas xejn. Irrid nghidlek kelma, ~~Deborah~~ NATHAN. Ghandek tkun taf li qed jigru hafna affarijiet f'did-dar li jiena nixtieqhom jieqfu minnu fih.

15\. ~~DEBORAH~~ NATHAN (Fuq il-lemin ghac-centru) Tabilhaqq!

16\. SALATHIEL Xi tfisser "tabilhaqq"? Qieghed nghidlek, jiena ma rridhomx. Dik iz-zaghzugha qeghda tiehu r-rih wisq.

17\. ~~DEBORAH~~ NATHAN Jiena zgur li hija zaghzugha tajba hafna.

(RACHEL terga' tinzel fil-kamra)

1. SALATHIEL — Jistal jkun. B'dana kollu ceghda tinsa xi affarijiet li jmissha tiftakar il-hin kollu.... li ahna 'lkoll imissna niftakruhom il-hin kollu.

2. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Dersaq aktar lejn Salathiel) Hekk ceghda taghmel?

3. SALATHIEL — Iva, dan li ceghda taghmel. U int lanqas biss ma tghinnha ftit biex tiftakar. (Jigi magenb ~~Deborah~~ NATHAN, ghan-nofs imma lejn il-lemin)

4. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Jisghobija, Salathiel.

5. SALATHIEL — Ara, ~~Deborah~~ NATHAN, ha nitkellem car mieghek. Jien nista' ngerrah bosta xorti, u ghal zmien twil wkoll. Nahseb li tifhem kemm ili niehu pacenzja.

6. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Tazgur li nifhem, Salathiel. Mieghi kont qalbek hanina hafna.

7. SALATHIEL — Mela, la t-tnejn ceghdin nitkellmu car, nista' nghidlek li hadt pacenzja hafna bik. Ghal dawn l-ahhar hmistax il sena zammejtek hawn, tmajtek u raqqadtek, ma taghmel xejn ghajr thazzez u tharbex u titkellem......

8. RACHEL — Pa.....

9. ESTHER — Aghlaq halqek int, Rachel.

(Rachel tmur toqghod bilqeghda fuq banketta baxxa fit-terrazzin)

10. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Naf....Naf.....

11. SALATHIEL — Imma ma jimpurtax. Ma ngergirx. U lanqas ma jisghobbini. Hekk halqek il-Mulej, u hadd ma jahmel jara lil niesu jmutu bil-guh!

12. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva, kont qalbek tajba hafna mieghi. (Tghaddi lejn il-lemin u tintasab bil ceghda fuq babketta)

13. SALATHIEL — M'inhix ced incanfrek. U ma kont nasal biex ihsemmiha qatt kaga bhal din kieku minhabba l-bicca li nqalghet. (Imur aktar lejn il-lemin) Jiena ma jimpurtanix kif tahsibha int; lanqas m'jien se noqghod nitbaqbaq ghax f'Gerusalemm ceghdin ixerduha li f'daru Salathiel ced izomm lil ohtu li ma taghmilx gieh la d-ditta u l-anqas lit-taghlim ta' missirijietu. Ghalija tista' tibqa' thazzez u tharbex kemm trid, u titkellem ma' dawk li ghandhom ghaqal bizzejjed biex ma jaghtukx widen. Imma mohh binti ma rridux jithassrilha, ced tifhem?

14. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Lil Rachel inhobbha daqskemm kieku kienet binti.

15. SALATHIEL — Dwar dan int ma tistax titkellem ghax ma tifhimx. (~~Deborah~~ NATHAN terfa' ghajnejha 'l fuq) Ma nixtieqx inkun qalil mieghek, izda jehtieg li nkun iebes. (Idur mas-sufan u jieqaf wara t-tarf tal-lemin tieghu) Daz-zaghzugh David huwa wiehed mis-segwaci tan-Nazzarenu. Lil binti ma rridhiex titnigges bi hbiberija bhal din, u lilek ced nammonik milli toqghod thajjarha u tqawwilha qalbha.

16. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Waqt li tqum bil-wieqfa) Imma int lil Gesu ta' Nazareth qatt smajtu jitkellem?

1. SALATHIEL — La smajtu, u lanqas ma rrid nisimghu. It-twemmin tieghu qed jaghmel hafna hsara.

2. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Tmur lejn il-lemin) Mhux hekk, Salathiel. Hu jippriedka l-imhabba.

(ESTER tqieghed ix-xoghol ta' idejha fl-art)

3. SALATHIEL — Hu jippriedka t-tigrif tat-tempju. Qed jichad kull ghamla ta' haqq. Mhux ghajr ifassal rewwiexat.... u rvellijiet.

4. ~~DEBORAH~~ NATHAN — U jien, kull darba li nisimghu jitkellem, nghid bejni u bejn ruhi, min jaf jekk hux tabilhaqq il-Messija?!

5. SALATHIEL — (Jinhasad) Dik daghwa! Il-Messija ghandu jigi biex iwaqqaf saltna. Imma ma rridx nogghod inhaqqagha mieghek. Inti taf kif nahsibha jien. Ghal hekk gib rispett lil fehmiet tieghi. (Jintasab bil-qeghda fuq isggu n-naha tax-xelluq tat-terrazzin)

6. ESTHER — Zija Deborah, din l-imhabba li qed titkellem dwarha, int ma temminx fiha, hux tassew?

7. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Tersaq aktar 'l fuq) Meta Hu jitkellem dwarha, nahseb li nkun qed nemmen.

8. ESTHER — Alla ta' Mhabba! Tassew ta' l-ghageb, mhux hekk?... (Habta u sabta, b'qilla f'lehinha waqt li thares 'l isfel tul il-palk) Lili min ghamilni ghamja?

9. SALATHIEL — (Iqum bil-wieqfa u jmur fuq ix-xellug ta' ESTHER) Hanini.....

(RACHEL tqum u tmur lejn ix-xellug fuq targa li tiehu ghat-terrazzin)

10. ESTHER — Le, tkunux sentimentali f'gieh Alla. Issa xbajt kulhadd jurini hniena. Ghal ghaxar snin shah ili ngerraghha din l-imgieba. Minn dik il-gurnata li fiha grat id-disgrazzja.... ilkoll kemm intom ma ghamiltux hlief taghdruni. X'jiswieli dan kollu lili? Ghaliex ghandi nkun ghamja? Ilkoll tahsbu li dejjem qghadt ghal kull ma kontu tghiduli.... miskina Esther.... daqshekk qalbiena, hux tassew?... Tajjeb, mela jekk tridu tkunu tafu, jiena qatt ma baxxejtha rasi.... jiena m'inhix qalbiena... jiena noboghdu lil dak alla li gaghalni nkun ghamja. U issa, fid-dwejjaq u n-niket tieghi jkolli ngerragh dat-tpacpic fieragh f'dari dwar Alla ta' Mhabba!

11. SALATHIEL — Ghandek ragun, hanini... ghandek ragun. Tassew ma fihiex sens. Imma haga bhal din m'ghandekx thallieha ddejqek.

12. ESTHER — Mela waqqafhom darba ghal dejjem.

13. SALATHIEL — (Lill-ohrajn) Intomx taraw!... Xejn hlief hsara ma titnissel minn dan kollu.

14. RACHEL — (Tersaq lejn ESTHER) Jisghobbija, Esther. Ma kontx naf li tahsibha hekk. (Togghod bil-qieghda 'l hinn mis-sufan)

15. ESTHER — Ejjew ma nsemmghu xejn aktar dwar dil-haga. Nitlobkom tahfruli jekk ghamilt plejtu. (Terga' togghod bil-qieghda)

16. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Il-bieraht lura lil Gesu smajtu jghid....

17. SALATHIEL — (Imur fuq il-lemin tas-sufan) F'did-dar ma rridx nisma' min itenni lkiemu.

18. ~~DEBORAH~~ NATHAN — B'dankollu, dan l-ahhar dehert li kellek mohhok aktar miftuh, Salathiel. Ix-xoghol li qed twettaq fost il-fqar....

1. SALATHIEL — Jista' jkun... imma, b'dankollu ma nistax naghlaq ghajn wahda meta s-sisien li fuqhom hija mibnija s-socjeta taghna huma mhedda. U dal-bniedem qed jheddidhom. (Jitla' fit-terrazzin u jmur fuq ix-xellug ta' ESTHER) Esther, hanini.... jisghobbija li kellu jinqala' dan kollu. Kompli bir-rakkmu.

(DEBORAH tqieghed ktieb, jew parcmina, li jkollha f'idha f'Kasella ta' fuq l-iskrivanija)

2. ESTHER — Grazzi. Ikollkom hniena minn dis-saghzugha ghanja.

3. SALATHIEL — Isa... isa... m'ghandekx titkellem hekk. (Jittawwal 'l barra minn fuq il-balavostri)

4. LEVI — (Minn barra t-triq) Is-sliem ghalik, Salathiel!

(~~DEBORAH~~ NATHAN imur hdejn RACHEL 'l fuq mis-sufan u flimkien jersqu lejn siggu fit-terrazzin. ~~DEBORAH~~ NATHAN joqghod bil-qieghda fuqu. HI tintasab bil-qeghda fuq it-targiet hdejn saqajh. QADDEJ - ragel - jidhol minn fuq il-lemin b'musbieh - ghamla ta' dawk imsejhin ta' Aladin - u jqieghdu fit-tarf tax-xellug ta' l-iskrivanija. 'Spot light' minn barra l-palk jaghti mpressjoni ta' dawl minn dal-musbieh. ISAAC jidhol ftit wara bl-inbid u bi qduh tax-xorb; imur igib il-mejda minn naha ta' fuq tal-palk fuq il-lemin u jarmaha ftit 'l isfel u fuq il-lemin tas-sufan. Il-QADDEJ (ragel) imur igib banketta minn naha t'isfel, fuq il-lemin, u jqeghdha fuq il-lemin tal-mejda. ISAAC igib banketta minn hdejn l-iskrivanija u jqeghda fuq ix-xellug tal-mejda, jaghmel sinjal lill-QADDEJ biex johrog u hu johrog warajha minn fuq il-lemin.)

5. SALATHIEL — is-sliem ghalik, Levi.

6. LEVI — Smajt?

7. SALATHIEL — Dwar x'hiex?

8. LEVI — Dwar in-Nazzarenu.

9. SALATHIEL — Le... X'inqalà? Ghax ma titlax hawn? (Imur lejn il-bieb tal-kamra u wara ftit jilqa' lil LEVI, neguzjant iehor ghani u li qed jaghmilha tajjeb bhalu)

10. LEVI — (Jiehu b'idejn SALATHIEL) Qed inxommha tinten dil-bicca xoghol. (Imur fuq it-terrazzin) Is-sliem ghalikom.... Esther.... Rachel.

(SALATHIEL imur joqghod wara l-mejda ta' l-inbid)

11. ESTHER & RACHEL — (Flimkien) Is-sliem ghalik.

12. LEVI — (iebes) Is-sliem ghalik, Deborah.

13. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Is-sliem ghalik, Levi.

14. LEVI — (Ihares lejn ~~DEBORAH~~ NATHAN) Imhabba xejn?

15. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Le... mhux wisq.

16. LEVI — Ilkoll jehtigilna mmiddu ghonqna ghax-xoghol f'dawn iz-zmenijiet. (Jersaq fuq ix-xellug ta' SALATHIEL)

17. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Hekk hu, Levi.

18. SALTHIEL — X'inqala', ghid?

1. LEVI — Dalghodu kelli ghax nibghat wiehed mill-iskrivani tieghi sa Betanja fuq xoghol...

2. SALATHIEL — Iva? Oqghod bil-qeghda. Tridni nferraghalek ftit inbid?

3. LEVI — Grazzi. (Jghaddi minn quddiem il-mejda u jmur jinsab bil-qeghda fuq banketta fuq il-lemin tal-mejda) X'kont qed inghid?... Eh, iva! ... bghattu Betanja! Ghadu kif gie lura. Lin-Nazzarenu rah f'lukanda flimkien ma' dawk li hu jsejjah id-dixxipli tieghu. Kienu qeghdin jitkellmu bejniethom. Il-bicca l-kbira tat-tahdita hu ma sata' jifhem xejn minnha. B'dan kollu, minn dak li sata' jaqbad, jidher li ghada filghodu niezlin Gerusalemm bi hgarhom. Qalli li f'Betanja kien hemm hafna barranin, kollha segwaci tan-Nazzarenu... kif deherlu hu.

4. SALATHIEL — Eh! Nghidu ahna bhal speci ta' dahla trionfali, hux tassew? (Joqghod bil-qeghda fuq il-banketta ghaxxellug tal-mejda)

5. LEVI — Mhux hekk, imma l-haga kurjaza hi li lin-Nazzarenu semghu jghid li jrid jidhol Gerusalemm riekeb fuq hmar. Tnejn minn ta' madwaru kellhom imorru jhejjulu wiehed ghal-lest.

(Issa jinsabu t-tnejn madawar il-mejda bil-qduh ta' l-inbid quddiemhom)

6. SALATHIEL — (Lil DEBORAH) Ma tghid xejn issa dwar dal-Messija ta' mohhok?

7. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Xi tridni nghid? Hekk hu maghmul hu! M'hemm xejn gdid

8. LEVI — M'ghandniex xi nghidu, affarijiet tac-cajt, imma l-iskrivan tieghi hassu fuq ix-xwiek dwar dan kollu. U hekk qed inhossni jiena wkoll. Irid jghid li waqt li qaghad jismaghhom jitkellmu bejniethom, gara li - haga tassew ta' l-ghageb - donnu mtela b'qawwa barranija ghal kollox. Bhalissa f'Gerusalemm hawn hafna taqlib u nkwiet. Ma nahsibx li ghadek fhimtha ghal kollox il-qaghda mwieghra li ninsabu fiha, Salathiel, imma nista' nghidlek li hija wahda ta' periklu kbir.

9. SALATHIEL — Ghax tghid, illum stess intbaht b'xi haga milli qed tghid int. Nies ghazzenin jitlajjaw f'kantunieri.... ohrajn ipacpcu minn taht l-ilsien u jfesfsu filwidnejn...

10. LEVI — Fil-fehma tieghi qeghda tinhema xi rewwixta minn taht

11. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Qatt ghadhom ma saru affarijiet bil-mohbi f'kulma ghamel Hu!

12. LEVI — Ir-rewwixti huma wahda mill-affarijiet li jsiru bil-mohbi, u xi ghamla ta' rewwixta zgur li qeghda ssir bil-mohbi bhalissa.

13. SALATHIEL — Tista' tkun zgur minn daqshekk. Dan li kont qed inghid ftit ilu.

14. LEVI — Nittama li l-Kunsill xammu riesaq il-periklu u li qed jiehu l-passi mehtiega biex ibeghdu minna! Did-dahla f'Gerusalemm tista' tkun tfisser ghawg kbir ghalina.

15. SALATHIEL — Dak xoghol il-Gvernatur. (Iqum u jmur lejn ix-xellug quddiem is-sufan) Irrid nohrog halli mmur inkellmu.

(MATHIAS, ibnu, jidhol minn fuq il-lemin. Ghandu 25 sena; ezatt f'imgiebtu; precis fi kliemu; xhiha tajba u xierqa ta' neguzjant zaghzugh, ixxurtjat u mimli risq tajjeb. Bhalissa jinsab fuq ix-xwiek, izda jidher li jaf irazzan ruhu sewwa. Jibqa' sejjer lejn iskrivanija fejn iqieghed xi karti, waqt li jzomm ohra f'idu. Jaqsam ghal wara s-sufan u jinzel 'l isfel fuq xellug ta' SALATHIEL)

1. MATHIAS — Xi haga trid issir, Pa. Emm... is-sliem ghal kulhadd. Jekk ma nifthux ghajnejna sewwa, ghada se ssir rewwixta shiha.

2. SALATHIEL — Iva, x'inqala' issa?

3. MATHIAS — Ili nwissik dwar haga bhal din ghal dawn l-ahhar xhur. Issa, sa fl-ahhar, twettqet... jew waslet biex titwettaq. F'Betanja ngabret migemgha ta' nies gmielha, u ghada behsiebhom ilkoll jidhlu Gerusalemm.

4. SALATHIEL — Naf.

5. MATHIAS — X'jiswa li nkunu nafu jekk nibqghu b'idjena marbutin, ma naghmlu xejn? (Jersaq livell tal-banketta fuq il-lemin ta' mejda fejn hemm l-inbid) Il-fanatici u l-boloh kollha ta' Gerusalemm jinsabu fuq ix-xwiek biex jinghaqdu maghhom.

6. SALATHIEL — Kollox sew, ibni.... ukoll kont hiereg biex immur inkellem lill-Gvernatur.

7. MATHIAS — Iva, meta l-hsara tkun saret... jew ghalkemm issir....

8. SALATHIEL — (Imur fuq ix-xellug ta' MATHIAS) Jekk joghgbok iftakar li qed titkellem ma' missierek.

9. MATHIAS — Tajjeb... jisghobbija. Imma mort inhuf ma' kullimkien u zammejt ghajnejja mberrqin il-hin kollu... Intbaht li kienc qed tigri xi haga bil-mohbi... il-belt kollha dort, tista' tghid... Qed inghidlek thossha fik kulfejn tmur.... qed isir tlablib... rajt ucuh strambi...nies iserpu u jigru fid dlam... smajt hsejjes ta' mfietah isakkru bibien....

10. LEVI — M'hix ghajr rewwixta shiha... ghidtlek jien.

11. SALATHIEL — Il-Gvernatur jaf bizzejjed x'ghandu jaghmel.

12. MATHIAS — Tghidu xejn, imma kieku kont jien ma kontx nilghab man-nar. Ukoll, lil Reuben ghidtlu li ghada m'ahniex se nifthu.

13. SALATHIEL — Ma kellek ebda dritt tghidlu hekk.

14. MATHIAS — Mhux jiena mmexxih in-negozju?.... Il-post gaghalthom isakkruh bil-katnazzi ukoll.

15. SALATHIEL — (Imur lejn ix-xellug u joqghod quddiem it-tarf tax-xellug tas-sufan) Tac-cajt li wiehed jitbazza'.....

16. MATHIAS — U jiena nghidlek li m'hi tac-cajt xejn. Int qalbek tajba z-zejjed, Pa.

(LEVI jaghmel sinjal li bih jaghti lil kulhadd jifhem li jaqbel ma' MATHIAS)

Ma rridx nara n-negozju taghna rvinat u mfarrak mill-karfa. Dan-Nazzarenu huwa kwiet hafna f'imgiebtu... u dan l-agir ghandu mnejn jaghmel parti mill-pjanijiet li ghandu mhejji ... imma n-nies mohhom fih aktar milli tahseb int. Jekk ghada jfettillu jaghmel dimostrazzjoni, ibqa' fuq kliemi li l-belt tqum u tizbel bi hgarha.

17. ~~DEBORAH~~ NATHAN — M'hu se jaghmel ebda dimostrazzjoni.

18. SALATHIEL — Trid tigi mieghi ghand il-Gvernatur?

19. MATHIAS — Le. Biss ghidlu car u tond, bla habi ta' xejn. Naf tajjeb x'jien inghid.

20. SATATHIEL — (Jaqsam lejn il-lemin ghall-bieb) Ahjar tigi mieghi int, mela, Levi. It-taghrif li taghtina int ikun jiswa mitqlu deheb.

21. LEVI — (Iqum u jimxi wara SALATHIEL) Iva. (Lil kulhadd) il-lejl it-tajjeb.

(SALATHIEL u LEVI johorgu)

1. MATHIAS (Iferra' l-inbid) Ix-xitan dahhal denbu. Meta l-affarijiet KIENU QABDU JIEHDU R)RUH KULLIMKIEN UKOLL! (Jixrob) Dawn ix-xewwiexa jridu min igaghalhom jahdmu u jegherqu l-gharaq tad-demm!

(RACHEL tinzel mit-terrazzin, tiehu banketta minn fuq il-lemin tal-mejda u tqieghdha aktar 'l isfel fuq il-lemin)

Wara xi sena, jew tnejn fuq ix-xwieni ghandhom jitghallmu bosta xorti. (Imur ghan-nofs)

2. RACHEL Ikolli nghid li int tibza minn dellek. (Issa timbotta l-mejda ghal fejn qieghed qabel 'l fuq, fuq il-lemin, tigi lura u tqieghed banketta ohra quddiem - lejn ix-xellug - ta' l-iskrivanija)

3. MATHIAS (Jinzel lejn il-lemin) M'ghandnix xi nghidu, ikollhom lile biex taqbez ghalihom.... U dak il-habib tieghek David?! Ftit xoghol iebes lanqas ma jaghmillu hsara.

4. RACHEL David ihaddan it-twemmin il-gdid. It-tixrid tieghu jrid li jkollu sehem fih ukoll.

5. MATHIAS Kull ma qed jaghmel hu jghallem lill-ghazzenin biex ma jehdew b'xejn. Dak li qed jaghmel f'erba' kelmiet.

(Issa RACHEL taqsam lejn ix-xellug 'l hawn mis-sufan u tmur toqghod bil-qeghda fuq ix-xellug tieghu)

6. ~~DEBORAH~~ NATHAN Le, Mathias, xejn milli qed tghid int. Kull ma jrid hu li kulhadd ikun jista' jahdem fil-paci.

7. MATHIAS Tajjeb hafna, zij ~~Deborah~~ NATHAN! Il-hasra hi li int ma tafx x'inhu xoghol! (Jersaq lejn il-mejda u fuqha jqieghed il-qdieh ta' l-inbid) Jiena hawnhekk ili nahdem bla heda ta' kuljum sa minn mindu kont ghadni zghir....

8. ~~DEBORAH~~ NATHAN Iva, naf. Minn dejjem kont tifel biezel int.....

9. MATHIAS Issa hallina minn dan. (Jitla' fit-terrazzin, jixref ghal barra minn fuq l-opramorta u jhares fit-triq ta' tahtu) In-negozju ta' missieri tajtu xehta gdida... qawwa gdida. Kulma qed naghmel hu li nhejji gejjieni ghalija nnifsi li jkolli rasi mistrieha minnu. Jekk bniedem ikun kapaci, jahdem b'herqa u juza mohhu, ikun jista' jghid li quddiemu ghandu gejjieni sabih.... kemm -il darba s-sisien tas-socjeta jibqghu bla mittiefsa.... Dal-bniedem irid jhezzizhom jew igarrafhom ghal kollox. Irid ihassar darba ghal dejjem il-karattru... u l-ghan... u s-setgha. Tafu xejn x'qal ftit ilu?... "Imberkin l-umli ghax huma jirtu l-art".

10. ~~DEBORAH~~ NATHAN Iva, smajtu jghidu dan.

11. MATHIAS (Joqghod bil-qeghda fuq banketta baxxa naha ta' fuq tal-pal

Xi kliem hu dak? M'ghandnix x9 nghidu, jekk xi hadd isiblu post f'poesija, jew jinqeda bih ghal xi ghanijiet ohra bhal din, ma jkun gara xejn. Imma mhux hekk! Din haga ohra! Dal-bniedem la hu poeta u lanqas vizjonarju. Huwa politiku. Issa jekk xi hadd ifettillu jinqeda bi hmerijiet bhal dawn fil-pulitka, fejn jispicca s-sies li fuqu hija mibnija s-socjeta taghna?

12. ESTHER Mathias ghandu ragun. L-awtorita ma tinzammx b'dal-mod.

13. RACHEL L-Awtorita ta' min?

14. ESTHER Kull awtorita. L-ordni. Id-dixxiplina. Dawn li jzommu n-nies f'posthom.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | ~~DEBORAH~~ NATHAN | Imma jekk hafna nies lanqas biss m'ghandhom post! |
| 2. | ESTHER | Dik affari taghhom. |
| 3. | MATHIAS | Taqsima wahda ta' nies bezziegha..... ghalkollox fqajrin fl-ispirtu. |
| 4. | ~~DEBORAH~~ NATHAN | Dik haga ohra li qal:- "Imberkin il-fqajrin fl-ispirtu ghax taghhom hija s-saltna tas-smewwiet." (Iqum u jmur lejn tieqa tat-terrazzin) |
| 5. | MATHIAS | Tajjeb. Mela nhallu s-saltna tas-smewwiet tahseb ghal rasha, eh! Kulma rrid jien hu li is-saltna tieghi fuq din l-art insahhahha u nirfidha sewwa, u m'jien behsie nhalli ebda moralista ambulanti iqeghedli bsaten fir-r jekk jista' jkun. Jekk ghada behsiebu jqajjem rewwixta nittama li ma jdumux ma jahtfuh taht idejhom. |
| 6. | ESTHER | Imisshom jaghalqu l-bieb tal-belt. Dehera sabieha tassew IKUN FIHA LIT-TRIQ JEKK ihalluhom jghaddu minnha! |
| 7. | ~~DEBORAH~~ NATHAN | M'ghandkomx ghalfejn thabblu raskom. Ibqghu zguri li mhu se jigri xejn. (Jittawwal minn fuq il-balavostri) |
| 8. | ESTHER | Lilna m'humiex se jmissuna...jekk hu dan li trid tfiss imma l-karfa lili xejn ma tinsilli. |
| 9. | MATHIAS | Mela x'inhu.....il-karfa. |
| 10. | ~~DEBORAH~~ NATHAN | Ghadek qatt ma rajt x'paci kienet issaltan fost"il-karfa" meta tkellem fuq il-muntanja! |
| 11. | ESTHER | Ghaliex ma tmurx tinghaqad mieghu int wkoll, zija ~~DEBORAH~~? NATHAN? |
| 12. | RACHEL | Esther! |
| 13. | ~~DEBORAH~~ NATHAN | Jiena xiha wisq u m'ghandix kuragg naghmlu dan. Ghalhe ikolli nistabar u nibqa' mrekkna fil-kenn tieghi hawnhe |
| 14. | MATHIAS | Hares, zija Deborah, lili m'intix iddejjaqni ghax qed tghix minn fuq dahrna..... |
| 15. | RACHEL | Mathias, int m'ghandek ebda jedd titkellem hekk.(Tqum tohrog fit-terrazzin) |
| 16. | MATHIAS | (Jigi lura ghal quddiem is-siggu tieghu)Le, ma nistax? imma nista', ghandu jkun. (Jogghod bil-qeghda) Il-verita' hija wahda. Iz-zija deborah ma ggibx ha bba d-dar. Tajjeb hafna. Imma hi ma ghandha ebda jedd titk fuq haga li lina eghda theddidna 'lkoll kemm ahna, bhallikieku kienet haga ta' xejn! |
| 17. | RACHEL | (Fit-terrazzin) Ejjew harsu ftit kemm hija lejla sabiha (Qeghda thares fil-boghod lejn il-lemin.) |
| | | (Mathias jinzel in-naha t'isfel tal-palk, joghqod bil-qeghda u jaqbad jahdem fuq l-iskrivanija) |
| 18. | ESTHER | Jien ma nistax inhares. |
| 19. | RACHEL | Le, qalbi. Imma tassew hi 'a lejla sabiha. L-gholjiet donnhom ta' l-agta. Mhi tonfoq ebda ziffa qalb il-friegħi tal-palm. It-triq li tiehu ghal Betanja tidher hekk cara ....Bhalissa jidhru biss zewgt irgiel ghaddejjin u qed isuqu hmar b'felu mieghu.Il-kwiekeb hergin ftit ftit. |

1. ~~DEBORAH~~ NATHAN    Levi ma qalx li kienu ntbaghtu tnejn.....

2. ESTHER    Tassew sabih u ta' serhan il-mohh! Donnha xi kitba dwar taghrif li jistghu jaghtuna l-mejtin. Imma l-kwiekeb huma ghomja wkoll!

3. MATHIAS    Bissejjed issa. Ixghel il-musbieh, Rachel.

(RACHEL taghmel kif jghidilha MATHIAS. Wara, tinzel in-nah. t'isfel tal-palk hdejn l-iskrivanija, tiehu xama rqiqa u taghmel ta' bir-ruhha li qed tixeghlha mill-musbieh. Ikun ahjar li l-musbieh ikun ta' l-elettriku, u x-xama rqiqa ta' RACHEL tigi mixghula minn xi hadd "off stage", waqt li l-musbieh u x-xama l-irqiqa ma jkunux jidhru. Imbaghad tiehu xama l-irqiqa mixghula u tixghel biha l-musbieh li jkun hemm imdendel mis-saqaf. Il-"cue" tad-dawl tittiehed mnn ghemil RACHEL)

4. ESTHER    (Tqum bil-wieqfa u tidhol mit-terrazzin) Qed jaqa' l-frisk Aghlquhom il-kontraporti. (Tinzel 'l isfel lejn il-lemin u toqghod bil-qeghda fuq is-sufan)

(~~DEBORAH~~ NATHAN jaghlaq il-kontraporti fuq in-naha tax-xellug u wara, jaqsam il-palk u jmur jghin lil RACHEL taghlaq dawk ta' fuq il-lemin)

5. MATHIAS    Se ninzel s'isfel halli nerga' naghti daqqa t'ghajn. Newwi l-mantar, Rachel.

(RACHEL tohrog minn fuq il-lemin, u MATHIAS johrog warajha)

6. ~~DEBORAH~~ NATHAN    (Tigi quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan) Ghaziza Esther, tassew inhossni qalbi sewda minhabba fik.

7. ESTHER    Hallik milli ssewwed albek minhabba fija, zija Deborah, Ma jiswieli xejn.

8. ~~DEBORAH~~ NATHAN    Dazgur li jiswielek.

9. ESTHER    Ferra' ftit inbid.

10. ~~DEBORAH~~ NATHAN    Missierek ma qallix biex niehu.

11. ESTHER    Kien inkwetat u hariglu minn mohhu.

12. ~~DEBORAH~~ NATHAN    Haga zghira hafna. (Jmur lejn il-mejda u jferra') Ghidli.. daqshekk terribbli li tkun ghama. (Jigi lejn is-sufan u joqghod bil-qeghda fuqu).

13. ESTHER    Nista nghidlek li filwaqt li qed nghix, inhossni qisni mejta.

(Issa t-tnejn huma bil-qeghda fuq is-sufan. ESTHER in-naha t'isfel fuq il-lemin, DEBORAH in-naha ta' fuq, fuq ix-xellu

14. ~~DEBORAH~~ NATHAN    Ftit ilu ghidt li l-kwiekeb huma/ghomja. Ilkoll ahna.

15. ESTHER    Dal-kliem ghandu x'jaqsam mal-poesija li taf tlissen int...

Li tkun ghama ghandu tifsira wahda. Li ma jkollokx ghajnej

li tkun idawra bi dlamijiet ma jaqtghu xejn....

li d-dinja tkun giet imsakkra barra ghal kollox....

li ma tara ebda lewn...

ebda dawl...

li tkun mejta qabel ma tindifen.

16. ~~DEBORAH~~ NATHAN    Int ukoll lili tqisni bhala pis.... bhal taxxa fuq id-dar.

1. ESTHER — Hekk ikolli nghid. B'danakollu, kont noqghod naqra vrus ta' poesiji.... darba wahda.... meta kont ghadni nista'..

2. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Naf.... "Il-Mulej ghad jerga' jibni 'l Gerusalemm: huwa ghad ilaqqa flimkien l-imtarrfin ta' Israel".....

3. ESTHER — <u>(Donnha biex tiddefendi ruhha)</u> Issa qed tghiduli dan? Ahna x'ghandna x'naqsmu.... jiena x'ghandi x'naqsam ma l-imtarrfin?

4. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Gesu huwa l-habib ta' l-imtarrfin. Mank li nista' nfehemhulek dan Esther. ghaziza tieghi!

5. ESTHER — Jiena m'inhix imtarrfa.

6. ~~DEBORAH~~ NATHAN — M'intix imtarrfa, Esther?

7. ESTHER — M'inhix? Ghaliex m'inhix? M'inhix, qeghda nghidlek.

8. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Mitluqa fid-dlamijiet ta' barra.

9. ESTHER — Dlamijiet? Ghaliex qed titkellem dwar id-dlamijiet? Alla tieghi, xi dlam!.... xi dlam cappa, x'wahda din!

10. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Jiena wkoll ninsab fid-dlam.

11. ESTHER — Ghadek ma tafx x'jigifieri.

12. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva, naf. Missierek...Mathias.... int wkoll, binti.... ilkoll kemm intom lili tohduni fuq demm id-darsa... Rachel biss taf... hi biss taf dak li naf jien. Hija taf bid-dawl li jghejjixna lkoll.

13. ESTHER — Zija ~~Deborah~~ NATHAN, imma,,, imma int mignun?

14. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Jista' jkun, "Nghannilek ghanja gdida, Alla tieghi; fuq l-arpa u fuq strument b'ghaxar kordi nghannilek it-tifhir tieghi." Nisthajjel li ghadek tiftakru dan ukoll... qabel ma nizlet id-dalma fuq ghajnejk.

15. ESTHER — Int mur oqghod bil-qeghda ghal ghaxar sieghat kuljum fuq dak l-imbierek terrazzin, imbaghad tara x'ghajna gdida tibda tghanni!

16. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Hu jista jaghtik il-paci.

17. ESTHER — Imma jiena mhux il-paci rrid! Irrid nara d-dawl tax-xemx, irrid nara n-nies jiccaqilqu, irrid nara z-zghazagh jinhabbu bejniethom.. Gejt imcahhda minn dawn kollha ghal dejjem! Taf x'ghad hemm li jfarragni?

18. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Le, hanini.

19. ESTHER — Li, ghallinqas, m'jien se nitghallem qatt incedi. Xejn ma nista' naghmel, izda mohhi jibqa' jirvilla sa' l-ahhar. Xi kemm-il darba nkun nista' nivvendika ruhi, naghmlu bla hniena ta' xejn. Dan hu t-twemmin tieghi.

20. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Hasra tabilhaqq!

21. ESTHER — Imma hemm ghalfejn tkun gentili daqshekk? Ghaliex ma tghidlix biex nieqaf naghmilha tac-cercura sfieqa u ta' bla gost, bhalma tahseb li tassew jiena?

22. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Ghaziza tieghi.....

23. EsTHER — Tghidli xejn, hekk tahsibha int. Biss tigik hniena minni, bhalma jaghmlu l-ohra kollha. Jista' jkun ukoll xi ftit aktar minnhom.... Kemm taf tifhem u taghder, x'wahdin din!

1. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Esther, ghaziza tieghi........

2. ESTHER — Naf se tghid.... jiena xitan kiefer u qalil. Waqtiet noqghod nahseb li ghandi xitan fija. Naghmel hilti biex inrazznu kemm nista'....imma b'dana kollu, hemm qieghed....italla' u jnizzel x'se jaqbad jaghmel. Min jaf x'qed jistenna? Il-lejla qed inhossu bla sabar wisq Mhux li nista' naqilghu 'l barra halli jmur jahtaf lil dan-Nazzarenu, daqshekk rasu mimlija li ghandna nhobbu 'l-xulxin.

(PAWSA)

Qatt kont thobb lil xi hadd int, ziju ~~Deborah~~ NATHAN?

3. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva.

4. ESTHER — Nista' nkun naf lil min?

5. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Lil ~~missierek~~ ommok.

6. ESTHER — Hu ~~kien~~ fuenet jaf li kont thobbha?

7. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Nahseb.

8. ESTHER — U int x'ghamilt?

9. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Xejn.

10. ESTHER — Hu ~~kien~~ kihuenet thobbok?

11. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva, ~~kien~~ fuenet, binti.

12. ESTHER — U bqajt m'ghamilt xejn? Allatieghi!....Ghidli....David ta' Rachel huwa gustus xejn?

13. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva, tassew zaghzugh gustus.

14. ESTHER — Zaghzugh helu....bhalma kien David l-iehor, eh?.... Tahseb int li kieku nista' nisraqulha, imqar ghal darba wahda biss, kieku se nibqa hejn haltejn?

15. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Taqbdilha idha x-xellugija) Esther...Esther, tassew iggibli hniena narak hekk.

16. ESTHER — Dan l-ghemil igerrahlek lill-hanina qalbek....naf. Biss, kulma nixtieq hu li xi hadd jifhem....jifhem li l-iskrupli ghebu ghal kollox minni.

17. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Qeghda titkellem hekk minn fommok 'l barra. Dan int ma temmnux.

18. ESTHER — Kollox sew.
(~~Deborah~~ NATHAN iqum u jmur fit-tarf tax-xellug tas-sufan)

(Fil-bieb tal-kamra jidher ISAAC, haznadar mibni sabih u wiehed li jahseb, jiswa mhux ftit fid-dar.)

19. ISAAC — (Jidhol minn fuq il-lemin u jibqa sejjer fuq ESTHER)

Aghadirni, sidti, imma s-sinjur qallek meta gej lura?

(Issa joghqod ghan-nofs fuq il-lemin)

20. ESTHER — Le. ISAAC. X'inqala?

21. ISAAC — Ghax qed insibha ftit bi tqila biex niftiehem mal-qaddejja. Ghall inqas ma' wiehed minnhom....... maz-zaghzugh JACOB.

22. ESTHER — X'gara?

1. ISAAC — Irid johrog.

2. ESTHER — Johrog dal-hin, bil-lejl?

3. ISAAC — Hekkihu, [illegible]ghtihulek b'zaghzugh bil-ghaqal u w[illegible]d li jahdem iebes tassew. Imma xi haga gratlu. Wahhalha f'rasu u ma jridx jaqlaghha minn hemm b'xejn! Sahansitra heddidtu li ndewqu s-swat, imma xorta baqa' jwebbes rasu.

4. ESTHER — B'danakollu, bhalissa ma jistax johrog barra. Haga assurda.

5. ISAAC — Naf, sidti... imma ma jridx jisma' b'xejn. Qed jinsisti li jrid ikellem lis-sinjur.

6. ESTHER — Is-sinjur mhux hawn bhal issa.

7. ISAAC — Naf. Ghalhekk, x'se naqbad naghmel? Qed jaghmel plejtu shih

8. ESTHER — Mur sakkru f'kamartu.

9. ISAAC — Ippruvajt naghmel hekk... waqaf quddiemi u hares lejja b'harsa li....Ma nafx, immadak il-hin hassejt li ma stajtx naghmlu dan.

10. ESTHER — Missieri jqabbad haznadar f'dar biex izommlu l-ordni.

11. ISAAC — Kollu nafu dan, sidti...Jiena nlum lili nnifsi biss.... imma dan hu li gara. Barra minn hekk, dawn iz-zmienijiet mhux ghalkemm issib qaddejja tajbin.

12 ESTHER — Tajjeb. Hu hsiebha int dilobicca xoghol. Madankollu, qaddej tajjeb mhux se johrog barra b'dal-mod bla ma jwissina.

13. ISAAC — (<u>Jersaq ftit aktar lejn ESTHER</u>) Hemm xi haga stramba tassew dwar dil-bicca xoghol, sidti. Kif naraha jien, hutu wkoll imdahhlin fiha. Familja tar-rispett kemm tridha, m'ghandnix xi nghidu...minghajlja sajjieda 'lkoll kemm huma. Imma tnejn minnhom ixxierku ma dak il-predikatur ambulanti li kulhadd qed jitkellem dwaru, u nibza' li qeghdin idahhlulu hafna flieles f'mohhu.

14. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Ghandi mnejn inkun nista' naghmel xi haga jien.

15. ISAAC — (<u>Bi bruda</u>) Ma nahsibx li jirnexxilek, Sinjura Deborah.

16. ESTHER — Mur ghidlu jitla' jkellimni.

17. ISAAC — Aghdirni, sidti, imma....

18. ESTHER — Mur ghidlu jitla' jkellimni.

19. ISAAC — Imma....

20. ESTHER — Aghmel kif ghidlek.

21. ISAAC — Kollox sew.

(<u>Johrog minn fuq il-lemin</u>)

22. ESTHER — Zgur xi praspura ohra minn dawk li jaf jaghmel il-habib imprezzabbli tieghek!

23. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Mhux l-ewwel darba li kellimtu lil Jacob. Zaghzugh minn taghna hafna. (<u>Bhalissa qieghed quddiem it-tarf tax-xellug tas-sufan</u>)

(<u>Jacob, zaghzugh ta' bixra intelligenti, herqan, fqajjar, jigi mdahhal minn ISAAC? li jibqa' fil-bieb fuq il-lemin</u>)

24. ISAAC — Tridni noqghod nistenna, sidti?

25. ESTHER — Ahjar.......

(<u>ISAAC imur joqghod fuq il-lemin taht l-arkata tal-bieb</u>)

Emm...x'jismek int?.....Jacob, hux?

26. Jacob — (<u>Imur joqghod fuq il-lemin ta' ESTHER</u>) Iva, sidti.

27. ESTHER — X'inhu dan li qalli fuqek Isaac?

28. Jacob — (<u>Ihares warajh lejn ISAAC</u>) Jiena ma nafx x'qallek.

29. ESTHER — Li trid tohrog mid-dar, dal-hin tal-lejl.

[illegible]

1. JACOB Iva....jehtiegli nohrog.
2. ESTHER Jehtieg....kekk ghandek titkellem? Jaqaw trid titlaq darba ghal dejjem?
3. JACOB Ma nafx.
4. ESTHER Ghax kemm il-darba titlaq b'dal-mod, tkun tlaqt ghal kollox.
5. JACOB Qed nifhem.
6. ESTHER Ma nahsibx li qed tinhaqar hawn, hux tassew?
7. JACOB Dazgur li le.
8. ESTHER Jaqaw ix-xoghol li ghandek ma tiflahx ghalih?
9. JACOB Le...hu xoghol hafif.
10. ESTHER Ghandek paga mhux hazin, hux tassew?
11. JACOB Iva.
12. ESTHER Mela x'gara?
13. JACOB Jehtiegli mmur hemm...Betanja..<u>(Jaghti pass 'l hawn fuq il-palk)</u>
14. ESTHER Imma, nghid jien, xi trid tmur taghmel Betanja?
15. JACOB Jehtieg li nkun hemm. Dak kollox.
16. ESTHER U meta beshiebek terga' lura?
17. JACOB Ma nafx.
18. ESTHER Meta gharrfek ghall-ewwel darba dwar dan, Isaac?
19. ISAAC Mhux aktar minn sigha ilu... meta qabbattu jaghlaq il-bibien tal-bitha.
20. ESTHER Ma tintebahx li mgiebtek hija ftit u sejn stramba?
22. JACOB X'jimporta?....Hawnhekk ma niswa xejn jien... in-nuqqas tieghi hadd ma jinduna bih.
23. ESTHER Dazgur li ma tiswa xejn...Imma l-qaddejja ma jistghux jigu u jmorru kif jidhrilhom huma. Xogholok huwa ta' siwi zghir, m'ghandnix xi nghidu, imma xorta rrid isir.
24. JACOB Jehtieg li mmur Betanja.
25. ESTHER Tista' tghidli ghalfejn?
26. JACOB Jehtieg li nkun hemm.
27. ESTHER Jekk hi xi haga daqshekk importanti, ghaliex ma mortx mingha ma staqsejt?
28. JACOB Ghax ma ridtx nidher li qed nahdem minn taht.
29. ESTHER Ma' min ghandek tiltaqa' f'Betanja?
30. JACOB Ma' l-imghallem.
31. ESTHER Ma' l-Imghallem? Imma l-imghallem mhux Betanja qieghed.... tkunx iblah.
32. JACOB Qed inghid ghall-Imghallem l-iehor.... ghall-Imghallem.
33. ESTHER Trid tfisser dar-ragel?... li jsejhulu Gesu?
34. JACOB Iva.... l-Imghallem.
35. ESTHER X'taf fuqu int?
36. JACOB Ghandi zewg huti li nghaqdu mieghu.... Pietru u Indri. U jien ga smajtu jitkellem darbtejn.
37. ISAAC Hsibtu jien dan!
38. ESTHER Mela ma tafx li hu ragel perikulus hafna?
39. ~~DEBORAH~~ NATHAN Le, ghaziza tieghi.....
40. ESTHER Jekk joghgbok, taqbisx fin-nofs, zija Deborah, Mhux ghajr jaghmel hafna nies imdejqin. Tista' tara b'ghajnejk.

1. JACOB — Jiena mhux dan li hassejt dwaru, sidti. Gewwa fija gaghaln nhoss li.... li b'xi mod kont niswa ghal xi haga, jekk tifhem xi irrid nghid. Mhux xi haga kbira, jew xi haga ta' l-ghageb....imma.......

2. NATHAN ~~DEBORAH~~ — Jiena naf xi trid tghid.

3. ESTHER — U ghalhekk tahseb li x-xoghol li ghandek ma jghoddx ghalik

4. JACOB — Xejn minn dan. Kull ma nixtieq hu li nitghallem aktar minn ghandu... u ghadni kif smajt li qieghed Betanja. Qeghdin ighidu wkoll li se jidhol Gerusalemm - fil-qalba tan-nies li joboghduh. Il-verita hi li kollha kemm huma jibzghu minnu, imma jistghu jaghmluhu xi hsara. Jehtieg li nkun mieghu.

5. ESTHER — Biex tharsu..... hux hekk?

6. JACOB — Tista' tiddiehek bija kemm trid, sidti. Kulma nista' nghid hu li ma nistax noqghod inhaqqaqha miwghek dwar dil-haga. Naf tajjeb li jehtiegli mmur.... dak kollox.

7. ISAAC — Jisghobbija, sidti, li kellu jigi joqghod idejqek daqshekk

8. ESTHER — U, wara, x'tahseb li tkun tista' taghmel?

9. JOCOB — Ma nafx! X'nista' nghid, hux?... Nista' mmur issa jekk joghgbok?

10. ESTHER — Hallih imur, Isaac.

( Jacob jersaq lejn il-hrug.)

M'ghandniex xi nghidu, tifhem li m'intix se tithallas, hux tassew?

11. JACOB — Jiena ma rridx nithallas.

12. ESTHER — U m'hemmx ghalfejn terga' tigi lura.

13. JACOB — Kollox sew, mela......

14. NATHAN ~~DEBORAH~~ — Esther, ghaziza tieghi, zgur li....

15. ESTHER — Jekk joghgbok, zij~~u~~ NATHAN ~~Deborah~~...(Lil Jacob) Tista' tmur.

16. JACOB — Ghandi mnejn ikolli x-xorti nkellmu....xi minn daqqiet ikellem lil kull min imur fuqu, jekk jirnexxili, nghidlu li int hallejtni mmur.

(Johrog minn fuq il-lemin, imheggeg, hafna)

17. ISAAC — Jekk inti tahseb li jkun kollox sew, sidti....

18. ESTHER — M'ghandiex ghalfejn inzommu ngienen id-dar.

19. ISAAC — Dazgur. Kemm il-darba tohodha fuq spallejk ir-resbonsabil

20. ESTHER — Bizzejjed, Isaac.

21. ISAAC — Iva, sidti. (Johrog minn fuq il-lemin)

22. ESTHER — Imgienen.....dak kollox.

23. NATHAN ~~DEBORAH~~ — (Jigi ghal lemin ta' Esther quddiem is-sufan) Ma hassejtx fik li kien qed ighid il-verita', ghid?

24. ESTHER — X'ghandhom x'jaqsmu mal-verita' li xi hadd jitlef hobzu minn rajh u li jibqa bla habba?

25. NATHAN ~~DEBORAH~~ — Ghalkemm, jiena nista' nifhem x'ried ifisser. Xi haga li ma tistax titlissen bil-fomm... Xi haga dwar dal-bniedem li hi ghal kollox gdida... li ma taqbel xejn mat-twemmin il-qadim taghna... Bhallikieku qed jerga' jibni mill-bidu. iqieghed sisien godda,.....jistaqsina u jhajjarna 'lkoll biex ngharblu lil qlubna....biex inwarrbu minnna kull pret sjoni.

26. ESTHER — X'ghandu x'jaqsam maghna dan kollu? Din hija dinja ta' siltiet ta' suspetti u taghdid u tradimenti. Kull ma nehti hu li nkunu nistghu nharsu lilna nfusna tajjeb, u li niksb s-setgha kemm jista' jkun. Qeghda nghidlek li dak mhux gha qerq. (Tqum bil-wieqfa u tigbed lejn ix-xellug)

1. NATHAN ~~DEBORAH~~ Jista' jkun li ghad tasal... wara hafna granet. (Jitla' t-tatgiet u jmur lejn il-kontraporta tax-xellug, jiftahha u joqghod fuq il-lemin taghha jhares 'lbarra)

(RACHEL tidhol minn fuq il-lemin u tmur quddiem is-sufan)

2. RACHEL Xi gralu z-zaghzugh Jacob?

3. ESTHER Telaqna, dak kellu.

4. RACHEL Rajtu ghaddej jigri waqt li kien qed jaqsam il-bitha. Sejjahtlu, u staqsejtu fejn kien sejjer. Wegibni li kien sejjer Betanja. (Titla't-targiet u thares 'l barra) Hemm hu!......Tiela' t-telgha bil-girja. Chalfejn sejjer Betanja?

4. ESTHER Ghax irid imur jinghaqad ma' hutu. (Toqghod bil-qeghdafuq banketta fuq ix-xellug tal-palk)

5. NATHAN ~~DEBORAH~~ Dawk imdahhlin fix-xirka ta' Gesu ta' Nazaret.

6. RACHEL (Thares lejn ix-xellug) X'se jigri dal-lejl, ~~Zija DEBORAH?~~ Ziju NATHAN. Xi haga donnha qabdet miexja... ma' kullimkien.

7. ESTHER Naf li hija lejla ta' qamar kwinta....wahda li thezzez l-imhuh dghajfin.

(ISAAC jigi u jidhol mil-lemin)

8. ISAAC (Mill-bieb) Ma nafx x'inhu jigri l-lejla sidti. Did-darba tolqot lil Mastru David.... qed ighid li jrid jara li sidt Rachel . Jiena fakkartu x'hin sar... u ghamilt haga ohra wkoll. Sahansitra wasalt biex inwissih li hu mhux milqugh f'did-dar. Geghilt lil min jaghalaqlu l-bieb f'wiccu wkoll imma xorta dahal gewwa. Gharraftu li kont se mmur insib il-kap tad-dar jew lil sidi Mathias...imma wegibni li kien jaf li kienu t-tnejn barra. X'se naqbad naghmel sidti?

9. DAVID (Hu u tiela t-targiet....off stage) Rachel.....Rachel!

(Iwarrab lil Isaac minn nofs x'hin ikun diehel fil-kamra minn fuq il-lemin. Ghandu xaghru ahmar, ibiegh is-sahha, u mibni sabih, jixbah lio xi atleta)

10. RACHEL (Waqt li ddur lura) David!......Ma jmissekx gejt hawn .

(ISAAC johrog)

11. DAVID Ma stajtx naghmel mod iehor.

12. ESTHER Ghazziltu bil-ghaqal il-hin li tidhol hawn gew, meta missie u hija kellhom ikunu barra! Tassew ta' min ifahhrek!

13. DAVID (Semplicement) Titkellimx hekk, jekk joghgbok. (Imur quddiem is-sufan) Kien jehtiegli li naraha lil Rachel....htaft l-okkazjoni. Ghada qatt ma kellna lejla bhal din. (Jersaq lejha fuq il-lemin) Ghaziza Rachel....(Iqieghed siequ x-xellugija fuq il-qiegha, ihares lejn ix-xellug) Gesu jinsab f'Betanja... se jidhol 'l belt.

14. RACHEL Naf.

15. DAVID Ilkoll kemm ahna li nhobbuh ilna nistennew ix-xur ghal grajja bhal din. Din sfida insejhilha jien.

16. ESTHER B'daqshekk?

17. DAVID Jiena nhobbok hafna, Rachel... taf tajjeb kemm inhobbok. Se mmur ninghaqad mieghu.... u nistieqek tigi int wkoll. Issa stess.

18. ESTHER (Tqum bil-wieqfa) Bilfors li qed tiggennen.

19. DAVID (Jitla t-targiet u jzomm id RACHEL f'idu) Le!..Le!... Le! Hu nnifsu qalilna.... li ghandna nitilqu 'l kulhadd u mmorru warajh. Issa z-zmien wasal. Jehtieg li kulhadd jaqtaghha darba ghal dejjem... jew 'lhawn, jew 'l hinn... Jew ahna mieghi jew kontra tieghu.

20. ESTHER Did-dar hija kontra tieghu.

1. DAVID — Int ma tistax titkellem ghal Rachel. Dan hija kienet tafu 'l hin kollu. (Jerga jdur lura lejn Rachel) Irrudu naghzlu bejn il-hajja l-qadima u l-ohra l-gdida. F'Betanja qeghda tingabar migemgha kbira ta' nies. Trid tigi?

2. RACHEL — Imma kif jista' jkun?

3. DAVID — X'jigifieri, kif jista' jkun?

4. RACHEL — Irrid inghid .....dal-lejl stess... ghandi koblox....kif nista' nhallo kollox warajja, hekk... habta u sabta?

5. DAVID — Ismaghni. Il-hajja kollha taghna, minn issa 'l-quddiem, tiddependi minn att wiehed ta' twemmin. Jekk ahna nonqsu.... jekk int tonqos... kull min jaf, il-hbieb kollha ta' missierek, il-kbarat ta' Gerusallem, ighidu li kellek ragun. Imma ahna t-tnejn inkunu tlifna 'l-xulxin.

6. RACHEL — Jien nemmen, David... nemmnek... nemmen f'dak kollu li taghmel int. Imma kif jista' jkun nitlaq issa stess?

7. DAVID — Bhalissa m'ghandna xejn xi jzommna. Ghada ghandhom mnejn jippruvaw jeghilbuh u jirbhuh. Li wiehed ma jkunx mieghu issa jfisser li jichdu. Dan jien ma nistax naghmlu. (Jimxi ftit gham-nofs imma aktar lejn il-lemin)

8. RACHEL — (Fuq it-targa tat-terrazzin thares 'l-hinn mill-palk) Ziju ~~DEBORAH~~ NATHAN ghidli x'haqbad naghmel?

9. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Hadd hliefek ma jista jwiegibha dik il-mistoqsija, binti.

(Jiftah il-bieb tal-lemin tal-maghlaq u jibqa ~~thares~~ thares lejn l-gholjiet ghal ftit. Issa jidhru mdawlin b'dawl il-qamar. Imbaghad.)

10. RACHEL — (Tidhol fil-kamra) Ziju ~~Deborah~~ NATHAN.

11. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva, ghaziza tieghi.

(Johrog hdejha. Matul ix-xena li gejja jghaddu minn waqt ghall-iehor minn quddiem il-fetha tat-terrazzin waqt li jkunu teghlin u nizlin matulu. David ihares lejn il-lemin minn fuq it-targa fin-nofs.)

12. ESTHER — (wara waqfa) DAVID. (Tmur in-naha tat-tarf tsx-xellug tas-sufan)

13. DAVID — Iva, Esther?

14. ESTHER — (Tmur in-naha ta' quddiem fit-tarf lemini tas-sufan) Taghtix kas jekk jitlaghli malghajr. Kollu htija ta l-ghama tieghi li sirt hekk.

15. DAVID — Thabbilx rasek, jiena nifhem. (Imur lejn in-naha tat-tarf tax-xellug tas-sufan)

16. Esther — (Toqghod bilqeghda fuq il-lemin tas-sufan) Ejja u oqghod ftit bilqieghda ma genbi.

(David imur joqghod bil-qeghda ma genbha imma fuq il-lemin taghha) Tarrafli xi haga dwar dan Gesu.

17. DAVID — Tassew li trid tkun taf.?

18. ESTHER — Nixtieq li tghidli int.

19. DAVID — Igaghalna naraw kollox mod iehor. Hu jberred u jxejjen is-siltiet li wiehed isib ruhu fihom, tista' tghid il-bicca l-kbira ta' dawk is-siltiet li wiehed ikollu mieghu nnifsu.

20. ESTHER — Zgur li m'intix toholmu dan kollu?

21. DAVID — Ma nafx. Wara kollox qed inghidlek xi nhoss jien.

22. ESTHER — Issa tara kif kollox itir mar-rih....kollox jerga' jigi bhalma kien qabel... l-istess kif minn dejjem kien.

23. DAVID — Ma nahsibx.

24. ESTHER — Ghaliex dak kollu li ghad tista' tkun fil-gejjieni tahlih ghal daqsxejn ta' hrara fiergha tal-mument?

25. DAVID — Xejn minn dan.

1. ESTHER — Jiena hekk nahsibha,

2. DAVID — Inti ghadek ma tistax tifhem.

3. ESTHER — Dazgur li nifhem. Int imissek ghandek qaghda gholja hafna f' Gerusalem.

4. DAVID — Il-qaghdiet gholjin m'himiex hajr duhhan li jtir marrih.

5. ESTHER — Issa qed titkellem hekk, imma ghad tigi f'sensik.

(PAWSA)

Thobbha hafna lil ohti?

6. DAVID — Iva.

7. ESTHER — Ili ma naraha minn meta kienet ghadha zghira. Hi sabiha xejn?

8. DAVID — Sabiha hafna.

9. ESTHER — Kienu jghidu li jiena kont sabiha wkoll. Taqbel int?

10. DAVID — Iva. Imma ghaliex qeghda tistaqsini?

11. ESTHER — In-nisa jhobbu hafna jisimghu min itennilhom li huma sbieh U jiena, wara kollox, ghadni mara.... Jisghobbija li missieri ma jridekx tidhol izjed hawn gew. Bluha minn tieghu. Jekktrid inkellimhulek jien. (Tqieghed idha fuq tieghu) Jiena nixtieqek tibq' tigi zzurna.

12. DAVID — (Jersaq boghod minnha) Jekk joghgbok, Esther... taghmilx hekk. (Inehhi idu)

13. ESTHER — Tajjeb hafna...imma m'ghandekx ghalfejn tkun daqshekk herqan! Jekk gibt ruhi ftit u xejn bil-goff, iftakar li jiena il-possilitajiet bhalma ghandu kulhadd!

14. DAVID — Tassew jisghobbija, Esther... imma ma nistax.(Iqum)

15. ESTHER — M'ghandna xejn xi nghidu aktar. Jekk trid tkun taf il-verita, jiena ghidt lil missieri li jkun iblah jekk ihalli tidhol hawn gew aktar. Dawn il-praspar dwar in-Nazzarenu ma jaghmlu gid lil hadd...ghallinqas mhux lilna.

16. DAVID — (Imur quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan) Il-lejla ma nafx kif qed narak, Esther, Tidher stramb.

17. ESTHER — Naf.Htija tax-xitan li ghandi fija.

18. DAVID — Rachel, sejjer jien.

19. RACHEL — (Tieqaf fid-dahla tat-terrazzin flimkien ma ~~Deborah,~~ NATHAN tidhol fil-kamra) Meta se tmur? (Tigi wara is-sufan ghan-nofs lemini tieghu)

20. DAVID — (Imur hdejha fuq il-lemin) Issa.....dal-lejlstess. Tigi int?

21. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Minn fuq il-lemin talqiegha) Tahseb li jkun kollox sew ghalija f'Betanja.

22. DAVID — Dazgur. Ghandi hbieb ohra hemm. Imbaghad se jkun hemm bosta nisa wkoll.

23. RACHEL — Nigi mieghek, David.

24. ESTHER — U jien ma nhallikx.

25. RACHEL — Dan li ghandu jghaddi minna. Mur, David. Stennieni fi djul l-gholja. Dalwaqt ninghaqad mieghek.

(Jitghannqu)
(Jaqbad sejjer lejn il-lemin biex johrog. Malli jaghmel hekk jigi wicc ma' wicc ma' MATHIAS.)

26. MATHIAS — Int? Xi jfisser dan?
(~~Deborah~~ NATHAN jinzel ghan-naha tax-xellug tas-sufan)

27. ESTHER — Gejt kura kmieni hafna, Mathias.

1. ESTHER — Gie biex jiehu 'l Rachel mieghu,irid johodha Betanja.

(Issa l-qaghdiet huma hekk :- Mathias in-naha tal-lemin fil-bieb tal-kamra, DAVID ghan-noss lejn il-lemin, Rachel in-naha tal-lemin 'l fuq, Esther bil-qieghed fuq is-sufan u Deborah lejn ix-xellug tieghu)

2. MATHIAS — Betanja! F'gieh Alla, nista' nkun naf fuqhiex qed titkellmu

3. RACHEL — Sejra ma' David.

4. MATHIAS — X'qed jaghtik, zaghzugha? Taf x'inti tghid?

5. RACHEL — Iva, Mathias...naf.

6. MATHIAS — (Lil DAVID) Int ma titkellem xejn? Nista' nkun naf x'il-mniefah ifasser dan?

7. DAVID — M'hemmx xi tghi. Se mmorru Betanja.

8. MATHIAS — Int tista' tmur Betanja jew fejn ix-xjafek trid. Imma Rachel...Mela kulhadd qed jigi msahhar il-lejla? Isaac ghadu kemm gharrafni dwar dak l-imbiccilli ta' zaghzugh Jacob. (Jirghex - lil David) Itlaq 'l barra minn hawn int, ja hajjen......

9. DAVID — MATHIAS..;....

10. MATHIAS — Itlaq 'l barra, qed inghidlek.

11. DAVID — Jekk joghgbok, Mathias tkunx......

12. MATHIAS — Itlaq 'l barra... Italq 'l barra.... Itlaq 'l barra... Ga l-beit kollha hija mizghuda bis-semm li tafu xxerdu intom.... u ahna, hawn gew, ma rridux ikollna x'naqsmu maghkom.

13. RACHEL — Mathias.......

14. MATHIAS — Titkellimx int... inti bla mis+hija wkoll! Din dar ta' nies tal-galbu.

15. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Mathias, ibni.......

16. MATHIAS — Bizzejjed iss... qed inghid ghal kulhadd. Se titlaq int?

17. DAVID — Sejjer. Imma dan l-ghadab kollu, x'wahda din!

18. MATHIA — Ghadab!Int tizra l-herba kullimkien bit-taghlim ta' qirda li qed ixxerred, tqarraq b'niesek stess, izzeblah l-istess ligi u 'l twemmminna. Tidhol bis-serqa hawn gew waqt li jkollha dharna mdawwar sabiex tisraq lil ohti u twaqqaghha fil-hama taz-zina tieghek.... u jien m'ghandix ghalfejn naghdab, hux tassew? Imissek tigi mkecci 'l Barra bis-saqajn int. (Isejjah) Isaac!...Isaac! (Jitla' ftit in-naha ta' fuq tal-palk)

19. ~~DEBORAH~~ NATHAN /ma — Ibni, dan/jaghmel gid lil hadd.......

20 MATHIAS — Jekk joghgbok... ziju ~~Deborah~~ NATHAN... int hawn ma tikkmanda xejn.....

21. ISAAC — (Ifegg fid-dahla tal-bieb fuq il-lemin) Iva, sidti Mathias

22. DAVID — (Jersaq pass lejn Mathias) Ibghatu lura minn fejn gie lil dar-ragel, Mathias.

(Rachel tmur hdejn ~~Deborah~~ NATHAN fuq ix-xellug)

23. MATHIAS — Isaac........

24. DAVID — Ibghatu lura... qed tisma?

25. MATHIAS — Igbor lin-nies tieghek, Isaac. Aghtihom il-frosti. Meta dal-brikkun johrog minn hawn, aqbdu sawtuh fit-triq.

26. RACHEL — (Taghmel pass lejn il-lemin) M'ghadnekx.......

27 MATHIAS — (Lil ISAAC) Mur.

(Isaac johrog minn fuq il-lemin)

28 DAVID — Imma ghaliex tintilef daqshekk minn sentik?

1. MATHIAS — (Jersaq aktar qrib ta' DAVID) Issa oqghod habbel rasek ftit kif il-helu twemmin tieghek se jgerrahha l-qaghdali se ssib ruhek fiha int.... imsawwat, qed tifhem?

2. DAVID — La timbixnix.

3. M THIAS — (Jersaq fuq il-lemin ta' David) Mela, wara kollox, din l-imhabba kollha taghkom jista' jimbixha xi hadd, eh?

4. DAVID — Ghid lil dawk l-irgiel biex ma jmissunix.

5. M THIAS — L-amar tieghi haduh. Go Betanja mur newwah u oqghod urihom il-hzuz tas-swat li jkunu hallulek fuq gismek. Staqsih ftit lil Gesu tieghek xi jkun ghamel ghalik.

6. DAVID — Tutkellimx b'dal mod.

7. MATHIAS — Ghidlu x'jista jistenna huwa wkoll.

8. DAVID — Ma nistax inhallik tlissnu Kliem bhal dan.......

9. MATHIAS — Ma nistax inhallik! Mur ghidlu li Gerusalem m'huwiex il-post maghzul biex iwettaq fih tahsir in-nies kif irid jaghmel hu...... ghidlu li ahna nafu tajjeb kif nghaddbuh ghad-dagha tieghu.......

10. DAVID — Mathias....qed nitolbok bil-hniena......

11. MATHIAS — Ghidlu kemm nafu nsewwulhom drawwiethom il-hallielin ta' bil-lejl.

12. DAVID — Ghal darba ohra qed.......

13. MATHIAS — Mur ghid lil dak il.......

(DAVID ixejjer daqqa ta'ponn lil MATHIAS fuq halqu. RACHEL taqsam ghan-nofs il-palk quddiem is-sufan. Esther tqu m bil-wieqfa. Jinzamm skiet ghal waqt wiehed waqt li MATHAIS jibqa' ccassat ihares lejn idu. Imbaghad:-)

14. DAVID — X'wahda din, Alla tieghi! X'ghamilt b'idejja!....Mghallem! (Aktar bil-karba) Mghallem!

15. RACHEL — (Tmur hdejn DAVID) David! (Tmur toqghod fuq ix-xellug tieghu)

16. DAVID — Rachel,........mahbuba tieghi......qarraqt bl-Imaghallem!

(Jinzel gharkobbtejh, soghbien, jinghi bil-mod, b'rasu mnizzla bejn dieghajh)

(DEBORAH tersaq in-naha ta' fuq tal-palk, ghan-naha tat-tarf tax-xellug tas-sufan, hdejn it-tarag tat-terrazzi

(SALATHIEL jidhol minn fuq il-lemin)

17. SALATHIEL — Hawn x'gara?

(Salathiel jibqa fid-dahla tal-bieb, Mathias imur lejn l-iskrivanija. Esther terga' toqghod bil-qeghda)

X'inhuma qeghdin jaghmlu hemm isfel dawk l-irgiel bis-swat f'idejhom?

(Pawsa- silenzju)

Mela mmutajtu 'lkoll.

18. ESTHER — David ghadu kif tana xempju tat-taghlim tan-Nazzarenu.

19. SALATHIEL — Qabel xejn tisghtu tghiduli ghaliex qieghed hawn dak?

20. DAVID — (Idur lejn Mathias - bil-hniena) Ahfirli, Mathias. Tassew inhossni nisthi minn ghemili. Twemmini ma felahx igarrab lanqas prova wahda biss!

21. MATHIAS — Itlaq 'l barra.

22. RACHEL — David inti sejjer Betanja?

23. DAVID — Ma dan kollu, jehtieg nghidlu. Hu ghandu qalbu hanina u jaf jaghder.

24. RACHEL — Jiena gejja mieghek.

1. DAVID — Le mhux issa.

2. RACHEL — Issa aktar minn qabel.

3. DAVID — Tlift ruhi.

4. RACHEL — Nergghu nsibuha mill-gdid flimkien, tibzax.

5. SALATHIEL — Xi jfisser dan kollu? (Kersaq 'l gewwa ftit fil-kamra)

6. RACHEL — Se nitlaq ma' David, Pa.

7. SALATHIEL — X'jigifieri?

8. ESTHER — Ikun ahjar thallihom jitilqu

9. Mathias — Iva, halliha titlaq. M'ghadhiex x'taqsam izjed ma' did-dar. Ahjar nehilsu minnhom. Hekk jew hekk, ga seraqhielna.

10. SALATHIEL — (B'qilla)Imsejkna zaghzugha!

(Jerga' jigi lura Isaac u jfegg fuq il-lemin)

11. ISAAC — Gie Genturjun jistaqsi ghalik. Qieghed isfel.

12. SALATHIEL — (Jaqsa il-palk u jmur fuq ix-xellug) Kollox sew. Mur tellghu s'hawn fuq.

13. MATHIAS — U n-nies tieghek ma jkollniex bzonnhem. (Isaac johrog)

14. RACHEL — Pa......

15. SALATHIEL — M'hemm xejn xi nghidu.

(ISAAC iddahhal lic-Centurjun, u jitlaq. Ic-Centurjun Ruman jaqsam il-palk u jmur hdejn Salathiel fuq il-lemin

16. CENTURJUN — (Jaghtih bicca patcmina) F'isem Cesri.

17. SALATHIEL — (Johodha) Iva. Naf x'fiha miktub. Il-Gvernatur qalli. Ghadni kif gejt minn hdejh.

18. CENTURJUN — (Jaqsam lejn il-lemin u jmur joqghod bejn David u Mathias imma ftit 'l isfel minnhom) Nahseb li 'lkoll ghandkom isserhhu mohhkom. Ittiehdet kull prekawzjoni. Id-djar ewlenin fuq it-triq li tiehu ghal Betanja se jigu mharsin minn nies taghna. Erbgha minnhom gew ordnati biex jaghmlu l-ghassa hawn. Trid taghti ordni lill-qaddejja biex ghada fil-ghodu mas-sebh jifthulhom u jdahhluhom gewwa?

19. SALATHIEL — Kollox sew.

20. CENTURJUN — Hadd hliefek ma jkun jista' johrog mid-dar matul il-gurna. Dak hu l-permess tieghek.

21. SALATHIEL — Kollox sew.

22. CENTURJUN — F'kas ta' periklu kbir, li ma nahsibx li jsehh, ghadnhom jindaqqu l-qniepen bhala twissija. F'dak il-kas l-ghassie ghandhom ordni biex jimbarraw il-bibien tad-dar.

23. SALATHIEL — Kollox sew.

24. CENTURJUN — Dak kollox. Il-lejl it-tajjeb. (Idur biex jitlaq, imma jieqaf ihares lejn MATHIAS) X'kont se nghid?.... m'hemmx ghalfejn nistaqsi, imma bhala rutina.... inti m'ghandekx xi tghid xejn fuq hadd minn dawk li jinsabu hawn gew, hux

25. SALATHIEL — Emm.....

26. CENTURJUN — Dwar il-qaddejja, biex inghid hekk?

27. SALATHIEL — Emma... il-qaddejja huma kollha ta' min jorbot fuqhom.

28. CENTURJUN — Hekk hu. Il-lejl it-tajjeb. (Johrog minn fuq il-lemin)

29. DAVID — (Jinzel pass 'l isfel) Ghaliex ma tkellimtx?

30. SALATHIEL — Bqajt sieket minhabba dik l-imsejkna zaghzugha. (Imur in-naha ta' wara tas-sufan fuq ix-xellug tieghu)

U issa x'ser jsir?

(~~DEBORAH~~ NATHAN jmur ftit lejn ix-xellug fuq it-tatag)

31 RACHEL — Ikollna mmorru. (Tmur aktar qrib David)

1. SALATHIEL — (Jersaq aktar lejn Rachel) Ghal sitt generazzajonijiet did-dar baghqet dejjem izzomm giehha, u issa binti se titlaqha fis-siegha tat-terghir.

2. RACHEL — Kieku biss kont taf......

3. SALATHIEL — Naf jien! Habbejtek hafna Rachel. Imma issa ntemm kollox. Mur(B'idejh merfughin 'l fuq) u jalla l-htija ta' l-izball tieghek titwiezen fuq rasek stess.

4. ~~DEBORAH~~ NATAAN — (Jinzel fuq in-naha tax-xellug tas-sufan) Salathiel, jiena ghixt bizzejjed minn fuq il-karita li sa 'llum dejjem tajtni. Nizzik hajr ghaliha minn qalbi tabilhaqq. Imma issa wasal iz-zmien li jiena nitilqek. In)Nazzarenu, kien bassru dan meta qal:"Jiena gejt mhux biex innissel il-Paci imma x-xabla. U l-ghedewwa tal- bniedem ikunu dawk minn fost id-dar tieghu stess." (Jaqsam lejn il-bieb fuq il-lemin Ejjew.

(Johrog. DAVID jaqsam lejn il-bieb fuq il-lemin u jogghod jistenna. Rachel taghmillu s-sinjal biex johrog, u hu jaghmel hekk. Ghal waqt wiehed Rachel tibqa quddiem missierha, li ma jiccaqlaqx, imbaghad tmur wara David u tohrog minn fuq il-lemin)

(ESTHER tqum bil mod u tmur lejn il-bieb fuq il-lemin)

5. SALATHIEL — Mur idhol fis-sodda Esther, hanini.

6. ESTHER — (Wara waqfa waqt li tilhaq il-bieb) Il-lejl it-tajjeb.

(Tohrog minn fuq ix-xellug)

7. ALATHIEL — Mathias, ghid lil Isaac li l-ghassiesa jkunu hawn ghada fil-ghodu mas-sebh.

8. MATHIAS — Iva, Pa. Il-lejl it-tajjeb.

(Mathias johrog minn fuqil-lemin)

9. SALATHIEL — Il-lejl it-tajjeb.

(Jinstemghu hsejjes gejjin minn naha ta' l-gholjiet)

(SALATHIEL johrog fuq it-terrazzin, u jhares tul it-triq li tiehu ghal Betanja. Ghal ftit ma jkunx se jghajjat "RACHEL" imma jrazzan lilu nnifsu mnikket ghall-ahhar)

IS-SEPARJU jinghalaq bil-mod

TNIEN

L-EWWL ATT.

## IT-TIENI ATT

Xena: L-istess

Hin: Wara nofs inhar ta' l-ghada. Xemx tisreg

Fuq it-terrazzin hemm zewg ghassiesa Rumani, kull wiehed minnhom magenb banketta, ma jiccaqlaq xejn, izomm harstu mwahhla fuq it-triq li tinfirex quddiemu. L-ewwel ghassies qieghed fuq ix-xellug. It-tieni fuq il-lemin. It-tieni ghassies imur jittawwal minn fuq il-balustrata, u wara jerga' jiehu postu li kien fih qabel.

Jidhol Salathiel minn fuq il-lemin. Bid-dieher kien qed jiekol, ghax f'idu ghandu sarvetta u qdieh tax-xorb. Imur fit-terrazzin u jieqaf bejn iz-zewg ghassiesa, ihares in-naha ta' Betanja mill-fetha tan-nofs.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | SALATHIEL | Ghax m'hemm hoss ta' xejn, hux tassew? |
| 2. | 1st. GHASSIES | Xejn, sinjur. |
| 3. | SALATHIEL | Wara kolloxm nahseb li qghadna nitbezzghu ghalxejn. |
| 4. | 1st. GHASSIES | Ma nistaghgibx, sinjr. |
| 5. | 2nd. GHASSIES | Jiena mill-ewwel ghidt li jahsbuha darbtejn meta jasal il-waqt. |
| 6. | SALATHIEL | Ghalhekk irrid nahseb li lilek dal-bnieden xejn ma jinzillek, hux tassew? |
| 7. | 2nd. GHASSIES | Lili, sinjur? Dazgur li le! B'dankollu, kemm il-darba jibqa' jterraq qalb l-irhula z-zghar, ma nahsibx li ghadnu jaqlaghlna l-ghawg. Kemm jista' jkun, ma tantx nixtiequh jigina mas-saqajn hawn f'Gerusalem. Bizzejjed ghandna nies li qed ifittxu fuqhiex iqabbdu dufrejhom daz-zmien! It-tahdidiet li jaghti hu jghoddu hafna ghalihom tabilhaqq. |
| 8. | SALATHIEL | (Ihares 'l quddiem) Harsa tabilhaqq ghaqlija dwar il-qaghda kollha. (Jinzel ftit 'l isfel fil-kamra) |
| 9. | 1st. GHASSIES | Ghadirni nistaqsik, sinjur. Ma nahsibx li ghadek hadt ebda ahbar dwar iz-zaghzugh, hux tassew? |
| 10. | SALATHIEL | Le, ghadni. |
| 11. | 1st. GHASSIES | Tassew jisghobbija li kellha titlaq hekk, sinjur. |
| 12. | SALATHIEL | Grassi hafna tal-hsieb. |
| | | (Jidhol aktar fil-kamra, iqieghed is-servetta u qdieh tax-xorb fuq il-mejda n-naha t'isfel fuq ix-xellug, imbaghad imur lejn is-sufan u jinxehet bil-qeghda fuqu bla kont. Wara ftit jaqbad jinghi u jghid inkwietat... "RACHEL" ghal darbtejn. Imbaghad iqum u jerga jitla' 'l fuq lejn ir-rokna fuq il-lemin. Zummara ta' raghaj tinstama' ddoqq min-naha ta' l-gholjiet.) |
| | | (ESTHER tidhol minn fuq ix-xellug, u wara tmur ghan-nofs lemini) |
| 13. | ESTHER | (Mill-bieb) Togghod titnikket aktar, pa. Rachel giebet ruhha ta' wahda belha. (N.L). Fl-imghoddi hafna xebbiet ghamlu bhalha.... u hafna ghad jaghmlu bhalha wkoll fil-gejjieni. Ghalhekk m'hemmx ghal fejn togghod tibki dwar dil-bicca xoghol. (Tmur lejn is-sufan) |
| 14. | SALATHIEL | Naf... ma jisthoqqilhiex. Imma kienet marbuta hafna ma' qalbi. |
| 15. | ESTHER | Qed titkellem bhallikieku m'ghadx fadallek bint ohra. |

1. SALATHIEL — Taf tajjeb li l-problemi m'humiex se jinhallu b'dal-mod, Esther, hanini. Trid tistabar mieghi.

2. ESTHER — (Toqghod bil-qeghda f'nofs is-sufan) Thabbilx rasek, naf kif ghandi nistabar jien.

3. SALATHIEL — (Jaqsam ghan-naha tax-xellug quddiem is-sufan) Tmur terhi ruhha f'idejn nies imwarrbin bhal dawk, eh?

4. ESTHER — Ghaliex ma tohrogx ftit u tara x'qed jigri b'ghajnejk? Ghal-linqas issib f'hiex theda!

(Id-daqq taz-zummara fuq l-gholjiet jieqaf)

5. SALATHIEL — (Imur fuq it-terrazzin minn fuq ix-xellug) Xejn mhu qed jigri. Issa ilu li ghadda nofs-inhar. Ikolli nghid, biddlu l-hsieb li kellhom. (Issa qieghed f'nofs it-terrazzin ihares 'l barra)

6. ESTHER — Sata' widdibhom xi hadd li jkun jaqblilhom jekk ma jigu xejn mill-ewwel.

7. SALATHIEL — (Jasal sa tarf it-terrazzin) Hekk nahseb gara.

8. ESTHER — B'dankollu ma nemmen qatt li lil dawn in-nies jonqoshom il-kuragg. Naf tajjeb li Rachel thobbu lil dak iz-zaghzugh, u naf ukoll li tinsab ghal qalbha. Wara kollox, xorta jibqa l-fatt li kien ghemil ta' hila u dehen dak li wettqet. Imma x'imlieha b'daqshekk hegga u kuragg?

9. SALATHIEL — La naf, u lanqas ma rrid naf. Kulma naf hu li tliftha darba ghal dejjem.

10. ESTHER — Kieku kont minn flokha kont nasal biex naghmel bhalha jien. Imma qatt ma bsart li hi mienet se tasal s'hawn.

11. SALATHIEL — (Jinzel ghal fuq il-lemin ta' ESTHER) Kont taghmlu dan int?

12. ESTHER — Kieku sibt xi haga li stajt nemmen tassew fiha!

13. SALATHIEL — Biex wiehed jemmen m'ghandux ghalfejn joqghod jistenna li jzuru xi ferh ta' genn biex jahkimlu l-mohhu.

(2nd GHASSIES jaqbad tiela' u niezel mat-terrazzin)

M'ghandux ghalfejn jitnissel minn xi wirja ta' xi haga. It-twemmin taghna huwa qadim hafna, u maghruf bizzejjed. Ahna ghandna 'l Alla ta' missirijietna, Esther, hanini. Minn dejjem kien Alla gust. Ghamilna maghrufin.... tana isem... gid... gieh.

14. ESTHER — Lili ghamilna ghamja.

15. SALATHEIL — Naf, hanini. Imma ahnanhobbuk xorta wahda...

16. ESTHER — Naf. Tassew inhoss li nemmen f'Alla taghna... meta noqghod nahseb fih. Imma l-bqija tal-hin ma nindunax li jkun mieghi. Lil hajti ma jimlihielix kif imissu Lil tieghek jimlihielek?

17. SALATHIEL — (Jaqsam fuq ix-xellug minn quddiem is-sufan) Iva... ikolli nghid li jien nahseb dejjem fiH. Ma nqast qatt milli nwettaq dmirijieti.

18. ESTHER — Le, Pa. Ma nafx, imma dan kollu donnu qisu jidher li hu xi kuntratt....

19. SALATHIEL — (Jinzel 'l isfel in-naha tax-xellug tas-sufan) Iva, kuntratt mimli gieh. Ghandek tkun taf, li hemm ligijiet kif ukoll hemm premijiet u kastigi. (Joqghod bil-qeghda fuq is-Sufan fuq il-lemin ta' Esther)

1. ESTHER

Nahseb li ghandek ragun. Pa, nixtieqek tif hem li ghalkemm waqtiet nitkellem mieghek mhux kif imissni, b'dankollu jiena nhobbok hafna.

(jaqbdilha idha)

Xi minn daqqiet nogghod nahseb kemm tabilhaqq hajtek hija wahda soda u shiha u horra. Dak Alla li qed jaghtik dan kollu huwa tassew Alla ta' min jafda FIH. Ghalhekk ma nistaghgibx li jisghobbik meta tara 'l xi hadd jichadlu setghetu. Imma mieghi haga ohra. Jiena wkoll noboghdu dat-tahwid. Jekk hadd ma jkun jaf fejn ghandu jogghod, hadd ma jmur izomm postu, m'ghandnix xi nghidu. B'dankollu 'l bierah bil-lejl hassejtni nghir ghal Rachel. Jiena nghir ghaliha ghal hafna xorti, jekk nigu ghal dan, imma rrid infisser li hassejtni nghir minhbba t-twemmin taghha li qanqalha biex taghmel dak li ghamlet. Ghax ghandek tkun taf li hi ma tqanqlitx biss mill-imhabba li ghandha ghal David. Kienet li ddiet fuqha bis-sahha ta' David... xi haga li qeghda tiddi 'l hawn minn Betanja. Jiena ma nafx x'inhi.... jekk tipprova tfissirha bil-kliem, dawn jinhassu bhal kliem ta' wiehed belheni; B'dan kollu hi xi haga akbar, aktar misterjuza mis-setgha t'Alla taghna. Dix-xi haga jiena manhosshiex gewwa fija... inhoss biss li huma jhossuha fihom.

2. SALATHEIL

Ma taghmilx tajjeb jekk togghod issensel dawn il-hafna mistoqsijiet, hanini. Ma jaghmlux haga ohra ghajr ihawduna.

(2nd GHASSIES jerga' jmur jogghod fejn ikun qabel magenb il-ferha ta' fuq il-lemin)

3. ESTHER

Naf li jhawduna. Imma mi minn daqqiet huma nfishom irawmu mistoqsijiet ohrajn.

4. SALATHIEL

Waqtiet jiena wkoll inhossni nithawwad. Ghad hemm hafna affarijiet li ma nistghux nifhmu. Ghamilt hilti biex nimxi skond il-haqq u s-sewwa u xi kull tant, nistaqsi lili nnifsi jekk, fit-triq tal-haqq u s-sewwa li ghazilt, inhossx li jien kburi u superv Jidher li ma wegghajt lil hadd, b'dankollu jista' jkun li hajti, dawhekk minlija b'risq, hi ta' hsara ghal hafna... Imma m'ghandix zmien x'nahli biex nogghod nitkellem fjq affarijiet bhal dawn, Wara kollox, id-dinja m'ghandix niehu hsiebha jien... imma Alla.

5. ESTHER

Dik hi! Min jaf jekk, wara kollox, id-dinja ghandux jiehu hsiebha kull wiehed minna?! Ghandha mnejn ghalhekk tmur in-nies bi hgarha wara dal-bniedem minn Nazareth!

(MATHIAS jidhol minn fuq il-lemin. Jibqa' tiela' fit-terrazzin jittawwal 'l barra mill-fetha tan-nofs lejn ix-xellug)

6. MATHIAS

Ghadu ma gara xejn, hux tassew?

7. SALATHIEL

Xejn.

8. MATHIAS

(Fit-terrazzin) Pa, ghax ma tohrogx ftit u tara jekk tismax xi haga, eh?

9. SALATHIEL

M'hemm xejn x'nisma... kemm-il darba ma jinzlux minn Betanja.

10. MATHIAS

(Jinzel fil-kamra minn fuq il-lemin) Jiena qghadt inhammem ftit wahdi. Tassew ghandhom ghaliex jaghtu ezempju b'dar-ragel!

(1st. GHASSIES jimxi lejn il-lemin u 2nd GHASSIES imur jogghod ghan-nofs it-terrazzin)

1. SALATHIEL — S'issa ghadu ma kiser ebda ligi.

2. MATHIAS — Le, imma jekk jinzel Gerusalem ma tkunx haga tqila ggaghlu jikser xi wahda. Jiena tal-fehema li ghamlu zball meta hadu dawn il-prekawzjonijiet kollha biex ma jsirx irvell. Kieku kelli naghmel jien, kont inqajjem irvell shih u nara li hu jkun imdahhal fih.

3. SALATHIEL — Minn dak li jirrizulta, hu xhux maghmul hekk.

4. MATHIAS — Imma, kemm-il darba David hu ta' min jorbot fuqu, is-segwaci tieghu huma.

5. SALATHIEL — Lil David ma nistax nifhmu. Minn dejjem deherli zaghzugh tal-galbu u li tista' tafda fih.

6. MATHIAS — Kieku kont flokok ma kontx inhabbel rasi fuqu. (Jogghod bil-qeghda fuq banketta n-naha t'isfel fuq il-lemin)

7. SALATHIEL — Issa ghandu lil Rachel.

8. MATHIAS — Dwar dan jehtieg li nzommu daqsxejn ta' kontroll fuqna nfusna. Jekk inrattbu qalbna nitilfu l-qaleb u l-gbejna.

9. SALATHIEL — Ghamilt hazin li hallejtha titlaq waqt li tajtha x'tifhem li kont mghaddab ghaliha.

10. MATHIAS — Zgur ma kienetx tistennik tberikha! Jiena nghid li ghamilt sewwa

11. SALATHIEL — Kollu ta' xejn... ma ninsieha qatt! Kien kollu mrar... u ghal binti stess! Kien imissni gibt ruhi hafna ahjar.

12. MATHIAS — M'intix taghmel sewwa, pa. Jekk tassew trid izzomm l-awtorita tieghek, ma tistax tibqa bejn haltejn f'affarijiet bhal dawn. Jisghobbija ghal Rachel.

13. ESTHER — Ma nahsibx li ghandha bzonnha s-soghba tieghek.

14. MATHIAS — Jiena wkoll hekk nahseb; b'dankollu xorta wahda jisghobbija ghaliha. Dan jiena nhossu daqs hadd iehor. Haga xierqa fil-familja, mhux hekk? Qatt hadd ma sata' jghid xejn kontrina. B'dankollu, jisghobbija ghaz-zaghzugha... lili, Rachel, kienet toghgobni hafna... u issa hajjietha bdietha billi gharrqitha ghal kollox! M'ghandnix xi nghidu, ma nistghux ma jisghobbinix ghaliha. Imma issa dak li sar, sar, u ma jkun jiswielna xejn jekk nitilfu ghaqalna wara dil-grajja. In-nies tqimek sakemm turi ruhek sod, pa. Tieqaf malli tintebah li qed tibda taghder lilek innifsek. U zgur ma tqiesek aktar kemm-il darba tara li qed taghti hjiel ta' dghajfien u li qed tibda tithassar lil dak u lill-iehor.

15. SALATHIEL — Ma kontx qed nahseb x'tista' tghid in-nies. F'mohhi kelli lil Rachel. Jiena lest li nragga' lura kulma ghidt biex naraha hawn mill-gdid.

16. MATHIAS — (Iqum bil-wieqfa u jmur lejn il-lemin wara s-sufan, bhalkieku sejjer lejn l-iskrivanija) Mela tassew li qed titlef il-qabda t'idejk. (Jieqaf wara s-sufan f'nofs ESTHER u SALATHIEL)

Qatt qabel ma rajtek hekk! Ma tintebahx, pa, li kemm-il darba fi zmenijiet bhal dawn, nibdew niddubitaw lilna nfusna, nistghu nghidu li ahna mitlufin?! Inti rabbejtni u ghallimtni nemmen f'dawk l-affarijiet li fuqhom Gerusalemm hija mibnija ....mibnija minnkom u mill-generazzjonijiet ta' qabilkom. Dan mhux xi esperiment li sar habta u

1\. MATHIAS (ikompli)

sabta, u li dwaru ghadna fil-ghama! Mhux hlief sistema antik; wiehed li ghadda minn taht il-mehriez taz-zmenijiet; li jahdem bil-ghaqal ghas-socjeta taghna daqs kemm hu umanament possibli. Jekk nimxu mieghu, inkunu nafu fejn ahna, u x'se jkunu l-konsegwenzi ta' ghemilna kemm ghat-tajjeb kif ukoll ghall-hazin. Dawn in-nies l-ohrajn jistghu jissugraw kemm iridu u joholqu teoriji godda... huma ma jmorru qatt minn taht, ukoll jekk it-teoriji sbieh taghhom jitfarrkulhom kollha. Imma warajna ahna ghandna tradizzjoni....

(SALATHIEL idur u jhares lejh)

li hadet mijiet ta' snin biex lahqet fejn hi 'llum, u jekk tintemm, nintemmu maghha ahna lkoll. (Jimxi fejn ix-xellug fuq il-qiegha) Ma nistghux nitkellmu fuqha filosofikament u nkunu fini dwarha. Din mhix ghajr kwistjoni ta' helsien taghna nfusna.

(Imur in-naha tal-kamra u jinzel minn fuq il-qiegha mix-xellug)

Kulma ghamilt ma' Rachel mhux ghajr dak li kull bniedem b'mohhu f'postu jmissu jaghmel. Jekk toqghod tithasseb jekk ghamiltx sewwa jew le, tista mill-ewwel taqbad it-tradizzjoni, li int innifsek taghmel sehem minnha, u thassarha, u tfarrakha, u tarmiha darba ghal dejjem.

2\. SALATHIEL (Iqum bil-wieqfa u jersaq lejn MATHIES) Iva, ibni, TAssew tghallimtha tajjeb il-lezjoni.

3\. MATHIAS Dan hu t-taghlim tieghek stess. Ma tistax tmur kontrija issa.

4\. SALATHIEL Jiena m'ghadnix li kont... tbiddilt. Grat xi haga gdida fija. L-istess bhal meta xi hadd isir bniedem iehor... Irrid lil binti lura.

5\. MATHIAS Ghad ghandek lil Esther.... ghad ghandek lili. Ahna flimkien qeghdin hawn.

6\. SALATHIEL Naf, Mathias. Inti zaghzugh bil-ghaqal.

7\. MATHIAS U Esther ukoll bil-ghaqal.....

(SALATHIEL jitla' n-naha ta' fuq tal-palk)

Meta trid... taf tajjeb li t-tobba ma qatghux ieshom minnha.

(ISAAC ifegg fil-bieb fuq il-lemin)

8\. SALATHIEL Iva, Isaac... x'inqala'?

9\. ISAAC Nista' nkellmek, jekk joghgbok, sinjur? (Jidhol ftit fil-kamra)

10\. SALATHIEL (Jaqsam il-palk u jmur joqghod fuq ix-xellug ta' ISAAC) Iva. Rasi u rasek?

(MATHIAS imur joqghod bil-qeghda fuq in-naha ta' wara tas-sufan, lejn it-tarf tax-xellug)

11\. ISAAC Le, sinjur, m'hemmx ghalfejn. Biex inghidlek is-sewwa, inhossni ftit u xejn imhawwad. Naf li m'ghandix ghalfejn inkun, imma b'dankollu hekk inhossni.

12\. SALATHIEL Dwar x'hiex?

13\. ISAAC Kont qed nitkellem ma' wiehed minn dawk l-Ghassiesa Rumani li hemm isfel. Nahseb li qghadt inkellmu xi ftit aktar fit-tul milli kien imissni.... Taf int x'jigri, sinjur, meta jigi xi hadd....

1. SALATHIEL — Tajjeb.

2. ISAAC — Milli stajt nifhem, xi minn daqqiet ikun ghassa fid-dar tal-Gvernatur, u ghalhekk jisma' kulma jkun qed jinghad hemm gew.

3. SALATHIEL — Ma naghmlux li qghadt taghti kaz ta' l-ghajdut, hux?

4. ISAAC — Ma kontx behsiebni, sinjur, imma ma stajtx naghmel haga ohra... hlief nisma'.

5. SALATHIEL — Tajjeb.... Lili ma tridnix nogghod nisma' dan l-ghajdut, hux tassew?

6. ISAAC — Ghax... ghax, sinjur, l-ghajdut fuqek jitkellem.... Billi f'did-dar jiena trabbejt u kbirt minn daqs xejn ta' tifel, ma stajtx ma naghtix kaz. Il-bierah wasal xi ras kbira minn Ruma, u qabdu jitkell dwar in-nies ewlenin ta' Gerusalemm. Semmew ismek, sinjr. Milli jidher, dak ir-ras kbira qal li l-Imperatur behsiebu jhejjilek xi haga sabieha mhux ftit, imma mbaghad il-Gvernatur qallu li dan l-ahhar, ghal xi darbtejn jew tlett darbiet, xi nies semghek tgerger u tghid li hawn f'Gerusalemm, gha dak li ghandu x'jaqsam ma' l-kundizzjonijiet tax-xoghol, l-affarijiet setghu kienu ahjar, u dak ir-ras kbira wiegbu li kemm-il darba dan kien minnu, ikollhom jergghu jahsbuha mill-gdid.

<u>(MATHIAS iqum bil-wieqfa)</u>

M'ghandnix xi nghidu, sinjur, meta gharrafni b'dan kollu, jiena ma qghadtx ninheba wara subghajja u ghidtlu li f'Gerusalemm kollha ma kienx hawn sinjur iehor b'mohhu f'loku daqsek. Imma hassejt li kelli nitla' hawn fuq u nwissik, sinjur.

7. SALATHIEL — Lil habib Ruman tieghek imissek twissih li kemm-il darba ma jibzax ghal ilsienu, se jahbat hazin.

8. ISAAC — Iva, sinjur. Hu fehem li kien pacpac xi ftit izzejjed, tibzax!

9. SALATHIEL — M'ghandekx ghalfejn thabbel rasel ghalija, Isaac.

10. ISAAC — Le, sinjur. Kont naf li ma kienx fiha ebda hsara l-bicca xoghol. Did-dar minn dejjem inzammet bhala xempju tal-belt kollha. Imma issa x'se jghidu ghal dak l-iblah ta' Jacob? X'se jghidu ghal sidti Rachel?.... it-tnejn telqu kif telqu! Inhossni ftit u xejn fuq ix-xwiek. Ahfirli, sinjur.

11. SALATHIEL — Ma gara xejn, Isaac, tibzax.

<u>(1st. GHASSIES jerga lura minn fuq ix-xellug u jmur jogghod fejn kien qabel)</u>

12. ISAAC — Nizzik hajr, sinjur.

<u>(Johrog minn fuq il-lemin)</u>

13. MATHIAS — Intix tara issa, pa, kemm iridu ftit in-nies biex ihollu lsienhom, eh?

14. SALATHIEL — <u>(Imur quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan)</u> Ghadni ma sirt naf b'xejn li ma gaghiltx in-nies tpacpac.

15. MATHIAS — M'ghandnix xi nghidu, ma nistghux inzommu ghajnejna miftuhin izzejjed.... aktar u aktar fi zmien bhal dan. Naf li hi bluha, imma jehtieg li ma nhallu 'l hadd jitfa' dell fuqna. Ma nkunx nista' nogghod b'sabri, kieku kelli nkun naf li lilek, fost in-nies kollha, jghadduk bhala bniedem mhux ghal kollox f'sensih.

1. SALATHIEL — Kull ghemil ta' hajti, ukoll dak li wettaqt il-lejl li ghadda, huwa xhieda bizzejjed ta' kemm jiena tassew f'sensija. B'dankollu, jista' jkun li mhux dejjem razzant ilsieni.

2. MATHIAS — (Jitolbu) Jekk joghgbok, pa, wara dak kollu li gara l-lejl li ghadda... qed inghid ghal Rachel... oqghod attent, trid?... ukoll kif tlissen kelma wahda. (Jaqsam lejn ix-xellug)

(2nd. GHASSIES imur minn nofs lejn il-lemin tat-terrazzin)

3. SALATHIEL — (Jaqbad miexi 'l fuq) Kollox sew.

(ISAAC jerga' jigi lura, ifegg fil-bieb fuq il-lemin)

4. ISAAC — Sinjur, hawn sidi Barnabas jixtieq ikellmek.

5. SALATHIEL — Tabilhaqq! Mur wasslu hawn fuq.

(Ftit wara ISAAC idahhal lil BARNABAS, bniedem qsajjar, b'fattizzi qawwijin, x'aktarx bla ebda importanza, xi ftit taht il-hamsin sena. Jidhol minn fuq il-lemin)

SALATHIEL — (Jimxi ftit 'l isfel) Is-sliem ghalik, Barnabas.

6. BARNABAS — (Imur fuq il-lemin ta' SALATHIEL) Ili nipprova nigi hawn in-nofs ta' nhar kollu ta' fil-ghodu, imma issa ghadhom kemm tahuli l-permess. Tghidx kemm thabatt biex ksibtu! U hin wiehed hsibt li kienu se jaqfluni gewwa. Ghidli, x'se naghmlu fuq dil-bicca xoghol?

7. SALATHIEL — Ma nafx x'jista' wiehed jaghmel!

8. BARNABAS — Imma x'fettillek thallieha titlaq mieghu?

9. SALATHIEL — Ma stajtx inzommha kontra r-rieda taghha, hux tas[illegible]

10. BARNABAS — (Jaqsam lejn ix-xellug) Hekk kien imissek ghamil[illegible] Mhux bizzejjed ta' hsara ghalija li ghandi tifel imdahhal f'dal-muviment ta' qirda?... Issa kellu jizdiedli wkoll l-iskandlu tal-harba tieghu ma' zaghzugha, biex tghaqqadli kollox ma' kollox!

11. SALATHIEL — Se jizzewgu... m'ghandekx ghalfejn thabbel rasek dwar dan.

12. BARNABAS — Imma l-lejl li ghadda ma kienux ghadhom mizzewgin[illegible] Hekk jew hekk, mhux x'jaghmlu huma, imma xi jghid[illegible] n-nies jghodd, u int imissek ghandek ghaqal bizze[illegible] biex tifhem kemm stejjer se jinholqu minn dil-grajja li ma kienx imissek hallejtha ssir!

13. SALATHIEL — Jisghobbija ghali, Barnabas. Imma lil qed tixlin[illegible] ghax ibnek seraqli 'l binti?

14. BARNABAS — Ma tistax tara x'taghmel u ggibha lura d-dar, jew xi haga ohra bhal din?

15. SALATHIEL — Tac-cajt.

16. BARNABAS — Naf li tac-cajt, imma jien x'se naghmel?

17. MATHIAS — Hadd minna ma jista' jaghmel xejn, hlief li ma jitlifx rasu.

18. BARNABAS — Tkunx tost, zaghzugh.

19. MATHIAS — Ghax wara kollox, imissna konna ahna li ghamilna plejtu shih!

20. BARNABAS — Dasgur li misskom kontu intom! Mela ghaliex ma ghamiltuhx?! Hallejtuhom jitilqu mid-dar bhalkie[illegible] ma kien xejn! (Jitla' z-zewg targiet ghal fuq il-ciegha tat-terrazzin)

BARNABAS — X'kontu qeghdin taghmlu l-hin koll? Tiehdu gost tharsu lejn id-dehra, eh? <u>(Jigi hdejn it-targiet)</u>

1. ESTHER — Ma jidhirlix li qed tirraguna wisq, hux tassew?

2. BARNABAS — Min irid jirraguna? Hawn jien, cittadin rispettabbli ta' Gerusalemm, ufficjal pubbliku, habta u sabta naqa' ghaz-zuffjett mal-belt kollha! U l-aktar minhabba li intom m'gharaftux izzommu l-familja taghkom bil-ghaqal....

3. MATHIAS — Ikolli nghid li bhalissa ma tafx x'int thawwad.... imma issa bizzejjed. Ghandek tkun taf li l-bejl li ghadda David gie hawn wara li qaghad jaghzel il-hin li fih missieri u jiena konna barra, billi kien jaf li ma kienx milqugh hawn gew. Waqt li konna barra gieghel lil Rachel tweghdu li titlaq min dar fejn dejjem sabet moghdrija u ftehim. Meta, imbaghad, jien qbadtu fil-fatt, u ghidtlu x'kont nahseb fuqu, ghal ftit ma farraklix geddumi b'daqqa ta' ponn. Ma tahsibx li jkun ahjar kieku tieqaf tibki xortik?

4. BARNABAS — <u>(Waqt li jkun sxjjer lejn il-lemin ta' MATHIAS)</u>
Kien imissek ma qghadx thaqqaqha... kien imissek keccejtu 'l barra minnufih.

5. MATHIAS — Inzerta fih bicca ta' ragel akbar minn missieru. Ma nafs kif irnexxilek issib it-tarf ta' dan. Hi kif inhi, nistghu biss nghidulek biex tittama akta <u>(Jinzel 'l isfel fuq il-lemin)</u>

6. BARNABAS — Wissejtek jien, Salathiel! Wissejtek li dan kollu seta' jigri kemm-il darba ma toqghodx b'ghajnejk miftuhin. Iz-zaghzugha nzammet taht is-seher ta' dik in-nofs ras ta' ~~Deborah~~ MATHAN. Kieku tistaqsini kif nahsibha jien dwarha, nghidlek li mhux f'sensiha ghal kollox.

7. SALATHIEL — Hadd ma talbek tghid kif tahsibha int.

8. BARNABAS — Imma issa sirt taf xorta wahda.

<u>(ISAAC jerga' jfegg fil-bieb fuq il-lemin)</u>

9. ISAAC — Hawn sidi Levi, sinjur.

10. SALATHIEL — Tabilhaqq.
<u>(ISAAC idahhlu fil-kamra u jitlaq. LEVI jidhol u jmur joqghod fuq il-lemin ta' SALATHIEL. BARNABA imur ghan-nofs it-terrazzin u joqghod ihares 'l barra fuq il-lemin)</u>

11. LEVI — Tassew hasra, Salathiel!

12. SALATHIEL — Hsadtni, taf.

13. LEVI — M'hemmx ghalfejn taghmel ta' bir-ruhek li qed tinhasad. Gejt inzurek ghax deherli li int kellek tkun taf minnu fih. Xi hadd mar qal lill-Gvernatu li hallejt lil bintek tixxierek man-Nazzarenu.

14. SALATHIEL — Jekk hallejthiex jew le, hi xorta wahda marret.

15. LEVI — Inqala' hafna ghejdut fuq il-grajja.

16. ESTHER — Imma bilfors ghandek titkellem bhallikieku kont xi oraklu?!

17. LEVI — Ma tantx hija rimarka xierqa din, Esther.

18. BARNABAS — <u>(Jinzel minn fuq it-terrazzin u jmur joqghod fuq it-tarf t'isfel tas-sufan)</u>
Intix tara issa, Salathiel?

1. LEVI — Int qatt ma kont il-habib tieghi, Barnabas.... 'l boghod hafna minn hekk. B'dankollu, irrid inqabbdek tarf. Hawn min qed ighid li, bhala missie David, xejn m'int tajjeb bhala ufficjal pubbliku.

2. BARNABAS — (Lil MATHIAS) Hemm ahna.... m'ghidtlekx?! (Lil SALATHIEL) U dan kollu htija tieghek, iblah l'int.

3. MATHIAS — (Lil BARNABAS) Jekk joghgbok, tista tmur issa.

4. BARNABAS — Iva, sejjer. Nittama li meta naq' fil-hama jien, intom tkunu waqajtu mieghi wkoll.

(Jaghti pass 'l quddiem biex imur, meta...)

5. 1st. GHASSIES — Ares ftit.... X'qed jigri hemm fuq?

6. 2nd. GHASSIES — (Jaqsam ghal fuq ix-xellug ta' l-1st. GHASSIES) F'gieh Gove!... Iva, dawk huma.... u resqin 'l hawn ukoll!

(Kulhadd jitlaq ghal fuq it-terrazzin. MATHIAS jogghod fuq il-lemin ta' l-1st. GHASSIES
BARNABAS fuq il-lein ta' MATHIAS
LEVI fuq il-lemin ta' BARNABAS
SALATHIEL jibqa' fuq il-qiegha ghat-tarf tal-lemin taghha)

7. MATHIAS — (Lill-ewwel wiehed fuq il-balustrata) Iva, gejjin

8. LEVI — Alla tieghi!.... X'migemgha ta' nies!

(ESTHER tqum bil-wieqfa)

9. BARNABAS — Jidhru qishom nemel ghaddejjin minn fuq l-gholja. X'dehra li tkexkex lil min jaraha, x'wahda din!

10. SALATHIEL — Imma kif qorbu daqshekk f'daqqa?!

11. 1st. GHASSIES — Ahjar inwissuhom, taf.

12. IZ-ZEWG GHASSIES (Flimkien) — (Ighajtu n-naha tal-belt) Hejju ruhkom!.... Hejju ruhkom!

(L-ghajta tigi mtennija minn hin ghall-iehor fil-boghod)

13. ESTHER — (Tmur togghod fil-kantuniera ta' fuq il-lemin, taht il-kontraporti, bil-wieqfa wara l-ohrajn)

Ghax tghid, qalbi hebbritni li jigu.

14. BARNABAS — X'se naghmel? Iva hadd ma jghidli x'ghandi naghme

15. MATHIAS — Insa lilek innifsek.

16. BARNABAS — (Ihezzez lill-1st. GHASSIES minn idu) X'se naghme

17. 1st. GHASSIES — Jisghobbija sinjur, imma fuq hekk hadd ma qalli xejn. Kieku kont minn flokok, kont nogghod bil-qeghda u nzomm sabri.

18. BARNABAS — (Jittawwal minn fuq il-balustrata) Nirrappurtak lill-Gvernatur, dak li se naghmel.

19. 1st. GHASSIES — Iva, sinjur. Issa ersaq lura, jekk joghgbok.

20. 2nd. GHASSIES — (Lill-ghassiesa li qeghdin isfel) Hemm isfel koll ghandkom lest?

21. ILHNA — Kollox lest.

22. ESTHER — Isimghu. Qeghdin tisimghu?

(Fis-skiet jibda jinstama' kant fil-boghod)

ESTHER — (Tmur 'l isfel fuq il-lemin u 'l quddiem fuq il-palk 'l hinn minn SALATHIEL fuq il-qiegha) Intom ma tistghux tisimghu.... imma jiena nista'. Hosanna qeghdin ikantaw.... Iva!.... Hosanna... lil... lil bin... David!

1. LEVI — Araw. Il-migemgha tan-nies hierga' mill-eghlieqi u se tilhaq it-tri q!

2. BARNABAS — Qeghdin jixxabtu mas-sigar tal-palm.

3. ESTHER — Hosanna qeghdin ighidu... Hosanna lil bin David!

4. BARNABAS — (Imur fuq il-lemin ta' ESTHER) Mhix ghajr sensiel shiha ta' hazen!

5. ESTHER — (Lil BARNABAS) U Barnabas kien missier David.

6. LEVI — Imisshom jaghalqu bibien il-Belt. Tassew ma taghmilx sens thalli migemgha ta' nies bhal dik tidhol 'l Belt meta jidhrilha hi!

7. SALATHIEL — Le. Il-Gvernatur ghandu ragun. Il-lejl li ghadda kien qed ighidli li, ghall-ewwel, haseb biex isakkarhom barra 'l belt, imma wara qataghha bil-maqlub. Wara kollox, din belt hielsa u kieku ghamel hekk kien iharraxhom u jheggighom aktar.

8. LEVI — Fl-opinjoni tieghi, inti taghlaq ghajn wahda ghal bosta affarijiet, Salthiel. Dan l-ahhar kemm-il darba ntbaht b'dan. Inghid ghal ija, ma nnizzilhie dil-bluha ta' nerhu tarf minn hawn, u nerhu tarf minn hemm. Dal-mod ma jwassal imkien hlief ghall-anarkija. Fil-fehmiet tieghi m'ghandek qatt toqghod bejn haltejn.

9. MATHIAS — B'dankollu, kieku kont jien kont insakkarhom barra xorta wahda, pa... Rachel u mhux Rachel. Dik jiena nsejhilha migemgha ta' nies perikuluza mhux ftit. U aktar ma toqrob 'l hawn, aktar qeghda tikber.

10. BARNABAS — Tal-biza'. Donnhom qeghdin jimbtu mill-art!

11. ESTHER — Tistghu tilmhuh?

12. LEVI — Bil-kemm nistghu nagharfu 'l xi hadd.

13. ESTHER — Mill-hsejjes li qeghda nisma' ma jidhirlix li hi xi marmalja.... il-kant jistama' hekk shih u ma' jaqta' xejn.... Hosanna..... qeghdin tisimghu... Hosanna.... Hosanna.

14. MATHIAS — Hemm hu!... Harsu.... riekeb fuq hmar!

(Kulhadd jaghmel hiitu biex jara ahjar)

15. LEVI — Qeghdin jifirxulu l-frieghi tal-palm biex jghaddi minn fuqhom.

16. BARNABAS — U l-hwejjeg ukoll.... qeghdin jifirxuhom ma' l-art biex il-hmar jghaffeg fuqhom. M'humied hlief im-gienen. X'tahsbu li se jigrili lili jekk jaqbdu jaghtu bejniethom? .... u ibni ghandu shem f'dan kollu, x'wahda din!

17. MATHIAS — Hadd majimpurtah xejn mmnn dak li jista' jigri lil

18. BARNABAS — (Jinzel targa 'l isfel) Imma lili jimpurtani. Sejjer lejn id-dar.

19. 1st. GHASSIES — Hadd ma jista' johrog mid-dar. It-toroq iridu jinzammu battala.

20. SALATHIEL — Hemm felu ghaddej magenb il-hmar.

21. ESTHER — Ghidli, pa.... Kif jidher Gesu? Tista' tarah?

1. SALATHIEL Iva... ikolli nghid li hu aktarx ragel twil.

2. ESTHER Idejh tista' tarahomlu?

3. SALATHIEL Idejh?..... Le, binti, ma ġistax.

4. ESTHER Dawk huma idejn li jnisslu l-paci. Jiena naf.

5. LEVI Zgur tinqala' xi wahda meta jaslu hdejn bieb il-belt. Hemm aktar minn elf ruh.

(L-ghagha tal-migemgha tan-nies toqrob il-hin kollu dejjem jissahhah kulmajmur)

6. BARNABAS (Imur lura fejn kien qabel) Qrib il-bieb hafna qeghdin.

(L-ghagha jghib qajl qajl)

7. ESTHER X'gara?

8. SALATHIEL Lahqu djul l-gholja. Ma jidhrux minhabba bieb il-belt.

9. BARNABAS Dehlin x'wahda din! Tassew qed jiggennen il-Gvernatur!

(L-ghagha tan-nies jerga' jisdied. ISAAC jidhol mill-lemin)

10. ISAAC Jekk joghgbok, sinjur. (Qieghed fil-bieb fuq il-lemin)

11. SALATHIEL X'inqala', Isaac? (Bil-wieqfa fuq banketta fuq il-lemin)

12. ISAAC Jimporta jekk nitilghu hawn fuq, sinjur? Hemm isfel ilkoll inhossuna donna maghluqin f'ġagga.

13. SALATHEIL Aghmlu kif joghgobkom.

(ISAAC idahhal nofs tuzzana qaddejja li jibqghu sejrin bil-qima kollha lejn it-terrazzin u jingabru flimkien f'roknafuq il-lemin.... ISAAC imur joqghod bejn MATHIAS u l-1st. GHASSIES)

14. LEVI Dahlu huma!

(Il-kant joghla f'daqqa jsir regulari)

15. MIGEMGHA "Hosanna lil bin David. Imbierek dak li gej f'isem il-Mulej: Hosanna fl-gholi tas-smewwiet".

16. MATHIAS Araw.... diehel minn bieb il-belt.

17. SALATHIEL Jidher donnu qed jaghmel pellegrinagg.

18. ESTHER Hu grazzjus xejn ?

19 SALATHEIL Iva, hanini, grazzjus hafna.

20. ESTHER Imma ghaliex Rachel fhemitha ahjar minni?

21. SALATHIEL Mathias!.... Mathias!.... qed taraha?.... hemm hi!

22. BARNABAS Qeghda flimkien ma' David.... dak se jirrovinani lili!

23. ESTHER Oqghod kwiet, Barnabas.

(Issa l-kant jinstama' donnu qed jimla d-dar kolli

24. 2nd GHASSIES Lil ta' madwara jsejhulhom id-dixxipli tieghu, hux tassew?

25. ISAAC (Ihares minn bejn MATHIAS u l-1st. GHASSIES) Araw .... hemm iz-zaghzugh Jacob fin-nofs!.... harsu lejh... ikolli nghid dawk hutu li hemm hdejh.

1. SALATHIEL (Ighajjat) Rachel!.... Rachel, binti!

2. MATHIAS Pa! Ghaliex trid ikollkom x'taqsam ma'.....?

3. SALATHIEL Oqghod kwiet, Mathias.... dik binti.... Rachel!.... Rachel!.... qeghda tismaghni?

4. 1st GHASSIES Kieku kont jien ma kontx nindahal, sinjur.

5. SALATHIEL Rachel!.... Rachel!.....

6. ESTHER Tidher fehana xejn?..... Jiena naf tajjeb li hi. Nista' nobsor.

7. SALATHIEL Rachel! Iva, hanini.... Intomx taraw,eh? Semeghtni.

(Fit-triq il-migemgha tan-nies donnha tehmed tahta u sabta, waqt li xi ilhna jinstemghu jdikktu n-nies)

8. ESTHER X'gara?

9. SALATHIEL Rachel qeghda tkellmu.

10. MATHIAS Hekk hu, u z-ziju ~~Deborah~~ NATHAN ukoll....

11. LEVI M ghadhomx issa.....

12. BARNABAS Ghaliex m'ghadhomx tghid, hux?

13. SALATHIEL Qed ihares 'l hawn fuq.

14. ESTHER Imma ghaliex ma nistax narah jiena wkoll.... Alla tieghi!... Ghaliex ma nistax narah jien?!

15. MATHIAS Xi jrid iz-ziju ~~Deborah~~ NATHAN? Isma', pa, ara ma jfettillekx thallih jidhol hawn gew, taf.

16. LEVI Dazgur, Salathiel......

17. BARNABAS (Lill-GHASSIESA) Ghaliex in-nies taghkom jghidulhomx jibqghu mexjin? Ma rridu ikollna x'naqsmu maghhom.... ilkoll se nigu fil-ghawg minhabba f'hekk.....

18. MATHIAS Ghaliex waqfu quddiem biebna?! Fi zmien siegha did-dar se tkun ta' skandlu ghal Gerusalemm kollha.

19. ~~DEBORAH~~ NATHAN (Jinstama' ~~lehinha~~ lehnu mit-triq) Salathiel!

20. MATHIAS Ibqa' sejjer, ziju ~~Deborah~~ NATHAN..... lilek ma rridukx hawn..... bizzejjed ghamiltilna hsara s'issa.....

21. SALATHIEL (Jitkellem lejn it-triq) Iva, ~~Deborah~~ NATHAN, xi trid?

22. ~~DEBORAH~~ NATHAN Esther hemm qeghda?

23. ESTHER (Tohrog fit-terrazzin u tghaddi minn bejn LEVI u BARNABAS) Iva, ziju ~~Deborah~~ NATHAN.... jien hawn qeghda.

(X'hin tmur lejn il-balavostri, in-nies ta' fuq it-terrazzin iwapbulha lejn il-lemin u lejn ix-xellug)

24. ~~DEBORAH~~ NATHAN L-Imghallem jixtieq ikellmek.

25. ESTHER Lili?!

26. MATHIAS Tkunx belha. Esther ma trid tisma' xejn.....

27. ESTHER Dal-waqt ninzel hdejkom.

28. MATHIAS M'int se taghmel xejn minn dan. Hekk jew hekk, mhux se jirnexxilek tinfidhom l-ghassiesa.

29. 1st. GHASSIES Hekk hu..... ghandna ordnijiet stretti, taf int.

30. ESTHER Ghidlu li dal-waqt inkun hdejkom, zija Deborah, trid? (Timxi tul il-kamra lejn il-bieb fuq il-lemin) Ninzel. Lili ma jabbuzaw jaghmluli xejn.

31. SALATHIEL Esther, hanini........

32. ESTHER (Tieqaf fuq it-targiet tal-qiegha) Ghalxejn, pa.... Jehtieg li mmur.

1. MATHIAS Dazgur li jaghmlulek. Bl-ebda mod ma tista' tohrog middar.

2. ESTHER Ahna naraw.

(Tohrog mill-kamra, 'l hin kollu tferkex b'idejha biex tkun zgura minn triqtha. Tohrog minn fuq il-lemin)

3. BARNABAS (Fuq it-terrazzin) Ghidtilkom jien li se jinqalghana l-ghawg, u hawn hu riesaq, arawh. Wasal.

4. LEVI Min wasal?

5. BARNABAS Ic-Centurjun li kien qed isus lejn dawn l-inhawi l-lejl li ghadda. Se ninsel inkellmu.... nghidlu li kulma sar mhux htija taghna.

6. CENTURJUN (Jinstama' lehnu minn isfel) Thallu 'l hadd aktar jidhol minn bieb il-belt. Mur ghidilhom hekk.

7. GHASSIES (Ma jidhirx) Kollox sew, sinjur.

8. CENTURJUN (Imbieghed) U int.... ibqa' sejjer il-kwartjer generali, u ghidilhom ihejju zewg kumpanniji ghalli jista' jkun.

9. GHASSIES IEHOR (Imbieghed) Kollox sew, sinjur.

10. MATHIAS (Imur lejn it-tarf tax-xellug tat-terrazzin) Intix tara issa, pa?...... lemhuna. Stajna morna nghaqadna maghhom mill-ewwel!..... u nghajtu Hosanna, ukoll!

11. LEVI Dak li tiehu meta taghmel xi pjacir lil xi hadd! Inti tghidlu li jiena ma kelli x'naqsam xejn f'dil-bicca xoghol, hux tassew?

12. SALATHIEL Nghidlu li trid, Levi.

13. CENTURJUN (jidhol b'sahna fil-kamra mill-bieb tal-lemin) Nista' nkun naf x'qed jigri hawn fuq? Ghaliex waqfu quddiem darek dawk in-nies kollha? (Jieqaf ghan-nofs lemini)

14. SALATHIEL (Jinzel minn fuq it-terrazzin u mill-qiegha u jilhaq issufan) Jaqaw qeghdin jaqilghu l-ghawg?

15. CENTURJUN L-ordnijiet tieghi kienu li jibqghu mexjin. Ghazlu d-dar tieghek biex....

16. SALATHIEL Ma nafx li.......

17. CENTURJUN Dazgur li taf! 'L bierah bil-lejl f'dil-kamra stess staqsejtek..... u waqt li kont qed nitkellem kien hawn ukoll dik ix-xebba......

18. SALATHIEL Ma stajtx.......

19. CENTURJUN Ikolli nghidlek li gdibtli.

20. SALATHIEL Kun af li jien ma nhalli 'l hadd jinsultani f'dari, Ruman jew mhux!

21. CENTURJUN Jinsultak?! Habib, tinsiex li driegh Cerri jlahhaq fittul qatigh.... u hu setghan bil-bosta.

22. SALATHIEL Ma jimpurtanix.

23. MATHIAS (Jigi fuq in-naha ta' quddiem tal-palk lejn il-lemin tas-sufan) Pa!

24. BARNABAS (Jigi sa tarf il-qiegha) X'inti tghid, Salathiel!

25. CENTURJUN Mela x'inhu!.... Dazgur!.... int ukoll, Barnabas..... ibnek kien hawn ukoll dak il-hin.....

26. BARNABAS Jiena nichdu.... ma nagharfux aktar lil dak iz-zaghzugh. Gejt hawn biex nghid lil Salathiel li ma nehux responsabiltà

27. CERTURJUN Imma se jkollok tehodha minkejja kollox. Dan il-jum ghadu m'ghaddiex.... u ghad fadallu ftit iehor biex jghaddi. Jekk jinqala' l-ghawg, intom it-tnejn tkunu tridu twiegbu ghas-sehem li kellkom fih.

1. MATHIAS — Imma ahna xejn ma stajna naghmlu!

2. BARNABAS — Hemm int, Salathiel..... x'ghidtlek jien eh? (Jinzel minn fuq il-qiegha) Emminni, sinjur, li ghamilt minn kollox biex lil dak l-imsejken ta' ibni nurih.....

3. SALATHIEL — Imsejkna binti! Dawk kienu l-istess kliem tieghi..... Tista' taghmel li trid hi, Ruma..... issa xejm ma jista' jsewwidli qalbi aktar milli ghamel l-imrar li qanqlu dawk il-kelmiet!

4. 1st GHASSIES — (Lic-Centurjun) Ghadirni, sinjur.... imma z-zaghzugha l-ohra harget mid-dar.

5. MATHIAS — (Imur fit-terrazzin u jhares mill-fetha tan-nofs) Hemm hi, Esther..... qeghda titkellem ma' dak ir-ragel.

(Issa l-bqija tan-nies fit-terrazzin qeghdin jittawlu minn wara l-balavortri, josservaw x'inhu jsir tahthom fit-triq)

6. LEVI — Ghaliex bghatthom minn hawn lill-ghassiesa?

7. CENTURJUN — Jaqaw qalbek taharqek ghas-servizz int?

8. SALATHIEL — Esther!..... Esther!......

(Issa minn isfel jinstemghu hsejjes li juri li l-migemgha regghet bdiet miexja)

9. MIGEMGHA — "Hosanna lil bin David.... Imbierek dak......"

(U l-migemgha tghaddi 'l quddiem)

10. CENTURJUN — Wissejtkom jien.

(Johrog minn fuq il-lemin)

11. SALATHIEL — (Imur fuq it-terrazzin hdejn MATHIAS, u jhares minnu) Fejn hi?..... Ma nistax naraha, Esther!.... Esther!

12. MATHIAS — (Jinzel minn fuq il-lemin) Ma taghmel ebda differenza issa. Nista' naqbad u nsorr hwejgi u nitlaq lejn il-Nil. Maghrufin hemm biex jinsew!.... Qridtna ilkoll kemm ahna, pa. (Joqghod bil-qeghda fuq banketta fuq ix-xellug)

13. SALATHIEL — Il-qirda m'ghadx ghandha l-istesstifsira bhalma kellha qabel, ibni.

14. MATHIAS — Xi htiega hemm li timlili rasi b'hafna teoriji? Il-verita hi li n-negozju taghha rvinat ghal kollox. Dak kulma naf.

15. BARNABAS — (Imur fuq l-1st GHSSIES) La darba n-nies ghaddew, nahseb li nista' mmur eh?

16. 1st. GHASSIES — Ma tawni ebda ordni fuq hekk, sinjur.

17. BARNABAS — Imma jiena sejjer xorta wahda. Issa m'hemmx minn jista' jwaqqafni hemm isfel. ( jaghti pass l' isfel) U, Salathiel, ghal dak li ghandu x'jaqsam mieghi, kemm il darba jkollna nidhru quddiem il-gvernatur, ara tistenna li se nurik xi moghdrija, tafx. Behsiebni nghid is-sewwa kollu u bla habi ta' xejn.

18. SALATHIEL — Sewwa taghmel.

19. BARNABAS — U toqghodx timla rasek wisq li se tghaddi tieghek, taf.

20. SALATHIEL — Ma ddahhalha qatt f'rasek li qed taqa' ghaz-zuffjett?

21. BARNABAS — M'ghandnix xi nghidu ghax int kont hejjejt kollox bil-ghaqal minn qabel.

22. (Il-hamba tan-nies tibda tmajna aktar ma dawn jitbieghdu lejn il-qalba ta' Gerusalemm)

1. LEVI — Qeghdin jaghalqu bieb il-belt.

2. MATHIAS — (Lil BARNABAS) Ghax ma titlaqx?

3. BARNABAS — Tajjeb. Immur. Taraw intom.... jekk niltaqa' ma xi saram, intom lanqas ma tehilsu minn taghkom. Fl-istess dghajsa qeghdin. Did-dar misthuta taghkom ghad ikollha ghalfejn tibqa niftakru dal-jum.

(Malli jmidd il-pass biex jitlaq jigi wicc-imb-wicc ma' ESTHER fil-bieb. ESTHER mhi aktar ghamja)

4. ESTHER — Tabilhaqq li did-dar ghad ikollha ghalfejn tibqa' tiftakru dal-jum!

(KUlhadd ihares lejn Esther. MATHIAS iqum bil-wieqfa)

5. BARNABAS — (jerga lura) Xi gralek?

6. ESTHER — Int, Barnabas, ghandek wicc ta' bniedem bla hila.

(Tghaddid minn fuq il-lemin ta' barnabas li jmur lura mbazza

Bla hila zzejjed biex tkun missier David. Tista tmur.

7. SALATHIEL — (Jersaq f'tarf il-qiegha) Esther... x'gara?

8. ESTHER — Tani lura d-dawl t'ghajnejja.

(Ghal waqt wiehed kullhad jehmed mistaghageb)

9. MATHIAS — Fisser ruhek, Esther.

10. ESTHER — Ibaghthom minn hawn lil dawn in-nies, pa. (Tersaq aktar ghan-noss)

11. ISAAC — (Jigi fit-tarf ta' quddiem fuq ix-xellug tas-sufan, mistaghageb) Jekk inti tixtieq, sidti......

12, ESTHER — Kollox sew, Isaac. Hudhom mieghek isfel lin-nies tieghek. (ISAAC jiehu hsieb jara lill-qaddejja jitilqu u dawn johorgu mill-bieb tal-lemin. Hu jmur warajhom, mistaghageb daqs-kemm kieku qed jitbieghed minn quddiem xi hares. Iz-zewg GHASSIESA johorgu mill-lemin u minn fuq ix-xellug tat-terrazzin

13. LEVI — (Mhux zgur minnu nnifsu) Semmew xi haga dwar mirakli? (Jinzel minn fuq l-qiegha ghal fuq il-lemin tas-sufan)

14. ESTHER — Le. Lanqas biss ma staghgibt jien. F'dawk l-idejn hemm migbura l-hlewwa kollha tal-holqien.

(Titla' 'l fuq livell tas-sufan. LEVI jmur joqghod fuq il-lemin taghha.)

Jekk joghgbok, tibqax aktar. Inhossni ghajjiena hafna.

(LEVI johrog minn fuq il-lemin mistaghgeb daqs l-ohrajn)

15. SALATHIEL — (Jinzel 'l isfel lejn ix-xellug fuq ix-xellug ta' ESTHER) Esther..... trid tghid li......?

16. ESTHER — Li nista' nara mill-gdid. Dak kollox.

17. MATHIAS — Minn dejjem ghidt jien li int ghad tfieq.

18. ESTHER — Iva.... minn dejjem hekk ghidt int.

19. SALATHIEL — Imma xi gralek?.... (Jghannaqha) Ikun imbierek Alla ta' Israel!

20. ESTHER — Mhux Alla ta' Israel kien, pa. Kien in-Nazzarenu.

21. SALATHIEL — Binti.

22. ESTHER — "Binti".... qalli..... "Hares lejn wicci. Nista' nghidlek li fid-dinja kollham'hemmx wicc iehor bhal dak.

23. MATHIAS — Imma ghadek ma tistax tifhem.... li kien wasal iz-zmien... hekk gara habta u sabta.

1. ESTHER — Le, Mathias. Kien in-Nazzarenu.

2. MATHIAS — (Johrog fit-terrazzin) Ghaliex ma bqajtx sejta ghal warajh?

3. ESTHER — Hu mariedx. "Missierek ghad ghandu x'jambik, zaghzugha", qalli. Jisghobbija li nhossni ghajjiena hafna, pa. Imma dak il-hin hassejtni bhalkieku kont twelidt mill-gdid.

4. SALATHIEL — (Jogghod bil-qeghda fuq is-sufan) Iva. Ejja oqghod bil-qeghda hdejja.

(Taghmel hekk fis-skiet, bil-hlewwa kollha tqieghed rasha fuq spallejh)

5. MATHIAS — (Fit-terrazzin ihares lejn il-belt) M'ghadhomx jidhru. Tassew li d-dinja mignuna!

6. ESTHER — (Bil-hlewwa) Hosanna fil-gholi tas-smewwiet. Ikun imbierek dak li gej f'isem il-Mulej.

7. SALATHIEL — Orqod, orqod..... Hosanna lil bin David.

8. MATHIAS — Int ukoll, pa?! Imma possibbli li hadd mhu qed jahseb f'xejn aktar hlief f'dax-xewwiex minn Nazareth?

(Minn fuq l-gholjietjistama' daqq ta' zummara ta' raghaj)

SEPARJU

Tmiem it-Tieni Att

TG/LPF

## IT-TIELET ATT

XENA----L-istess.

HIN ----Sebat ijiem wara - L-ewwwel Hadd il-Ghid. Filghaxija tard.

Xi hsejjes imrazzna ghadhom jinstemghu gejjin fuq l-gholjiet. Mathias qieghed bil- qeghda madwar mejda fejn hemm xi karti (parcmina) u registru. Skrivan jinsab bil wieqfa ma genbu.

1. MATHIAS (waqt li jifli document) Iva...jidher qieghed tajjeb. (Jaghtih lill-Iskrivan) Qabbad lil Samwel jivverifikah tajjeb.... u hu hsieb biex jintbaghat il-lejla stess.

2. SKRIVAN (Waqt li jiehdu f'idu) Kollox sew, sinjur. (Jitwi l-parcmina u jqieghda fi hziemu. Jaghti pass lejn il-qiegha u jhares 'l barra minn fugha) Bilhaqq, sinjur tahseb li mhix ghajr qlajja, hux tassew?

3. MATHIAS (Waqt li jibqa' jhares lejn ix-xoghol ta' quddiemu) Xi qlajja hi?

4. SKRIVAN (Ftit qabel ma jmur) Hafna nies donnhom ma jistghux jieqfu minn dat-tpacpic fiergh taghhom. Xi haga li ghandha x' taqsam ma' dak li kien qal in-Nazzarenu dwar it-tielet jum. Taf int, sinjur, ga ghaddew tlett ijiem minn meta salbuh. Jiena nghid li l-mejtin ma jigux lura, hux tassew?

5. MATHIAS Taghti kas ta' dawn il-hmerijiet. U jekk ikollok tisma' bilfors, lili toqghodx tigi thabbilli rasi b'dak li tkun smajt.

6. SKRIVAN Le, sinjur.

(Jghaggel johrog 'l barra mill-lemin )
MATHIAS jibqa sejjer bix-xoghol ta' idejh, bhallikieku bi sfida mal-hin Wara ftit jidhol ISAAC Minn fuq il-lemin)

7. ISAAC (Jibqa' sejjer fuq it-terrazzin u jhares 'l isfel ghat-triq)

Aghdirni, sinjur, jekk joghgbok ... imm mhux ahjar tohrog ftit u tara tistax taghmel xi haga?

8. MATHIAS Ga ghidtlek, Isaac... ga ighidt lil kulhadd f'did-dar...... jien, f'dil bicca xoghol, ma rrid ikolli x'naqsam xejn. Fil fasla dahlu minn rajhom... i issa jehtieg li johorgu minnha wehidhom... jekk jistghu.

9. ISAAC (Jigi lura u jmur quddiem l-iskrivanija) Naf, sinjur. B'dan kollu, ma rridx nemmen li kulma ghamlu kien appesta

10. MATHIAS Hebbu ghal suldat Ruman... m(hemmx x'wiehed jaghmel dwar dan. U jekk Ruma ma tridx min ihebb ghas-suldati taghha, jiena ma nlumhiex.

11. ISAAC Imma sidti Deborah, sinjur... daqskemm hija bniedma gwejda, jahasra!

12. MATHIAS Isaac, iz-zija tieghi Deborah hija poetessa... jew tahseb li hi. Ghandek tkun taf li l-poeti mhux ta' min jafdahom.

13. ISAAC Imma kieku tmur ftit int tara x'jista jsir, sinjur. Meta tal-familja taghna jkunu fil-ghawg.........

14. MATHIAS Jaqaw int wkoll qed trattabha qalbek, Isaac?

15. ISAAC Le, sinjur, m'inhix. Imma z-zaghzugh David kien il-percimes ta kollox... tassew li hu zaghzugh li jaf igib ruhu hafna.....

16. MATHIAS Qatt doqqtu l-ponn tieghu?

17. ISAAC Aghadirni, sinjur.. imma ma fhimtx.

18. MATHIAS Jiena doqtu. Mhux hlief zaghzugh iblah b'rasu shuna.

1. ISAAC — B'dan kollu, sidti Rachel tara kull gid u hena fih.

2. MATHIAS — Tara biss, dak kollox. Jekk zaghzugha ma tkunx taf trazzan il-passjonijiet mherwla tagha, allura jkollha tiehu li haqqha. Hi ghazlet li lilna twarrabna 'lkoll fil-genb minhabba zaghzugh tac-cajt b'xaghru ahmar li bilkemm ghadu jaf jieqaf fuq saqajh daqs ghogol. Tassew ghamlet hazna ta' gid u hena! (Jibqa' ghaddej bil-kitba)

3. ISAAC — Kollu minnu, sinjur... jiena ma naqbel xejn ma' fhemiethom. Ikolli nghid li huma ftit li xejn....m'ahniex. Ghalija n-Nazzarenu ma kien ifisser xejn haj ahseb u ara issa li hu mejjet, ighidu li jridu n-nies. Imma mherwlin jew f'sensihom. lanqas nahseb ma nista' f'dak li jista jigri. Imbaghad hemm dak iz-zaghzugh Jacob.....ghadu daqsxejn ta' tfajjel.......

4. MATHIAS — Ma jiswielek xejn li tkun sentimentali dwar dil-bicca xoghol, Isaac. M'gharfux igibu ruhhom ta' nies bil-ghaqal, u meta ma tkunx taf iggib ruhek sew, xi hadd ilollu jghallmek.

5. ISAAC — Jistghu jigu fflagellati ghal ghemilhom.

6. MATHIAS — Ma nistaghgibx.

7. ISACC — Int qatt rajt bniedem jigi fflagellat, sinjur?

8. MATHIAS — Le.

9. ISAAC — Jiena rajt. Tassew tal-biza. Jaqbduh, u ......

10. MATHIAS — M'ghandi ebda xewqa nisma' x'ghamlu.

11. ISAAC — Is-swat zgur lil sidti Deborah, sinjur. Nahsebli z-zaghzugh joqtlu wkoll.

12. MATHIAS — (Habta u sabta jwarrab il-karti minn quddiemu b'rabja u jqum bil-wieqfa) Tajjeb, x'il- mniefah nista' naghmel jien?

13. ISAAC — Ghandhom mnejn ihalluk izzerzqilhom kelma ghal gid. Ic-Centurjun Ruman qal li jekk maghmlu hilitna f'dak il-qasam, ghandu mnejn jinfetah xaqq ta' dawl....;

14. MATHIAS — Dak ic-Centurjun tilef ghaqlu wara ohti. (Idur lura u jiehu romblu karti jew parcmina minn wahda mill-garzelli) Lanqas biss ma jkun jaf fuqhiex qed jitkellem.

15. ISAAC — Sidti Esther tista' taghmel aghar hafna.

16. MATHIAS — (Mill-gdid jerga' jinxehet fuq xogholu) Grazzi, Isaac. Dak il-punt m'ahniex se nitkellem fuqu.

17. ISAAC — Aghdirni, sinjur... m'ghandnix xi nghidu.

(Esther tidhol minn fuq ix-xellug u tibqa sejra ghan-nofs lemini)

18. Esther — X'inqala Isaac?

19. ISAAC — Inqala', sidti?

20. ESTHER — Mela! Ghaliex tidher imbgherren?

21. MATHIAS — Kien qed ihajjarni nohrog u mmur nghid lil xi hadd kemm iz-zija Deborah u David... kif wkoll l-ghaziz zaghzugh Jacob huma minn taghna talli waddbu l-gebel lil dak is-suldat Ruman li kien qieghed jaqdi dmiru.

22. ESTHER — Li ghamel hu ma kien bicca minn dmiru xejn. Hu sawwat bniedem li kienu ghaddew il-haqq fuqu. Taf li ghemil bhal dak ma jaqax taht dmirijiet suldati.

(Jidhol qaddej minn fuq il-lemin)

23. QADDEJ — Hawn ic-Centurjun Ruman jixtieq ikellmek, Sinjur.

24. MATHIAS — (Minnufih)Ghidlu.........

25. ESTHER — Mur tellghu. (Il-qaddej johrog) Kollox sew, Isaac m'hemmx ghalfejn toqghod hawn aktar.(Tmur fit-tarf tax-xellug tas-sufan u toqghod bil qeghda.)

1. ISAAC (Jaqsam lejn il-bieb fuq il-lemin qabel ma jitkellem) Lil hadd ma nixtieq deni, sidti... Biss kieku jistghu.....

2. ESTHER Mur, mur, Isaac. Thabbel rasek xejn, tibzax.

(Isaac johrog. MATHIAS iqieghed ir-romblu f'postu)

3. MATHIAS Ghalfejn trid tarah lil dal-bniedem, inghid jien? (Jerga' joqghod bil-qeghda wara l-iskrivanija)

4. ESTHER Jista' jkun ghall ebda raguni. Biss joghgobni.

5. MATHIAS Tassew li z-zewg huti bniet ghandhom gosti strambi!

6. ISAAC (Fil-bieb fuq il-lemin) Jekk joghgbok, sinjur.

(johrog x'hin jidhol ic-Centurjun)

7. MATHIAS Iva, x'ghandek bzonn?

8. CENTURJUN (Imur fuq il-lemin nofsani) Nahseb li se jkun kollox sew.

9. ESTHER (Tqum bil-wieqfa u tinsel minn fuq il-qiegha) Trid tghid li se jigu mehlusin?

10. CENTURJUN Nahseb.

(ESTHER tmur aktar 'l isfel fuq il-palk)

Ghal ftit ma habtux dufrejhom sew, imma t-tislib ta' Gesu rattabilhom qalbhom hafna.

11. ESTHER Inti xhedt?

12. CENTURJUN Iva.

13, MATHIAS Tassew bniedem tal-pjacir.

14. CENTURJUN Mhux tal-pjacir...imma biss dak li naf.

15. ESTHER Tassew qalbek tajba.

16. CENTURJUN (Jersaq pass lejha) Int ghamiltni hekk.

17. MATHIAS (Iqum bil-wieqfa) Ma rridx nindahaal...(Jigi in-naha t'isfel ta' l-iskrivanija sakemm jitbieghed ghal kollox minnha)

18. ESTHER Mela tindahalx. Dil haga ma tolqotx lilek, Mathias.

19. MATHIAS Le, mhix...Dazgur li mhix! Daz-zmien kull ma taghmel il-familja mhix affari tieghi.

20. ESTHER Hi kif inhi, lili tista' taqtaghni barra. Naf niehu hsieb tieghi innifsi bizzejjed jien.

22. MATHIAS Min daqs hekk, lilek jilhaqlek aktar minn ohti l-ohra. X'inhi r-raguni li intom it-tnejn tingibdu lejn xulxin?

(Ic-CENTURJUN idur fuqu)

Le..le... naf kellox dwar dan jien, tibzax. Ruma ma tridx ikollha x'taqsam mal-kwalita taghna, u jekk jigu ghal dan, nista' nghidlek li ahna li Ruma ma rriduhiex hawn lanqas.

23. CENTURJUN Ma tahsibx li qed tkun domatiku zzejjed?

24. MATHIAS Iva, qed inkun. Imma ghandi ghalfejn.

25. ESTHER Jekk int migbud daqshekk lejn il-familja tieghek, ghaliex bhalissa m'intix qieghed ma' dawk minnha li jehtieguk?

26. MATHIAS Fhimtek. Tridni nwarrab minn hawn, hux tassew?....Kollox sew, sejjer. Imma kif ghidlek, ma rrid ikolli x'naqsam xejn ma' dik il-bicca xoghol mahmuga. Missieri kien imissu mexa aktar bil-ghaqal, wkol wara dak kollu li gara. jekk hadd ma jimpurtah biex did-dar izommha mirfuda tajjeb fuq sisienha, jiena jimpurtani... u naf li se tohodli l-hin kollu. Il-gimgha li ghaddejna trid sena shiha biex ninsewha wkoll jekk inkunu xortina tajba.

27. ESTHER Hekk jew hekk, ma tantx tidher maghkus wisq!

28. MATHIAS Min se jaqtaghha u jghid:- "Mathias ma kienx imdahhal", meta jaqbdu jitkellmu dwar il-familja ta' Salathiel li kellha x'taqsam ma' bniedm mghaddab bhala wiehed hati komuni?.....

1. CENTURJUN Sewwa qeghda tghid. Stqarrhuli huwa nnifsu u, kieku setghet tghaddi tieghu, qatt ma kien jigri xejn minn dan kollu.

2. ESTHER (Iddur lejn ix-xellug) M'ghandniex ghalfejn nibqghu nitkellmu.

3. MATHIAS Tajjeb. M'ghandnix xi nghidu, kliem iehor aktar issibuh ghal qalbkom. (Lic-CENTURJUN) Kont nahseb li giehek....

4. CENTURJUN Irrid nibza' ghalih jien. Dan li kont se tghid? (Jersaq ftit 'l quddiem) Iva.... nirringrazzjak.

(MATHIAS imur lejn il-bieb fuq il-elin imbaghad idur lura)

5. MATHIAS Jekk joghgobkom tmissuhomx dawk il-karti. (Johrog minn fuq il-lemin)

6. ESTHER Miskin Mathias! Tassew bicca xoghol iebsa ghalih! (Tmur togghod wara n-nofs tas-sufan u thares 'l barra)

7. CENTURJUN Dazgur li hija bicca xoghol iebsa ghalih!.... (Imur lejn it-tarf tax-xellug tas-sufan) Qaddisi jghid, ix-xoghol aghtih lil min jaf jaghmlu.

8. ESTHER (Togghod bil-qeghda) Ma kienx imissek gejt hawn.

9. CENTURJUN Ma stajtx naghmel mod iehor.

10. ESTHER Ma jiswielna ghal xejn.

11. CENTURJUN (Imur quddiem it-tarf tal-lemin tas-sufan u joqghod bil-qeghda n-naha tat-tarf tieghu) Nerga' nghidlek ma stajtx naghmel mod iehor, Esther. Bil-gimgha tbiddel kollox ghalija.

12. ESTHER Kollox tbiddel ghad-dinja kollha.

13. CENTURJUN Mhux dan li ridt infisser. Jiena manistax inhoss bhalma thossu intom ghalih. Lanqas biss ma jaqaghlkom f'raskom. B'danakollu, minhabba fih, ghamilt kulma stajt.

14. ESTHER Naf. Milli jidher int bniedem ta' reqqa kbira.

15. CENTURJUN Xejn minn dan. Dawn affarijiet li managhmluhomx ghax inkunu ta' reqqa, imma ghax nitqanqlu millimhabba..... ghax inkunu nixtiequ xi haga. Meta dak il-lejl rajtek, wara li l-grajja ta' l-ghageb kienet twettqet, go fija hassejt li kulma tixtieq int jiena wkoll inkun irrid nixtieqU. Minn dak il-hin habbejtek u behsiebni nibqa' nhobbok ghal dejjem.

16. ESTHER (Bil-mod) Iva, iva. Imma ghamlu?.... qalu xi haga?

17. CENTURJUN Nhar il-Gimgha meta fuq il-Kalvarju ppruvajt nghin xi ftit wissewni biex nogghod b'ghajnejja miftuhin, ghax stajt nahbat difri. Illum meta tfakkt fommi biex nitkellem ghax-xwejjah u ghal dawk iz-zewg zghazagh, fakkruni fit-twissija li kienu ghamluli qabel. M'ghandnix xi nghidu, Ruma ghad tisma' b'dil-bicca xoghol. Minn hawn u ftit iehor, ghal hekk, jibaghtuli daqsxejn ta' taghrifa zghira zghira fejn ifakkruni u jwissuni fl-istess hin li mhux xoghli nindahal fil-politka tal-provinciji.

(ESTHER tqum bil-wieqfa)

Ma nahsibx li jiehdu passi aktar horox minn daqs hekk.

18. ESTHER Mhix ghajr haga li tolqot il-pulitka tal-provinciji. (Timxi tul-qiegha u tmur fic-centru lemini)

(Ic-Centurjun iqum bil-wieqfa)

Jintbaghat ghall-mewt ragel bla htija.

1. CENTURJUN — Ghal Ruma m'ghandha ebda tifsira ohra ghajr din. (Jinzel it-targiet tal-qiegha ghal nofs il-palk)

2. ESTHER — U ghalik?

3. CENTURJUN — (Jersaq ftit lejha) Tassew kien bniedem ta' l-ghageb. Nistqarr li lanqas biss ma kont nahseb fuq li gara kieku ma kienx minhabba fik. B'danakollu nifhem x'setgha kellu.... b'xi mod hassejtha jiena wkoll. Imma, nahseb li qeghda tkabbarha xi ftit izzejjed.

4. ESTHER — M'jien qed inkabbar xejn hlief li kien eghref mid-dinja li qatlitu. Kellu idejn li jnisslu l-fejqan.

5. CENTURJUN — (Imur hdejha fuq il-lemin u jaqbdilha idejha) Kienu tabilhaqq idejn imberkin biex ghamlu dak li ghamlu.

6. ESTHER — Kien hemmhekk li gharaft is-sewwa. Donnu gaghalni nitwieled mill-gdid. U tghallimt aktar wara l-helsien tieghi. Lin-nies kellimhom dwar hwejjeg li ma kienu seghu bihom qatt qabel.

7. CENTURJN — Ma nistax noqghod inhaqqaqha mieghek, Esther. Nahseb li Pilatu kellu ragun meta xtaq jehilsu. Aktar minn hekk ma nista' nghid xejn... Naf biss li bhalek ghad ma kienx hawn mara ohra.

8. ESTHER — Inti Ruman.

9. CENTURJUN — B'daqshekk?

10. ESTHER — Kienet Ruma li salbitu.

11. CENTURJUN — Le. Kienu l-qassisin taghkom infushom.

12. ESTHER — Ma setghux jaghmlu haga ohra. In-nies kellhom ghazla quddiemhom..... jew ibaxxu rashom ghal setghetu jew ghal taghhom. Ma tistax tlumhom talli riedu jharsu ligijiet li kienu jfissru l-hajja ghalihom. Imma ghal Ruma kienet haga differenti ghal kollox. Ruma ma kellha ebdainteress xi thares f'dil-bicca. Pilatu sata' jwaqqaf kollox b'kelmawahda.... imma beza' jlissinha. Cahad is-sewwa maghruf. Int innifsek stqarrejtu dan.

13. CENTURJUN — (Imur lejn in-nofs lemini u jdur lura) Ghadek ma tafx x'diffikultajiet hemm. Hawnhekk ahnaqeghdin biex niggvernaw bis-sahha u bis-setgha tal-ligijiet taghkom stess. M'ahniex ghajr ghassiesa..... xejn aktar minn hekk. Gerusalemm talbet il-mewt ghal dar-ragel.....

14. ESTHER — U Ruma hallietu jigi maqtul.

15. CENTURJUN — (Imur lura fuq il-lemin ta' ESTHER) Jiena pprotestajt. Xi stajt naghmel aktar? Jiena m'inhix Pilatu! Ma rrid.... ma rrid xejn hliefek. (Jaqbdilha dirghajha)

16. ESTHER — Kieku, gimgha ilu, xi hadd kellu jghidli nichad namrat biex inhaddan xi twemmin, lil dan ix-xi hadd, emminni, kont inqisu bhala mignun. U 'llum.... x'inhu llum? Qeghda narak quddiemi b'ghajnejn ta' mara.... bhalma din tara lil ragel.... u jiena m'ghadnix ghamja. Ruman u Lhudi.... ma taghmilx differenza. Waqajt, bhalma waqajt int. B'dankollu, kontu ihtom li qtiltuh....

(Ic-CENTURJUN jinhasad kemm kemm)

hekk hu.... in-nies tal-kwalita tieghek qatluh. Dil-haga z-zmenijiet ma jistghux inessuhieli. (Tmur lejn in-naha tal-lemin tat-terrazzin) Gimgha ilu.... qaghad ikellimni ..... hemm isfel..... u issa.....(Tigi lura in-naha tal-lemIn tas-sufan)

1. CENTURJUN — Imma ghalfejn noqoghdu nhaqquha bejnietna b'dal-mod fuq li ghadda? (Imur ghan-nofs u jqieghed sieq wahda fuq targa tal-qiegha) Kliemek lanqas biss ma naf xi jfisser. Forsi, xi darba.... ghad inkunu nistghu noqoghdu bil-qeghda nitkellmu dwar dil-grajja.... imma mhux issa. Jiena nhobbok. Xejn ma naf aktar hlief dan, u xejn ma rrid inkun naf aktar. Ghidt li l-imhabba hakmitek bhalma ghamlet lili. Tkun imbierka ghal daqs hekk. M'intix tintebah li quddiemna m'ghandniex ghajr triq wahda miftuha ghall-helsien? (Izommilha idejha f'tieghu)

2. ESTHER — Jekk joghgbok, taghmilx hekk.

3. CENTURJUN — Ghala le?

4. ESTHER — Ghax bejnietna t-tnejn hemm d-dell tas-salib.

5. CENTURJUN — (Jitla' fuq il-qiegha) Dan m'ghandux ikun.

(Jigbidha lejh. Wara ftit li tibqa' bejn haltejn, thossha tingheleb ghal kollox, u ma toffrix aktar resistenza)

6. ESTHER — (Tinhall mit-tghanniqa tieghu, ferhana izda mhassba) U issa x'se jigri?

7. CENTURJUN — M'ghandniex xi nghidu, tizzewwigni.

8. ESTHER — Ga ssugrajt bizzejjed. Xi tghid Ruma ghal dan?

9. CENTURJN — Nista' nobsor xi tghid. Imma, hekk jew hekk, iddejjaqt minn Gerusalemm, u jiena bniedem ghani. Nista' nhallas biex nohrog mis-servizz. Ghandi razzett fuq ix-xtut ta' l-Adrjatiku.... fejn inkunu nistghu nghixu t-tnejn tajjeb hafna. Trid tigi mieghi?

10. ESTHER — (Tinzel minn fuq il-qiegha u tmur bil-mod lejn in-nofs lemini) Tist qsini issa. Jiena wkoll inhobbok.... Ghalissa bizzejjed daqshekk.

(Jidhol ISAAC minn fuq il-lemin)

Xi trid, Isaac?

11. ISAAC — Ghadu kif wasal is-sinjur, sidti. Staqsieni ghal sidi Mathias. Taf fejn jista' jkun? Hsibt li kien hawn fuq. Ikolli nghid, zgur gara xi haga. (Jersaq aktar 'l fuq tal-palk, fuq il-lemin tal-bieb)

12. ESTHER — Nizel isfel.

13. ISAAC — Nahseb li hareg.

14. ESTHER — X'ridt tfisser biha meta ghidt.... "gara xi haga"?!

15. ISAAC — Is-sinjur jidher imhawwad.... mhux bhal meta kollox ikun sejjer sewwa.

(SALATHIEL jidhol minn fuq il-lemin u jieqaf fil-bieb)

16. ESTHER — X'inqala', pa?

17. SALATHIEL — Fejn hu Mathias? (Imur lejn il-lemin ta' ESTHER)

18. ESTHER — Ftit ilu hawn kien!

19. SALATHIEL — (Waqt li ISAAC jiccaqlaq biex johrog) Tista' tibqa' hawn Isaac. Ahjar tisma' int ukoll.

20. ISAAC — (jinzel ftit 'l isfel fuq in-naha tal-lemin) Nittama li mhix xi ahbar hazina, hux sinjur?

21. SALATHIEL — (Lil ESTHER) Raw x'eta' ghandha z-zija tieghek Deborah u gaghluha tweghedhom li zzomm il-paci. David jinsab mehlus, imma fi zmien gimgha irid ikun telaq minn Gerusalemm. Liz-zaghzugh Jacob inqatghetlu ghal fuq ix-xwieni.

(Ic-CENTURJUN RUMAN jinzel ghan-nofs lemini)

1. ISAAC — X'wahda din, sinjur!

2. ESTHER — Tassew tal-biza'! Imma ghaliex?!

3. SALATHIEL — Kontra tieghu biss inghatat xhieda li tassew hebb ghas-suldat Ruman.

4. CENTURJUN — Imma meta tlaqt jien mill-qorti......

5. SALATHIEL — Naf..... Kien fl-ahhar waqtiet meta dak in-nutar li ghandu ghajnejh qishom ta' nemes.... qajjem il-kwistjoni tas-sigurta' pubblika li hezzithom mill-gdid.

6. ESTHER — Ma jista' jsir xejn?

7. SALATHIEL — Nibza' li David ikollu jitlaq.

8. ISAAC — U z-zaghzugh, sinjur? (Issa jinsab'l hinn mill-bieb fuq il-lemin)

9. SALATHIEL — Weghedthom li nerga' ndahhlu mieghi. Wegbuni li Ruman biss jista' jaghmlu dan.

10. ESTHER — (Lic-CERTURJUN fuq il-lemin tieghu) Tista?... nistghu...?

11. CENTURJUN — Immur minnufih quddiem Pilatu.... bejnietna ghandna daqsxejn ta' kont qadim li ghadu mhux imhallas.... tibzax, ma jichadlix.

(Johrog, jaqsam ghal-lemin u ISAAC johrog warajh)

(ESTHER iddur lejn ix-xellug, tersaq 'l barra tal-palk, u waqt li ddur thares lejn il-lemin)

12. SALATHIEL — Ahna? X'ridt tfisser b'AHNA?

13. ESTHER — Irid jizzewwigni.

14. SALATHIEL — Hmerijiet.

15. ESTHER — Wiehed jista' jghid hekk ukoll.

16. SALATHIEL — Imma matridx tghid li.....

17. ESTHER — Ghalissa ma rrid nghid xejn. Fejn qeghdin David u Rachel?

18. SALATHIEL — Gejjin hawn. Ma stajtx inkellimhom, imma hallejtilhom risposta.

19. ESTHER — Biex ikunu jistghu jibqghu hawn?

20. SALATHIEL — Sakemm jitlaq minn Gerusalemm.

21. ESTHER — Trid tghid sakemm jitilqu minn Gerusalemm.

22. SALATHIEL — Mela hi se tmur mieghu?!

23. ESTHER — Illum martu. Tahseb int li se titilqu ma l-ewwel ghawg li jinqalghelhom?

24. SALATHIEL — Ismaghni, Esther. Ma rridekx theggigha biex tfittex titlaq minn hawn. (Jersaq lejn in-naha ta' barra tal-palk) Xi gralkom ilkoll? Mela tliftu raskom? Xahar ilu din kienet dar fejn kulhadd kien jirraguna; fejn kulhadd kien jidher ghal qalbu. (Jinzel 'l isfel lejn il-lemin, imbaghad minn hemm 'l fuq fuq il-lemin) X'sar minna issa? Rachel marret izzewget lil wiehed rivoluzjonarju li ghaddew il-ħaqq fuqu; Mathias dar kontra tieghi, u int trid titlaq ma' Ruman!

25. ESTHER — Iva, tbiddel kollox. (Tinzel 'l isfel tal-palk u toqghod bil-qeghda fuq banketta fuq ix-xellug)

26. SALATHIEL — Ghalfejn gie n-Nazzarenu? (Issa ghandu sieq wahda fuq targa tal-qiegha u qed ihares quddiemu lejn ix-xellug)

27. ESTHER — Hekk kien miktub.

28. SALATHIEL — Naf. (Jinzel 'l isfel fuq il-lemin ta' ESTHER u jmellsilha xagharha) Hosanna... iva, binti u ghalik fuq kollox. Izda dari kienet mirfuda daqshekk tajjeb.... kont daqshekk imkabbar biha! U llum qeghda tiggarraf bicca bicca.

1. ESTHER — Hwejjeg bhal dawn jigru ta' kuljum. Jekk Rachel u jiena nitilqu, inti tibqa' tghix hawn flimkien ma' Mathias.

2. SALATHIEL — Ghandu f'rasu li ma mxejtx bil-ghaqal ghal kollox dwar dil-bicca xoghol. Nahseb li hekk hu. (Jaqsam mil-lemin ghan-nofs lemini) Ebda negozju ma jista' jkun imdahhal fi hwejjeg bhal dawn. Tista' tghid nofs il-kontijiet taghna ga huma maghluqin. Ma nlumux talli waqtiet ikun xi ftit zorr.

3. ESTHER — In-nies jinsew mal-ghajr.

4. SALATHIEL — Ma nahsibx li haga bhal din se tintesa kif gieb u lahaq. Le. Ir-riefnu li ghadda hezzizna lkoll. (Pawsa) Ma tistax tizzewgu lil dar-Ruman. (Jigi lura fuq il-lemin ta' ESTHER)

5. ESTHER — Ghala ma nistghax? Hu jhobbni. U ma nahsibx li nkun nista' noqghod hawn wara dak kollu li gara. Irrid nitbieghed kemm nista' minn dawk is-sighat tal-biza' li ghaddejt fuq l-KALVARJU.

(MATHIAS jigi lura. Jidhol minn fuq il-lemin b'xi dokumenti f'idejh u jmur joqghod fuq il-lemin)

6. MATHIAS — Pa... David u Rachel gejjin 'l hawn. Smajt kollox dwar it-twettiq tal-haqq li sarilhom. Irrid nahseb li m'humiex dehlin hawn gew, hux?

7. SALATHIEL — Iva, dehlin.

8. MATHIAS — Imma tifhem li ma jistghux jaghmluh dan!

9. SALATHIEL — Jehtieg. Fejn jistghu jmorru jekk mhux hawn?

10. MATHIAS — Dwar dan m'ghandi ebda hjiel, imma ma jistghux jidhlu hawn. Int innifsek imissek tiehu hsieb biex ma jigux.

11. ESTHER. — Imma, Mathias.........

12. MATHIAS — Jekk joghgbok.....Esther. Kemm il-darba trid taqa' ghazzuffjett ma' Ruman, ghandek il-jedd kollu li taghmlu, imma f'did-dar ma rridhomx isuru aktar bluhat. Matul il-gimgha li ghaddiet, bizzejjed rajt jigru affarijiet quddiem wicci, biex niggennen... ima m'inhix, tibzax. Behsiebni nibqa' nissielet sakemm mill-gdid nerga' nirbah dak li ntilef, u ma jimpurtanix lil min insib fih-nofs.

(SALATHIEL jersaq aktar lejn MATHIAS)

Pa, jekk int ma tridx tirraguna dwar dil-bicca xoghol, jiena rrid u behsiebni naghmel hekk. David kiser il-ligi, gie tturufnat minn Gerusalemm u ghandu ghalfejn iqis lilu nnifsu xxurtjat. Rachel l-gjazla taghha ghamlitha, u issa trid terfa' salibha. Kif ninsabu bhalissa, m'ahniex 'l-boghod wisq mir-rovina, u jekk din issehh, ghalina jintemm kollox darba ghal dejjem. Ma rridhomx hawn gew, qed tifhem? Ma rridhomx hawn gew.

13. SALATHIEL — (Jaqsam fuq ix-xellug ta' Mathias) Mathias.... jiena l-kap.

(Mathias jidhol fil-vers li jmiss hawn)

...f'dari.....

14. MATHIAS — (Jitfa d-dokumenti fuq l-iskrivanija) Le, M'intix! Jekk l-affarijiet ikomplu jihzienu, ma jibqax ta' x'hiex tkun il-kap. (Johrog fit-terrazzin ghan-nofs fuq il-lemin) Se nipprova nara x'naghmel biex ma jkomplux imorru ghall-aghar u, milli jidher, ilolli nahdem wahdi fuq dil-bicca xoghol.

(SALTHIEL JERSAQ AKTAR KEJN IL-LEMIN U JHARES LEJN IX-XELLUG)

Kollox sew...(jigi f'tarf il-qiegha, livell mat-tarf ...ufan ) imma mhux se jkun hemm aktar bluhat

1. SALATHIEL — Mathias...qed taghmilhieli tqila hafna.....

2. MATHIAS — Qed naghmilha bi tqila? Toghgobni l-bicca xoghol! Naghmilha bi tqila ghal min? Lili intom ma tqisunix? X'gid hareg minn dan kollu ghal xi hadd, hlief ghal ESTHER LI? WARA Kollox, seghet tigi mfejqa minn tabib ta' l-affarijiet tieghu. Bhal issa quddiem ghajnejja qed nilmah familja li tghix tajjeb u negozju irawwem mill-ahjar linqed jigu mhassrin u mxejnin ghal kollox minhabba xewwiex li sar maghruf x'kien, u ghax jiena il-wahdani li rrid inwaqqaf din l-irvina kollha, jigu jghiduli li qed naghmilha bi tqila. (Jidhol ISAAC minn fuq il-lemin)

3. ISAAC — Sidti Rachel u Mastru David dalwaqt jaslu, Sinjur.... X'se naghmel?...Sidi Mathias ma jridnix indahhalhom.

4. SALATHIEL — Inzel isfel u dahhalhom minnufih, M'ghandniex xi nghidu.

5. ISAAC — Tac-cajt!

6. ESTHER — Tkunx assurd, Mathias. Ma nistghux naghalqulha l-bieb ma' wicchq lil Rachel! Mur dahhalhom, Isaac.

(Tqum bil-wieqfa)

7. ISAAC — Iva, sidti.

(Johrog minn fuq il-lemin)

8. MATHIAS — Kollox sew, ejjew inkunu sinceri bejnietna. Jekk jibqghu hawn huma, nitlaq jien. Imma, jekk tkeccuni 'l barra middar, zgur mhux se jirnexxilkom tqalftuni minn negozju. M'hemm ebda wiehed mill-klienti kollha taghha li ma jzommx mieghi, u jiena wara ngharrafhom ilkoll li nkun hlist minnkom.

9. SALATHIEL — (Jitla' ftit 'l fuq ) Hadd ma jrid ikeccik mid-dar, ibni

10. MATHIAS — (Idur ghal wara s-sufan u jitla' n-naha tal-lemin tat-terrazzin) Ma tistax ikollok lili u 'l David, jew lil Rachel.

(RACHEL U DAVID jidhlu fuq il-lemin. Rachel tibqa' sejra fuq il-lemin ta' Salathiel ghan-nofs, u wara li tghannqu maghha, tmur lejn ESTHER. X'hin ikunu qeghdin jaqsmu l-palk, DAVID u SALATHIEL jiltaqghu)

11. SALATHIEL — (Jghannaqha) Rachel, binti! (Jiehu b'idejn David waqt li Rachel tkun qeghda tbus li Esther) Jisghobbija.

12. DAVID — Imissel tirghex.

[illegible]

13. SALATHIEL — Jitla' fuq il-qiegha, in-naha tax-xellug tas-sufan)

Mela x'inhu. Imma m'inhix. Jisghobbija, ghal kull wiehed u wahda minna.

(Issa David ikun mar fil-kantuniera, 'l fuq mill-iskrivanija fuq il-lemin)

14. RACHEL — (Iddur fuq Mathias) Kollox sew, Mathias? (Tibqa sejra ftit aktar lejn il-lemin, 'lisfel minn nofs is-sufan)

15. MATHIAS — (Lil Rachel u 'l-David) Harsu 'l hawn, intom it-tnejn. (Jersaq f'tarf il-qiegha fuq in-naha tal-lemin tas-sufan)

Milli jidher, missieri tilef il-kontroll fuq kif mexjin l-affarijiet, Jisghobbija li jkolli nistqarru dan, imma din hi l-verita. Il-familja taghna rnexxielha taghmel isem f'Gerusalemm minn mindu tnisslet seba' generazzjonijiet ilu. Jiena nemmen li ghad ghandha isem li jfisser xi haga, ghalhekk f'did-dar m'hawnx post ghal isterizmi bla sens. Il-praspura tan-Nazzarenu ma tiswa xejn ghal kull min ghandu mohhu f'postu. Hu hallas b'hajtu ghal bluhitu, ghalhekk ma rridx noqghod inhaqqaqha maghkom aktar f'dil haga, ghalhekk, jekk joghgobkom, morru fejn tridu, u gorru xawwatkom maghkom.

1. RACHEL — Kollox sew, Mathias, se mmorru.

2. SALATHIEL — (Jinzel minn fuq il-qieghda u jmur joqghod fuq ix-xellug TA' RACHEL) Imma, Rachel......

3. RACHEL — Le, pa...ga qtajnieha x'ghandna naghmlu. Urejt kemm tassew ghandek qalbek haniha la xtaqtna noqghodu hawn, imma Mathias ghandu ragun. Jekk nibqghu hawn, ma nkunux qeghdin nimxi bil-haqq mieghu. Ghaddejna biss biex nizzu-khajr u biex insellmulek qabel nitilqu.

4. SALATHIEL — Fejn se tmorru?

5. DAVID — Damasku, fejn ghandi hafna hbieb.

6. SALATHIEL — 'L-boghod hafna minn hawn! Zgur ma nergax narak aktar, Rachel.

7. RACHEL — Isa, pa...taghmilhielniex bi tqila aktar milli hi. X'kont se nghid?...dwar iz-zija Deborah... imissek thalliha terga' tigi toqghod hawn.

8. MATHIAS — Xorta wahda hazin. Kulhadd jaf li f'dan l-iskandlu hija kienet billet sebghha daqs kull wahda minnkom.

9. DAVID — Imma xwejjha bhal dik ma tistax taqbad u tkeccieha 'l barra. ...qisu ma gara xejn!

11. MATHIAS — Int x'ghandek x'taqsam?

12. DAVID — Xejn...mhix ghajr ftit tal-hniena li ghandu x'jaqsam maghha kulhadd. Hija xwejjha minn taghna hafna...ma tistax thallieha titgerbeb mal-hamla......

13. MATHIAS — M'hemmx ghalfejn tfakkarni x'ghandi, jew x'm'ghandix naghmel. Biex inkun ftit rozz, nghidlek li qed nahseb ghal rasi biss. Jiena nsalva kemm il darba nehles minnkom ilkoll. (B'sub-ghajh fuq il-polz ta' idu stess) Il-polz tal-fortuna tieghi nista' nhossu sa l-inqas tahbita. In-Nazzarenu nissel taqliba shiha li minnha ismi rridu jkun mehlus darba ghal dejjem .... qeghdin tifhmu? Ma jaqbillix li nkun maghruf bhala midhla ta' xi habib minn tieghu. (Jghaddi 'l-isfel fuq il-lemin ta' l-iskrivanija bhalkieku se johrog mill-kamra, imma jieqaf meta Salathiel jaqbad jitkellem)

14. SALATHIEL — Zitek Deborah joqghod f'dari kemm il-darba nkun nixtieq jien.

15. MATHIAS — U jien nghidlek li ma toqghodx. Hi kellha x'taqsam ma' bniedem xewwiex.

16. DAVID — Titkellimx hekk, Mathias.

17. MATHIAS — Lil min sallbu fuq il-Kalvarju jekk mhux lil wiehed xewwiex, eh?

18. DAVID — (Jersaq 'l-quddiem) Dik gidba fahxija.

19. RACHEL — (Tmur fuq ix-xellug ta' David) David!

20. MATHIAS — M'Hemmx ghalfejn tinhassad, Rachel! Imissek sirt taf xi jsarraf s'issa.

21. DAVID — Lill-Imghallem M'ghandekx issejjahlu xewwiex.

22. MATHIAS — U jekk insejjahlu xi jkun gara?

23. DAVID — (B'Idejh maghqudin f'ponnijiet) Ma ssejjahlux, qed inghidlek.

24. RACHEL. — (B'idha fuq drieghu) David....David.......

25. MATHIAS — Ghax inkella terga' ssawwatni f'isem Kristu. Il-Princep tal-Paci ssejhulu, hux tassew?

(~~DEBORAH~~ NATHAN jhabbat fil-bieb fuq il-lemin)

26. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Il-Princep tal-Paci. Uliedi!

27. MATHIAS — Ghaliex gejt lura?

28. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Jmur fuq il-lemin ta' Salathiel) Gejt biex insellmilkom ghall-ahhar darba qabel nitlaq.

1. SALATHIEL Jekk trid, tista tibqa hawn maghna, Deborah.

2. MATHIAS Ma tistax.... mhix raguni din....(Joqghod bil-qeghda wara l-iskrivanija)

3. ~~DEBORAH~~ NATHAN Le, Mathias, mhix raguni. Ghaddejt wkoll minhabba z-zaghzugh Jacob. Ma jistax isir xi haga, Salathiel?

4. SALATHIEL Dak ir-Ruman li tkellem ghalik il-qorti mar jara x'jista' jsir.

5. ~~DEBORAH~~ NATHAN Taf min hu dak?

6. SALATHIEL (Jinzel pass 'l isfel) X'jiifieri? Kien hawn qabel ma n-Nazzarenu nizel minn Betanja dik il-lejla. Minn dak inhar 'l hawn baqa' dejjem mohhu fina.

7. ~~DEBORAH~~ NATHAN Hu wkoll kien fuq il-Kalvarju.

8. ESTHER Talabni nizzewgu, zija Deborah.

9. ~~DEBORAH~~ NATHAN Ruman? B'dan kollu....iva., imissek tizzewgu. Hu ragel nobbli hafna. Iva... hu wkoll kien fuq l-gholja tal-kalvarju.

10. DAVID Ghax tghid, bsart li kien l-istess bniedem.

11. ESTHER Liema bniedem?

12. DAVID Fl-ahhar agunija waqt li kien imsallab...... .

(Isaac ifegg fil-bieb fuq il-lemin)

Il-posizzjonijiet huma hekk :- ISAAC fil-bieb fuq il-lemin MATHIAS bil-qeghda wara l-iskrivanija fid-dahla tal-hajt, David u Rachel Flimkien lil hinn mill-iskrivanija fuq il-lemin Deborah u Salathiel fin-nofs 'l hawn mis-sufan u Esther fuq ix-xellug.)

13. ISAAC Hawn sidi Levi, Sinjur. Intellghu?

14. SALATHIEL Iva. (Imur 'l-isfel sa l-ewwel targa tal-qiegha)

(ISAAC johrog minn fuq il-lemin)

15. ESTHER X'kont qed tghid, David?

16. ~~DEBORAH~~ NATHAN (Biex ma jhallix lil David iwiegeb) Thobbu , Esther? (Jaqsam ghal fuq il-lemin ta' Esther.)

(DAVID jghaddi minn wara Rachel u jmur fuq ix-xellug taghha fuq it-targiet tal-qiegha)

17. ESTHER Iva, zija Deborah, inhobbu.

18. ~~DEBORAH~~ NATHAN La hu hekk, mela.... (Isaac idahhal lil-Levi)

19. ISAAC Levi. Sinjur. (Isaac johrog minn fuq il-lemin)

20. SALATHIEL (Jinzel 'l-isfel ghan-nofs) X'inqala Levi?

21. LEVI (Imur joqghod fuq il-lemin ta' Salathiel) Ma smajtx?

22. SALATHIEL XI smajt?

23. LEVI Gerusalemm bi hgarh saret taf!

24. MATHIAS X'saret taf Gerusalemm bi hgarha?

25. LEVI Qeghdin ighidu li n-Nazzarenu qam minn bejn l-imwiet.

26. ~~DEBORAH~~ NATHAN (Wara waqt ta' skiet) Dan huwa t-tielet jum.

27. MATHIAS Kulhadd sar jaf x'gara. Smajt ftit ilu waqt li kont ghaddej mit-toroq tal-Belt. Id-dixxipli tieghu serqu l-gisem mill-qabar li fih kien difnu wiehed fanatiku minn Arimathea bil-permess ta' Pilatu. Dan jaghmel parti mill-istess qerq.

28. DAVID (Jaghmel hiltu biex izomm sabru) Ejja mmorru, Rachel.

29. LEVI Qeghdin ighidu li xi nisa raw b'ghajnejhom.

30. MATHIAS M'hemmx sens li ttenni isterismi boloh bhalma qed taghmel!

31. RACHEL (Tinzel 'l isfel tal-palk livell ma Mathias, thaxken ma' l-iskrivanija) Billi l-grajja taghtiha dawn l-ismijiet

RACHEL — kollha, mhux se jirnexxilek thassarha minn imhuh in-nies.

(DAVID imur hdejha fuq ix-xellug)

1. MATHIAS — Int mur inghaqad ma' hbiebek kemm trid, Rachel, u oqghod tghaxxaq bil-grajja kemm joghgbok. Imma whud minna be-hsiebhom jiqghu jghixu hajjithom ta bnedmin ghaqlin. Ghallinqas jiena dan li behsiebni naghmel. M8ghandix zmien x'nahli dwar duhhan bla xiwa ta' mejtin li qamu mill-imwiet. Tajjeb....mela issa ghadda kollox. Ejjew ninsew kulmagara eh?

2. ESTHER — Bilkemm ghadna bdejna.

3. ~~DEBORAH~~ NATHAN — "Wara tlett ijiem jiena nirxoxta." Dawk kienu l-kelmiet li qal.

4. MATHIAS — (Iqalleb il-karti ta' quddiemu) Jekk joghgobkom, u qed inghid ghal kulhadd, ghandi x'naghmel. Jiena ma nafx x'ghandkom f'mohhkom taghmlu, imma m'hemmx ghalfejn noqghodu niddiskutuhom hawn, hux tassew?

5. SALATHIEL — Inhallu kollox ghal ghada meta nkunu nistghu nitkellmu ahjar. wasal il-hin ta' l-ikel. Tickol maghna, Levi?

6. LEVI — Grazzi hafna. (Imur fit-terrazzin u jhares 'l barra mill-fetha tan-nofs. Wara ftit jigi lura u jmur joqghod bil-qeghda fuq in-haha t8isfel tal-lemin tas-sufan)

7. DAVID — Jehtieg li nitilqu l-lejla.

8. SALATHIEL — Imma....(Imur fuq ix-xellug ta' David)

9. RACHEL — (Taghti pass lejn David) Isma' minni, pa. Ahjar hekk.

10. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Se mmorru, Salathiel.

11. SALATHIEL — Le. ~~Deborah~~ NATHAN, ghallinqas int ibqa' hawn.

12. ESTHER — Mathias ghandu ragun, pa. Ma jistax ikun niqghu hawn.

(Issa Rachel u David iridu ikunu boghod mill-iskrivanija u aktar lejn il-lemin)

13. SALATHIEL — Ma jistax ikun!....Ma jistax ikun li niqqa wahdi!

(Jinzel 'l isfel lejn in-nofs tal-palk u jhares lejn il-lemin) Mathias, M'intix tara x'qed taghmilli? Int innifsek qieghed tghid li dil-grajja tan-Nazzarenu mhi xejn....(Jersaq lejn l-iskrivanija) li ftit gimghat ohra u Gerusalemm tkun insiet kollox dwarha. U meta tkun intesiet, int lili tkun xejjintli nofs l-ghan ta' xjuhiti. (Jerga' jinzel ghal nofs il-palk) Il-bniet tieghi se jkunu tturufnati f'post fejn ma jkunux jistghu jisimghuhi meta nsejhilhom.

14. ESTHER — (Tmur lejn ix-xellug ta' SALATHIEL u tiltaqa' mieghu ghan-nofs)

Hekk jew hekk Rachel jehtigilha titbieghed minn hawn, pa. U lili ma nahsibx li tkun trid izzommni hawn la darba nkun mizzewga ma' Ruman!

15. MATHIAS — Tifhem li Esther qeghda tirraguna, hux tassew?

16. SALATHIEL — Iva, nifhem.... Nifhem ukoll li wahhaltha f'rasek li tbeghedhom minni. (Ihares madwaru u wara ftit imur quddiem l-iskrivanija. Harstu mbaghad tieqad fuq ~~DEBORAH~~ NATHAN) ~~Deborah~~ NATHAN, int ma tridx tibqa' hawn? Lanqas jekk nitolbok jien? (Jaqsam il-palk u jmur hdejn ~~DEBORAH~~ NATHAN fuq ix-xellug)

Lanqas jekk nitolbok bil-hniena b'qalbi kollha?

(ESTHER iddur lejn il-qiegha)

Ghallinqas int ghandek tpattili ta' kemm ghamilt mieghek.

1. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Tqieghed ~~idejha~~ idu fuq spallejn SALATHIEL) Ma ninsa qatt kemm ghamilt mieghi!

2. SALATHIEL — Mela ibqa' hawn.

3. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Ma jkun jiswa ghal xejn.

4. MATHIAS — Ghaliex tird tibqa' tissikkaha, pa?

5. SALATHIEL — Gha jiena nibza' minnek, Mathias.

6. MATHIAS — Minn kulhadd imissek tibza' minbarra minni.

(Ic-CENTURJUN Ruman jigi lura. Imur fuq il-lemin)

7. ESTHER — (L-ewwel wahdali tilmhu) Iva,.... fejn hu qieghed?

8. CENTURJUN — Isfel.

9. SALATHIEL — Irnexxilek? Qieghed niehu gost.

10. CENTURJUN — Mhux ghax ried jizzini hajr wisq, tafux. Tistghu tghidu, kelli nkaxkru minn ghonqu.

11. SALATHIEL — X'jigifieri?

12. CENTURJUN — (Imur fuq il-lemin ta' ESTHER)

Pilatu rraguna hafna.... minnufih taha l-ordni. Imma iz-zaghzugh ghamel plejtu shih.... halef li ma jigix mieghi.... qal li lanqas biss id-dehra taghna r-Rumani ma jahmel. M'ghandnix xi nghidu hadd ma kellu xejn kontra dak iz-zaghzugh imferfex, u ghalhekk kienu herqana mhux ftit li jehilsu minnu mill-aktar fis. B'danakollu, kellhom iqalftuh 'l barra bis-saqajn.

U tghidx kemm habbatni sakemm wassaltu hawn, issa ma jkun gara xejn billi nghidilkom. Fit-triq tajna wirja sabieha lil kull min rana ghaddejjin.... sahansitra kien hemm min haseb li kont qed nisirqu lil dak iz-zaghzugh!

Nhar il-Gimgha, meta beda jaqla' l-ghawg, xi hadd qalli li kien hatba.... Imma jiena ma naqbilx li zaghzugh bhalu ghandu jintbaghat fuq ix-xwieni.... b'danakollu ghal ftit ma hax li haqqu.

(L-ilhna ta' ISAAC u JACOB jinstemghu mit-tarag barra il-kamra)

13. ISAAC — (Minn barra) Imma mhux bizzejjed ghaddejt mim ghawg, zaghzugh?

14. JACOB — (Minn barra) Ma jimpurtanix.... irrid nitla' fuq.

15. ISAAC — (Minn barra) Hallik minn dan, tkun iblah.

1. JACOB — (Minn barra) Nehhi idejk minn fuqi.... m'inhix se nogghod ghal dan, taf.

2. ISAAC — (Minn barra) Tkunlek ta' taghlima jekk jichad li jkollu x'jaqsam mieghek aktar.....

3. JACOB — (Minn barra, imma eqreb) Ma rrid li jkollu x'jaqsam xejn mieghi... hallini nitla', qed inghidlek...

(JACOB jidhol b'girja fil-kamra)

Isimghuni.... halluni nohtog minn hawn. Isaac sakkarni gewwa.... ipprova jaghmel l-istess darba ohra.

4. CENTURJUN — Inti taghmel dak kollu li jghidulek.....

5. JACOB — Le!.... Lanqas ma rridha l-karita' mahmuga li jafu jaghtu r-Rumani!

6. ESTHER — Mela tassew li qed tiggennen?

7. JACOB — Hekk nahseb. Min ma jiggennix wara dak kollu li sar fuq il-Kalvarju? Ghaliex m'intomx imgienen ilkoll kemm intom?

8. SALATHIEL — Jacob, ibni.....

9. JACOB — Ghalxejn... ghalxejn, sinjur! Int kont qalbek hanina hafna mieghi.... imma dan issa ma jfisser xejn! Xejn m'ghadu jiswa aktar!

(SALATHIEL jitla' t-targiet tal-qiegha u jmur lejn il-fetha tal-lemin tat-terrazzin)

Hallukom jibghatuna fuq ix-xwieni. Ahjar inkun hemm, jew mejjet, minn band'ohra.

10. ESTHER — Imma dac-Centurjun jixtieq jghinek.... irid ifassallek hajja gdida li ghandek tkun kburi biha. Jiena sejra mieghu.

11. JACOB — (Imur fuq in-naha tal-lemin tac-CENTURJUN) Hu Ruman..... kienu r-Rumani li qatluh. Kien Ruman li sawtu fi triqtu huwa hu tiela' l-gholja.... u jiena garajt gebla ghal fuq dak il-wicc sfieqi ta' Ruman li kellu. Kieku mhux gia x zammewni, kont nohonqu. Halluni nitlaq.

12. MATHIAS — Hallih jitlaq, f'gieh Alla.

13. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Ibni.... inti kont thobbu l-Imghallem li issa hu mejjet, hux tassew?

14. JACOB — (Imur fuq il-lemin ta' ~~DEBORAH~~ NATHAN) Jiena kont inqimu.

15. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Jmur hdejn JACOB) Zgur li ma kienx ikun iridek iggib ruhek b'dal-mod. (Jiehu idejn JACOB f'tieghu)

16. JACOB — Ma nistax ninsa x'ghamlulu.

17. ~~DEBORAH~~ NATHAN — M'hemmx ghalfejn tinsa. Ahna ghandna nibqghu niftakru fih billi naqduh, mhux billi naqtghu jiesna. Int ghadek zaghzugh u ghad baqaghlek hafna snin xi tghix, u matul dawn is-snin kollha ghad titkellem u ssemmi ismu kemm-il darba. Jekk minn jeddek tiehu l-kastig li tak il-Haqq, dan la jghin lilek u lanqas lilu. Mur bil-qalb it-tajba u aqbad ix-xoghol il-gdid li qeghdin jaghtuk minn qalbhom, u kif tixtieqek taghmel sidtek Esther. Hija wkoll se tmur fejn sejjer int. (Jitbieghed ftit lejn ix-xellug)

18. JACOB — (Idur fuq ESTHER) Ghaliex sejra ma' Ruman? (Jersaq aktar lejn ESTHER)

19. ESTHER — Se nizzewgu.

20. JACOB — Ghaliex?

1. MATHIAS — (Iqum bil-wiegfa) X'jigifieri? Se thallu zaghzugh jahdem fil-kcina jogghod jaghmlilna l-mistoqsijiet? Itlaq.... mur fuq ix-xwieni fejn baghtuk u ehlisha, jekk ghandek!

2. ESTHER — Kun af, Mathias, li hajtu hija siwja daqs tieghek. (Lil Jacob) Jiena se nizzewgu ghax, ghalija, huwa l-ahjar wiehed fost l-irgiel.

(SALATHIEL imur fuq ix-xellug ta'LEVI)

3. JACOB — Ruman?!

4. ESTHER — Iva.

5. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Dan ir-Ruman lill-Imghallem qdiegh tajjeb hafna, ibni.

6. CENTURJUN — (Fuq il-lemin ta' JACOB) Jekk joghgbok.... ma nsemmghu xejn.

7. JACOB — (Jinzel ftit 'l isfel) Qdiegh tajjeb, ghidt?

8. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Iva.

9. CENTURJUN — Lanqas kelma wahda m'ghandha tissemma' dwar dan.

10. JACOB — F'hiex qdiegh? Ghalli jista' jkun mhux int kont dak!...

11. CENTURJUN — (B'awtorita') Iskot.

(JACOB johrog lejn in-naha tax-xellug tat-ter-razzin)

12. DAVID — (Imexxiha ftit lejn il-lemin) Rachel, jehtieg li mmorru.

13. SALATHIEL — (Jinzel minn fuq l-qiegha u jmur fuq ix-xellug ta' RACHEL) Mhux dal-lejl....

14. RACHEL — Ikun ahjar nitilqu issa, pa. Billi nghaddu lejl iehor hawn mhu se jiswielna ghal xejn. Sahha.

15. SALATHIEL — (Jghannaqha mieghu) Tkun imbierka.... tkun imbierka, binti.

16. RACHEL — Jista' jkun li gurnata ghad....

17. SALATHIEL — Le, le....ma nergax narak b'ghajnejja (Ibusha).

18. RACHEL — (Tmur fuq Esther) Esther.

(Jitbewsu)

19. DAVID — (Imur fuq il-lemin ta'SALATHIEL) Jisghobbija.

20. SALATHIEL — (Johodlu b'idu) Ibqa' habba. Tkun imbierek int, ukoll.

21. RACHEL — (Tinzel 'l isfel ghan-nofs) Zija Deborah, int minn dejjem kont ghaziza ghalija.....

22. ~~DEBORAH~~ NATHAN — (Tmur Aogghod fuq il-lemin ta' RACHEL) Ghaziza tieghi, se nitolbok haga li zgur m'intix se tic-hadhieli. Hallini nigi maghkom.

(Ic-CENTURJUN jersaq lejn ix-xellug u ESTHER tmur hdejh)

23. DAVID — (Imur 'l isfel tal-palk, ftit lejn il-lemin) Imma quddiemna ghandna dinja mimlija tbatijiet.

24. ~~DEBORAH~~ NATHAN — Ma naqtax qalbi minnhom. Naf inkanta. B'hekk inkunu nistghu naqduh ilkoll flimkien.

25. DAVID — Isir kif trid int. (Jimxi lejn il-bieb)

(MATHIAS imur quddiem l-iskrivanija tieghu)

26. RACHEL — Niehdu hsieb xulxin. Sahha, Mathias.

27. MATHIAS — Sahha. Wara li tkunu tlaqtu ...

| | | |
|---|---|---|
| 1. | ~~DEBORAH~~ NATHAN | (Idur fuq ix-xellug u ibus lil ESTHER) Il-barka tieghi tinzel fuqek. (Jaqsam il-palk biex imur lejn il-bieb fuq il-lemin, u idur fuq SALATHIEL) U fuq darek, hi. |
| 2. | SALATHIEL | Bhalissa tinsab imharbta ghal kollox. (Matul dix-xena jkun baqa' f'nofs il-palk) |
| 3. | MATHIAS | Qeghda tqum mill-herba li kienet tinsab fiha. |
| 4. | SALATHIEL | Iva, ibni. |
| | | (~~DEBORAH~~ NATHAN johrog minn fuq il-lemin) |
| 5. | MATHIAS | (Lil ESTHER) Int x' se taghmel? |
| 6. | CENTURJUN | Ahna wkoll jehtigilna mmorru. |
| 7. | SALATHIEL | Tmorru?.... Imma kif....? |
| 8. | CENTURJUN | Ghidtlu lil Pilatu. Tani l-permess. Hwejjeg bhal dawn ahjar wiehed iwettaqhom minnu fih. |
| 9. | SALATHIEL | Lili hadd ma jahbili xejn.... hadd minnkom.... Mela morru, la tridu! |
| 10. | JACOB | (Jinzel u jmur jogghod fuq il-lemin ta' ESTHER, lic-CENTURJUN) Ghidli, kif qdejtu lill-Imghallem? |
| 11. | CENTURJUN | Forsi, ghad inghidlek xi darba. |
| 12. | JACOB | Nahseb li wara kollox, sidti Deborah kellha ragun. Iva, irrid nigi maghkom, sidti Esther. (Jaqsam il-palk u jmur jogghod jistenna fil-bieb) |
| 13. | LEVI | (Waqt li jkun riesaq lejn it-targiet tal-qiegha... lic-CENTURJUN) Meta kont barra, smajt xi haga dwar dil-qlajja l-gdida? |
| 14. | CENTURJN | Xi qlajja? |
| 15. | LEVI | Li n-Nazzarenu qam minn bejn l-imwiet. |
| 16. | CENTURJUN | Le, ma smajt xejn dwarha. |
| 17. | LEVI | Qeghdin ighidu li l-katavru tieghu kien gheb mill-qabar meta d-dixxipli tieghu marru jzuruh dal-ghadu. |
| 18. | MATHIAS | U jiena nghid.... li serquh huma. |
| 19. | LEVI | Qeghdin jghidu wkoll li xi nisa rawh b'ghajnejhom. Wahda mill-hrejjef li qeghdin itennu hi li ma kienx ghadu mejjet ghal kollox meta dak ir-ragel minn Arimathea qalghu u nizzlu minn fuq is-salib. Jidhirli li din hija l-ahjar tifsira li tista' tinghata. |
| 20. | CENTURJUN | Ma jistax ikun. |
| 21. | ESTHER | Ghaliex ma jistax ikun? |
| 22. | CENTURJUN | Ghax.... (Jieqaf hesrem) |
| 23. | JACOB | (Jigi lejn in-nofs lemini) Mela int kont dak ir-ragel! |
| 24. | ESTHER | (Tinzel ftit 'l isfel) Xi trid tfisser b'hekk?.... X'jigifieri?..... Ghidli.... jehtieg li tghidli. |
| 25. | JACOB | Jiena naf. L-Imghallem kien fl-ahhar waqtiet ta' l-agunija tieghu. Dan niffidlu genbu. |
| 26. | ESTHER | (Lic-CENTURJUN) Kont int! |
| 27. | JACOB | Le, sidti... dak il-hin gietu hniena minnu. (Imur lejn il-lemin tac-CENTURJUN) Ma kienx ghajr att ta' hniena. (Jinzel gharkobbtejh f'riglejn ic-CENTURJUN) Jiena naqdik minn qalbi. (Issa jinsab gharkobbtejh quddiemu) |
| 28. | ESTHER | Int qtiltu.... int b'idejk stess.... |
| 29. | JACOB | Ma tintebahx, sidti Esther, li kulma ghamel kien biex jehilsu..... |

1. CENTURJUN Ma kienx ghajr semplici att ta' hniena.

(Jacob iqum bil-wieqfa u jmur fuq ix-xellug tac-CENTURJUN)

2. MATHIAS Fejn behsiebkom tmorru int u Esther?

3. CENTURJUN Fir-razzett li ghandi fuq l-Adriatiku.

4. MATHIAS M'ghandniex xi nghidu, ghad ikollkom zmien kemm tridu biex titkellmu fuq hekk. (Imur lura lejn l-iskrivanija tieghu u jsensel xogholu)

5. CENTURJUN Fhimt, Esther?

6. ESTHER Iva, fhimt.

7. CENTURJUN Kelli f'mohhi li ma nitkellem qatt izjed hwarha

8. ESTHER Ahjar inkun naf. U issa, pa.

9. SALATHIEL M'ghandniex xi nghidu aktar.

(ESTHER taqsam minn fuq il-lemin ghall-iskrivanija)

10. CENTURJUN (Waqt li jmur fuq SALATHIEL) Sahha, sinjur.

11. ESTHER Kollox sew, Mathias?

12. MATHIAS (Iqum bil-wieqfa) Iva, kollox sew. (Jerga' joqghod bil-qeghda)

(ESTHER tohrog minn fuq il-lemin, u warajha johorgu c-CENTURJUN u JACOB. SALATHIEL johrog fit-terrazzin u joqghod ihares lejn ix-xellug nofsani)

13. LEVI (Jersaq lejn il-lemin ta' l-iskrivanija) Nahseb li kellek ragun [illegible] wara kollox, Mathias.

14. MATHIAS Dazgur! Dazgur li kelli ragun!

15. LEVI Tista' torbot fuq id-drawwa taghna kemm trid int. Jekk issib ruhek marsus.... temporanjament - il-kredtu taghna tista' taghmel uzu minnu kemm joghgbok. Huwa qawwi hafna.

16. MATHIAS Grazzi. M'inhix se ninsa, tibsax. B'danakollu, hawn f'Gerusalemm, ahna ghadna kapaci nzommu rasna 'l fuq mill-ilma.

17. LEVI Bhal qatt qabel, eh?.... Jiena cet minn dan.

18. MATHIAS Iva, bhal qatt qabel.

19. SALATHIEL (Minn fuq it-terrazzin) Debohah ghaddejja tajjeb hafna magenbhom.

20. LEVI Deborah?!

21. SALATHIEL Iva.... ga lahqu nofs it-telgha li tiehu ghal Betanja. Nahseb li Betanja ghad tissemma hafna wara dak kollu li gara.

22. MATHIAS Pa, tohlomx b'ghajnejk miftuhin. (Iqum, imur lejn il-lemin u minn hemm jibqa' sejjer fuq it-terrazzin) Issa tara kif imexxu tajjeb ahna t-tnjen. Hekk kellu jkun..... Jiena niehu hsiebek xorta wahda kif kienu jaghmlu huma, tibzax. Aghmel l-almu u afda fija.

23. SALATHIEL Iva, ibni..... Ibni l-wahdani. Wara kollox.... ahjar li jkollok tifel wiehed... (Jghannqu mieghu)

24. MATHIAS Ma nonqsokx, tibzax. (Jinzel ghal nofs il-kamra)

25. LEVI X'kont se nghid?.... Il-bank ta' Smyrna talabni nirrakkomandalu xi ditta f'Gerusalemm. Nista' nsemmilu lilkom?

26. MATHIAS Smyrna? Dazgur li tista'! Dik l-ishubija l-aktar li ghandna bzonn!

1. LEVI — Halli f'idejja. Niehu hsieb jien.

2. MATHIAS — Smyrna! Tassew ta' l-ghageb! Tassew habib, Levi!

3. LEVI — Mill-ewwel nagharfu jien lil min ikun jisthoqqlu tassew!

4. SALATHIEL — Issa wkoll Esther tiela' t-telgha mar-Ruman taghha.

(Jidhol ISAAC minn fuq ix-xellug)

5. ISAAC — (Mill-bieb) L-ikel imhejji, sinjur.

(Johrog minn fuq ix-xellug)

6. MATHIAS — Inzel ma' Levi, pa. Togghodx tistenna lili. Ghad ghandi xi figuri li rrid inlesti. M'inhix se ndum wisq. (Jghaddi minn quddiem LEVI fi triqtu lejn l-iskrivanija u jsensel xogholu)

7. SALATHIEL — Iva, Mathias.... Niesi kollha sejrin lejn Betanja. Rachel u David u Deborah.... U warajhom mexjin Esther u r-Ruman u Jacob.... Ilkoll sejrin lejn Betanja. Is-sitta li huma.. ..hemm arahom. Dak inhar kien hemm migemgha ta' nies fejn qeghdin huma issa. Imma dak il-hin kienu gejjin 'l hawn.... U issa hemm sitta min-nies fit-triq.... Sitta min-nies li hargu minn hajti!

8. MATHIAS — Pa, inzel iccena, trid?

9. SALATHIEL — Le.... m'humiex sitta..... Rachel... u David... u Deborah..... Imbaghad Esther.... u r-Ruman... u Jacob.... dawk sitta.... imma, hares ftit... huma sebgha qeghdin b'kollox! Min hu dak li miexi warajhom?.... Mathias!.... Mathias! Dak hu n-Nazzarenu!

10. MATHIAS — Hmerijiet, pa. Inzel isfel ma' Levi.

11. SALATHIEL — (Jidhol fil-kamra) M'humiex hmerijiet, Mathias. In-Nazzarenu tiela' t-telgha u sejjer ghal Betanja flimkien maghhom, qed inghidlek.

12. MATHIAS — Iva, pa.... kif tghid int. Minn hawn u ftit iehor nigi ninghaqad maghkom jiena wkoll, eh?

13. SALATHIEL — Ejja ninzlu, Levi. Qed inghidlek li kien in-Nazzarenu.

14. LEVI — Ma nistghux injunu żguri dwar dawn l-affarijiet

15. SALATHIEL — Le.... le....

(SALATHIEL u LEVI johorgu minn fuq ix-xellug)

(Imzewwaq mal-hemda ta' fil-ghaxija jinstama' kant hafif hafif ta' "Hosanna.... Hosanna fl-gholi tas-smewwiet")

(MATHIAS iqum, imur fit-terrazzin u jaghlaq il-kontraporti. Jittewweb u jitmattar)

S E P A R J U

Tmiem it-Tielet Att

Ghaqda Zghazagh Ferhana
Sta. Liberata
Kalkara

TG/LFF

27 ta' Jannar 1980